

Rapport Ġenerali 2011

Is-sena ta' disseminazzjoni



AVVIŻ LEGALI

L-opinjoni jiet jew il-pożizzjonijiet espressi f'dan ir-Rapport Ġenerali ma jirrappreżentawx neċessarjament f'termini legali l-pożizzjoni uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma tassumi ebda responsabbiltà għal xi żbalji jew ineżattezzi li jistgħu jidhru.

ĠAĦDA TA' REPONSABBILTÀ

Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Rapport Ġenerali 2011

Referenza: ECHA-12-A-02-MT
MB/06/2012 finali addottat fit-22.03.2012
ISBN-13 : 978-92-9217-665-5
ISSN: 1831-712X
Data tal-pubblikazzjoni: April 2012
Lingwa: MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2012

Qoxra © L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors huwa kompletament rikonoxxut fil-forma "Sors: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, <http://echa.europa.eu/>", u tingħata notifika bil-miktub fil-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA f': http://echa.europa.eu/about/contact_en.asp

Dan id-dokument ser ikun disponibbli fit-22 lingwa li ġejjin:

Il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Isvediż.

Jekk għandek mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola għal talba għal informazzjoni. Il-formola biex titlob informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-Paġna ta' Kuntatt tal-ECHA f': http://echa.europa.eu/about/contact_en.asp

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: Kaxxa postali 400, FI-00121 Helsinki, Finlandja
Indirizz temporanju: Annankatu 10, Helsinki, Finlandja

WERREJ

1. SUĊĊESSI PRINĊIPALI FL-2011 – SOMMARJU	9
2. ATTIVITAJIET OPERAZZJONALI – L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĊESSI REACH U CLP	11
2.1. Attività 1: Ir-reġistrazzjoni, il-kondiviżjoni tad-dejta u d-disseminazzjoni	11
2.2. Attività 2: Il-Valutazzjoni	19
2.3. Attività 3: Awtorizzazzjonijiet u Restrizzjonijiet	23
2.4. Attività 4: Il-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar (C&L)	27
2.5. Attività 5: Konsulenza u Assistenza permezz tal-Gwida u l-Ħelpdesk	29
2.6. Attività 6: Għodod xjentifiċi tal-IT	35
2.7. Attività 7: Konsulenza xjentifika u teknika lil istituzzjonijiet u korpi tal-UE.....	39
3. KORPI U ATTIVITAJIET TA' SOSTENN TAL-ECHA	42
3.1. Attività 8: Kumitati u Forum	42
3.2. Attività 9: Il-Bord tal-Appell	48
3.3. Attività 10: Komunikazzjonijiet	50
3.4. Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali	53
4. TMEXXIJA, ORGANIZZAZZJONI U RIŻORSI	56
4.1. Attività 12: Il-Ġestjoni.....	56
4.2. Attività 13: Finanzi, Akkwisti u Kontabilità.....	59
4.3. Attività 14: Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi.....	61
4.4. Attività 15: Teknoloġija tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni.....	64
 ANNESI	
Anness 1: Karta organizzazzjonali tal-ECHA; MB, Kumitat, u membri tal-Forum.....	67
Anness 2: Riżorsi Finanzjarji u Umani 2011.....	75
Anness 3: Lista tal-Kandidati ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna	76
Anness 4: Sustanzi rrakkomandati għal-Lista tal-Awtorizzazzjoni.....	83
Anness 5: Analiżi u valutazzjoni tal-AAR tal-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni għall-2011	87

AKRONIMI

AAR	Rapport Annwali tal-Attivitajiet
AD	Amministratur
AST	Assistent
BC	Kontinwità Kummerċjali
C & L	Klassifikazzjoni u Ttikkettar
CA	Aġent Kontraenti
CASPER	Applikazzjoni tal-Karatterizzazzjoni tal-IT għall-Għażla, il-Prijoritizzazzjoni, il-Valutazzjoni u r-Rappurtaġġ
CHESAR	Għodda ta' Rappurtaġġ u Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika
CLH	Klassifikazzjoni u Ttikkettar Armonizzati
CLP	Klassifikazzjoni, Ttikkettar u Imballaġġ
CMR	Karċinoġenu, Mutaġenu, Reprotossiku
CLP	Klassifikazzjoni, Ttikkettar u Imballaġġ
CoCAM	Laqgħa Kooperattiva tal-Valutazzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (qabel SIAM)
COM	Kummissjoni Ewropea
CoRAP	Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju
CSR	Rapport dwar is-Sigurtà Kimika
EC	Kummissjoni Ewropea
ECHA	L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
ECM	Ġestjoni tal-Kontenut tal-Impriża
EC TAIEX	Strument tal-Kummissjoni Ewropea ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni għal pajjiżi msieħba
EEA	Żona Ekonomika Ewropea
EFSA	Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel
EFTA	Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kummerċ Liberu
EMAS	Skema Komunitarja għall-Immaniġġjar tal-Ambjent u Verifika
ENP	Politika Ewropea tal-Viċinat
EU	Unjoni Ewropea
FAQ	Mistoqsijiet Frekwenti
HELPEX	Skambju HelpNet
HELPNET	Netwerk ta' Helpdesk REACH u CLP
HR	Riżorsi Umani
IAC	Kapaċità tal-Awditjar Intern
IAS	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea
ICT	Teknoloġiji Informatiċi u tal-Komunikazzjoni
IPA	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni
IQMS	Sistema Integrata ta' Ġestjoni tal-Kwalità
IT	Teknoloġiji tal-Informatika
ITIL	Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Informatika
IUCLID	Dejtabejż Internazzjonali għall-Infurmazzjoni Kimika Uniformi
IUPAC	Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata
MB	Bord ta' Tmexxija
MSC	Kumitat tal-Istati Membri
MSCA	Awtorità Kompetenti tal-Istati Membri
NGO	Organizzazzjoni Mhux Governattiva
NICNAS	Skema Nazzjonali ta' Valutazzjoni u Notifika Industrijali u tas-Sustanzi Kimiċi, tal-Awstralja.
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku

PBT	Persistenti, Bijoakkumulattiv, Tossiku
PIC	Regolament ta' Kunsens Infurmat minn Qabel
PPORD	Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi
PPP	Prodott għall-Protezzjoni tal-Pjanti
QSAR	Relazzjonijiet Struttura Attività Kwantitattiva
Q&A	Mistoqsijiet u Tweġibiet
RAC	Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji
REACH	Reġistrazzjoni, Valutazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi
REACH-IT	REACH-IT hija s-sistema ċentrali tal-IT li tipprovdi sostenn għal REACH
RIPE	Portal tal-Infurmazzjoni għall-Infurzar REACH
RIP-oN	Proġetti ta' Implimentazzjoni REACH dwar Nanomaterjali
SEAC	Kumitat tal-Analiżi Soċjo-Ekonomika
SME	Impriżi żgħar u ta' daqs medju
SVHC	Sustanza ta' Tħassib Serju Ħafna
TA	Aġent Temporanju
UN SC GHS	Sottokumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistema Globalment Armonizzata għall-klassifikazzjoni u l-ttikketta ta' sustanzi kimiċi u taħlitiet
vPvB	Persistenti Ħafna u Bijoakkumulattiv Ħafna
WPMN	Partit ta' Ħidma OECD dwar Nanomaterjali Manifatturati
W/W	Piż b'piż

DAFLA MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV

“Is-sena ta’ disseminazzjoni

Merħba għal dan ir-rapport dwar ix-xogħol fl-2011 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – dik li jiena nsejħilha s-sena ta’ disseminazzjoni tagħna. Id-disseminazzjoni hija kelma kemmxajn xotta għal dak li fil-verità huwa riżultat eċitanti tax-xogħol li kemm aħna kif ukoll il-kumpaniji għamilna fis-snin preċedenti. Il-websajt tagħna issa jospita informazzjoni dettaljata dwar aktar minn 100 000 sustanza kimika minn aktar minn 25 000 dossier ta’ reġistrazzjoni u aktar minn 3 miljun notifika ta’ klassifikazzjoni u ttikkettar. Din hija riżorsa ta’ informazzjoni li hija unika fid-dinja u suċċess li aħna kburin ħafna li kellna sehem fih. Wara dan, jiena l-ewwel wieħed li nammetti li l-isfida tad-disseminazzjoni għadha m’għaddietx minħabba li jeħtieġ li nagħmlu estrazzjoni ta’ informazzjoni ta’ aktar valur mid-dossiers, minħabba li l-kumpaniji ser jaġġornaw jew jeħtieġ li jaġġornaw id-dossiers u n-notifiki tagħhom. Nixtiequ wkoll li nagħmluha aktar faċli li wieħed ifittex u jifhem. Għandna mappa ċara dwar kif dak it-titjib għandu jsir tul iż-żmien. Iżda tajna bidu eċċellenti biex nimlew il-vojt fl-informazzjoni dwar sustanzi kimiċi użati ħafna, li REACH kien maħsub li jimla.

Is-sena l-oħra kien hemm ukoll ċaqliq sinifikanti fil-punt fokali għall-ECHA, minn li tagħti għajjnuna lil kumpaniji biex jilħqu l-iskadenzi għall-valutazzjoni fuq skala kbira ta’ dossiers irreġistrati. Fl-2011 il-punt fokali kien fuq l-eżaminazzjoni ta’ dossiers li jinkludu proposti minn kumpaniji biex ikunu ttestjati sustanzi fuq l-annimali u għamilna progress konsiderevoli b’dan. Madankollu, ma stajniex nikkonkludu dwar ħafna mill-proposti ta’ ttestjar kif konna qegħdin nisperaw, minħabba li l-identità tas-sustanzi kkonċernati ħafna drabi ma kinitx ċara, biex b’hekk aħna kellna nagħmlu kontroll tal-konformità. Dan huwa nuqqas importanti fi proporzjon kbir tad-dossiers eżaminati s’issa u jeħtieġ illi l-kumpaniji jtejjbuh. Jekk l-identità tas-sustanza mhijiex ċara, mhux biss il-proposta ta’ ttestjar iżda wkoll it-trattament sigur tas-sustanza(i) ikollhom nuqqas.

Matul l-2011, għamilna wkoll progress fil-ġestjoni tar-riskji mis-sustanzi l-aktar perikolużi: bi 28 Sustanza ta’ Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) miżjuda mal-Lista tal-Kandidati; tlettax il-sustanza oħra rakkomandati għal Awtorizzazzjoni; u l-kumitati xjentifiċi tal-ECHA li addottaw opinjonijiet dwar l-ewwel erba’ restrizzjonijiet. Naf li għal għadd ta’ partijiet interessati, l-azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji qatt ma tista’ tkun malajr biżżejjed, iżda jekk nieħdu mument biex nirriflettu dwar kemm għamilna progress fl-erba’ snin minn meta l-ECHA bdiet il-ħidma tagħha, nistgħu naraw b’mod ċar il-progress enormi meta mqabbel mal-imġhoddi.

Għal darb’oħra, nixtieq niringrazzja lill-kollegi kollha tiegħi fl-ECHA għall-impenn u x-xogħol siewi tagħhom, kif ukoll lill-partijiet interessati tagħna fl-Ewropa għas-sostenn u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proġett li hu REACH.

Nixtiqilkom kollha 2012 ta’ suċċess.

Geert Dancet
Direttur Eżekuttiv

PREŻENTAZZJONI TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Stabbilita fl-1 ta' Ġunju 2007, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) tinsab fiċ-ċentru tas-sistema regolatorja ġdida għal sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea (EU), stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH). Fil-bidu tal-2009, REACH kien ikkumplementat mir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet (Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill). Dawn l-atti leġiżlattivi huma applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr il-ħtieġa għal traspożizzjoni għal-liġi nazzjonali.

L-iskop tas-sistema REACH hu li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent; li jkunu promossi metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali; li jkunu vvalutati l-perikli ta' sustanzi kimiċi; li tkun iffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi fi ħdan is-suq uniku; u li jitjiebu l-kompetittività u l-innovazzjoni. F'termini prattiċi, ir-reġim il-ġdid hu mistenni jagħlaq vojt fit-tagħrif fir-rigward ta' sustanzi kimiċi li tqiegħdu fis-suq Ewropew qabel l-1981; jħaffef it-tqegħid fis-suq ta' sustanzi kimiċi siguri u innovattivi fis-suq; u jagħmel il-ġestjoni tar-riskji ta' dawn is-sustanzi aktar effiċjenti – b'mod partikolari billi jċaqlaq it-tagħbija tal-prova għall-identifikazzjoni u l-kontroll tar-riskji mill-awtoritajiet għal kumpaniji. L-implimentazzjoni ta' suċċess ta' REACH teħtieġ Aġenzija li tiffunzjona tajjeb, kapaċi li tagħti opinjonijiet b'bażi xjentifika indipendenti u ta' kwalità għolja fi ħdan skadenzi legali stretti, kif ukoll tiżgura li l-aspetti operazzjonali tal-leġiżlazzjoni jiffunzjonaw ħarir. Madankollu, l-operazzjoni effiċjenti ta' REACH tiddependi wkoll mill-imsieħba istituzzjonali tal-ECHA, b'mod partikolari l-Istati Membri tal-UE, u l-Kummissjoni Ewropea.

L-iskop tar-Regolament CLP hu li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, kif ukoll il-moviment liberu ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti, permezz tal-armonizzazzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi u taħlitiet, u r-regoli dwar l-ittikkettar u l-imballaġġ. Il-karatteristiċi perikolużi tas-sustanzi kimiċi jkopru l-perikli fiżiċi kif ukoll perikli li jirrigwardaw is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, inklużi perikli għas-saff tal-ożonu. Barra minn hekk, ir-Regolament CLP jikkostitwixxi kontribut tal-UE għall-armonizzazzjoni globali tal-kriterji għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar, b'dawn tal-aħħar li kienu żviluppatti fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti (UN GHS).

Iż-żewġ regolamenti għandhom jikkontribwixxu biex ikun sodisfatt l-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM) addottat fis-6 ta' Frar 2006 f'Dubai.

Il-Missjoni tal-ECHA

L-ECHA hija l-forza ta' tmexxija fost awtoritajiet regolatorji fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni innovattiva tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività. L-ECHA tgħin lil kumpaniji jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni, tavvanza l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi, tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u tindirizza sustanzi kimiċi ta' tħassib.

Il-viżjoni tal-ECHA

L-ECHA taspira biex issir l-awtorità regolatorja primarja dwar is-sigurtà ta' sustanzi kimiċi.

Il-valuri tal-ECHA

Trasparenti

Aħna miftuħin u trasparenti fl-azzjonijiet u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nifhmu faċilment u huwa faċli li tersaq lejna.

Indipendenti

Aħna indipendenti mill-interessi esterni kollha u imparzjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nikkonsultaw lil membri tal-pubbliku fil-miftuħ qabel ma nieħdu ħafna mid-deċiżjonijiet tagħna.

Affidabbli

Id-deċiżjonijiet tagħna huma bbażati fuq ix-xjenza, konsistenti u imparzjali. Il-kontabilità u s-sigurtà ta' informazzjoni kunfidenzjali huma l-pedament tal-azzjonijiet kollha tagħna.

Effiċjenti

Nimmiraw li nilħqu l-iskop, ninsabu impenjati u dejjem infittxu li nużaw ir-riżorsi tagħna bil-għaḡal. Napplikaw standards ta' kwalità għolja u nirrispettaw l-iskadenzi.

Impenjati lejn il-benessri

Nistimolaw l-użu sigur u sostenibbli ta' sustanzi kimiċi biex intejbu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini kollha fl-Ewropa u l-ambjent.

1. SUĊĊESSI PRINĊIPALI FL-2011 – SOMMARJU

L-ewwel suċċess tas-sena kien jikkonsisti f'li kienu riċevuti aktar minn tliet miljun notifika ta' klassifikazzjoni u ttikkettar li jkopru aktar minn 100 000 sustanza distinta sal-iskadenza ta' CLP tat-3 ta' Jannar u l-ipproċessar b'suċċess fi ħdan l-iskadenza stabbilita tat-28 ta' Frar 2011 tad-dossiers ta' reġistrazzjoni kollha riċevuti sal-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni ta' REACH tat-30 ta' Novembru 2010.

Sussegwentement, l-enfasi mxiet għal li l-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi rreġistrati jew notifikati tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku. Sal-aħħar tas-sena, volum massiv u uniku ta' informazzjoni ta' sigurtà minn aktar minn 23 000 dossier ta' reġistrazzjoni li jkopru aktar minn 4 100 sustanza (jew 78% tas-sustanzi rreġistrati) kien disponibbli mingħajr ħlas mill-portal ta' disseminazzjoni fuq il-websajt tal-ECHA. Għaldaqstant, kien ukoll strumentali li jsir progress tajjeb fir-rigward tal-valutazzjoni ta' klejms ta' kunfidenzjalità pprovduti mir-reġistranti għal ċerti partijiet tad-dossiers.

Kien ipplanat li l-ewwel verżjoni tal-inventarju pubbliku b'informazzjoni min-notifiki C&L tkun ippubblikata tul is-sena. Madankollu, il-komplessità tal-kompitu ttardjat il-publikazzjoni lil hinn mill-2011, sakemm fl-aħħar din kienet ippubblikata kmieni fl-2012.

Kien hemm ċaqliq ulterjuri fil-punt fokali lejn il-valutazzjoni ta' dossiers irreġistrati. Fl-2011, il-punt fokali primarju tal-valutazzjoni tad-dossier kien fuq l-eżaminazzjoni tal-proposti ta' ttestjar minħabba l-iskadenzi fissi għal dawn il-valutazzjonijiet. Madankollu, l-identità mhux ċara tas-sustanzi f'sehem sinifikanti tad-dossiers korrispondenti ppreveniet l-eżaminazzjoni tajba tal-proposti ta' ttestjar u l-ewwel kien neċessarju kontroll ta' konformità mmirat. Dan kważi rdoppja l-għadd ta' kontrolli ta' konformità pplanati, filwaqt li naqqas ir-rittmu tal-eżaminazzjonijiet tal-proposti ta' ttestjar. Madankollu, sar progress notevoli kemm bil-valutazzjoni tal-proposti ta' ttestjar kif ukoll bil-kontrolli ta' konformità tad-dossiers.

Kif ipplanat, l-ewwel proposta għal pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP), li kienet tinkludi 91 sustanza għall-2012-2014, kienet ippreżentata lill-Istati Membri u lill-Kumitat tal-Istati Membri tal-ECHA. Dan jippermetti li jingħata bidu għall-valutazzjoni tas-sustanzi, bl-iskop li jkun ivverifikat jekk sustanza tikkostitwix riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent u ser ikun fil-kompitu tal-Istati Membri għall-ewwel darba fl-2012.

Matul l-2011, 28 Sustanza ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) żdiedu mal-Lista tal-Kandidati. Fost dawn is-sustanzi kienet tinsab l-ewwel sustanza li ġiet identifikata bħala SVHC minħabba l-effetti serji probabbli tagħha fuq l-ambjent li kkawżaw livell ekwivalenti ta' tħassib. Sa tmiem is-sena, l-għadd totali ta' sustanzi SVHC inklużi fil-Lista tal-Kandidati kien 73, li għadu sew taħt il-mira tal-politika ta' 136 għat-tmiem tal-2012.

L-ECHA bagħtet ukoll it-tielet rakkomandazzjoni tagħha għal inklużjoni għal sustanzi ta' prijorità fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni. Kienet irrakkmandata l-inklużjoni ta' tlettax-il sustanza mil-Lista tal-Kandidati. L-ECHA iffinalizzat ukoll il-proċeduri tagħha biex tirċievi applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, iżda ma kienu ppreżentati ebda applikazzjonijiet fl-2011. Barra minn hekk, il-kumitati xjentifiċi tal-ECHA addottaw opinjonijiet dwar l-ewwel erba' restrizzjonijiet.

Skont ir-rekwiżiti legali ta' REACH, l-ECHA ikkonsenjat l-ewwel rapport tagħha għal ħames snin dwar l-operazzjoni tar-Regolament REACH. Kien prodott ukoll l-ewwel rapport għal tliet snin dwar l-istatus ta' implimentazzjoni u l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annali. Iż-żewġ rapporti kienu ppreżentati lill-Kummissjoni u

kienu magħmula pubbliċi fl-interess ta' trasparenza.

L-ECHA segwiet mill-qrib l-iżviluppi tal-Proġetti ta' Implimentazzjoni REACH dwar nanomaterjali u assistiet lill-Kummissjoni fil-kompilazzjoni ta' informazzjoni dwar tipi u użijiet ta' nanomaterjali. Addizzjonalment, l-ECHA ikkontribwixxiet għall-iżvilupp ulterjuri ta' linji gwida ta' ttestjar OECD bl-iskop li jkunu żgurati l-iżvilupp u l-aġġornament ta' metodi ta' ttestjar skont tagħrif xjentifiku l-aktar reċenti, filwaqt li jkun evitat l-ittestjar mhux neċessarju fuq l-annimali.

Komplet tingħata konsulenza u assistenza lill-industrija permezz tal-gwida u l-ħelpdesk, u l-materjal kollu intiż għall-pubbliku ġenerali u għal SMEs kien tradott fi 22 lingwa tal-UE. L-ECHA introduċiet il-kampanja ta' kuxjenza tagħha *REACH 2013 – Hu azzjoni issa!* biex tassisti lil kumpaniji fil-preparazzjoni tagħhom għat-tieni skadenza ta' reġistrazzjoni fl-2013. Il-gwida saret iktar faċilment aċċessibbli għal SMEs bid-disinn mill-ġdid tat-taqsimu web ta' gwida, bis-simplifikazzjoni tal-gwida fejn Prattiku u billi kienet magħmula disponibbli d-dejtabejż multilingwa ta' terminoloġija REACH u CLP; li ffaċilitat it-traduzzjoni u armonizzat terminoloġija ewlenija ta' REACH.

Kif mistenni, it-tagħbija tax-xogħol tal-Kumitati tal-ECHA żdiedet fl-2011, iżda madankollu id-dossiers kollha kienu pproċessati fil-qafas taż-żmien legali, kienu ta' kwalità għolja u fil-parti l-kbira kien hemm ftehim unanimu dwarhom jew kienu addottati bi qbil. Is-Segretarjat tal-ECHA ipprova s-sostenn neċessarju lill-Forum li tejjeb l-attivitajiet tiegħu lejn infurzar effettiv u armonizzat ta' REACH u CLP tul l-UE/ŻEE.

Minħabba li l-proċessi ta' infurzar u implimentazzjoni ta' REACH u CLP jeħtieġu firxa wiesgħa ta' sistemi IT, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ulterjuri tagħhom komplew ikunu kruċjali għall-operazzjonijiet tal-ECHA fl-2011. Inħarġet RIPE, għodda ġdida għall-awtoritajiet tal-infurzar u kienu rilaxxati verżjonijiet ġodda ta' REACH-IT, IUCLID 5 u Chesar bħala sostenn għal reġistrazzjoni minn kumpaniji.

Sabiex tkun ippreparata tajjeb għall-volum dejjem jiżdied ta' kompiti tekniċi u xjentifiċi mitluba mill-Aġenzija u biex tersaq lejn deċiżjonijiet u fformar ta' opinjonijiet b'bażi xjentifika, l-istruttura organizzazzjonali tal-ECHA inbidlet fil-bidu tas-sena. Inħolqot organizzazzjoni aktar orizzontali bi tliet Direttorati ġodda. L-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni mill-ġdid kienet teħtieġ li l-proċessi ta' tmexxija jiġu addattati għal organizzazzjoni akbar u li tkun żgurata koordinazzjoni effiċjenti ta' attivitajiet tul id-Direttorati. Dan ġie ikkumplementat aktar tard fis-sena bl-introduzzjoni ta' identità korporattiva speċifika u identità viżwali ġdida li jagħmlu enfasi fuq l-espożizzjoni tas-servizzi u l-ambizzjonijiet tal-ECHA lejn il-klijenti kollha tagħha. Il-websajt il-ġdida kienet introdotta fil-15 ta' Diċembru, u qed tagħmel dan viżibbli ħafna għall-pubbliku.

L-Attivitajiet tal-ECHA kienu kompletament awto-finanzjati fl-2011, fuq il-bażi tad-dħul riċevut fl-2011, u kkumplementati b'ammont ta' bilanċ mir-riżerva akkumulata tal-2010. L-Aġenzija ħallset lura wkoll ilill-Kummissjoni s-sussidju tal-UE riċevut fl-2010.

L-ECHA komplet tiġbed persunal ta' kwalifiki għoljin, bi 88 persunal ġdid rekrutat matul is-sena. Dan irriżulta fil-mili ta' 98% mill-karigi fil-pjan ta' stabbiliment. L-ECHA komplet ukoll tagħti l-attenzjoni dovuta lill-benessri u lill-motivazzjoni tal-persunal, kif ukoll lill-introduzzjoni u t-taħriġ professjonali ta' persunal ġdid u eżistenti.

2. ATTIVITAJIET OPERAZZJONALI – L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĊESSI REACH U CLP

2.1. Attività 1: Ir-reġistrazzjoni, il-kondiviżjoni tad-dejta u d-disseminazzjoni

Suċċessi prinċipali fl-2011

Preżentazzjonijiet ta' reġistrazzjoni u ta' dossiers

Wieħed mill-iskopijiet prinċipali tal-proċess ta' reġistrazzjoni huwa li manifatturi u importaturi jiġġeneraw dejta dwar is-sustanzi li jimmanifatturaw jew jimportaw, li jużaw din id-dejta biex jivvalutaw ir-riskji li jirrelataw għal dawn is-sustanzi, u li jiżviluppaw u jirakkomandaw il-miżuri xierqa tal-ġestjoni tar-riskji, biex b'hekk jikkontribwixxu għal livell ogħla ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent tul l-UE. Il-kumpaniji li jipproduċu jew jimportaw sustanzi kull sena f'aktar minn tunnellata metrika waħda huma meħtieġa jiddokumentaw din l-informazzjoni kollha f'dossier ta' reġistrazzjoni li għandu jkun ippreżentat lill-ECHA.

Is-sena bdiet bil-finalizzazzjoni tar-reġistrazzjonijiet kollha ppreżentati għall-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni REACH tat-30 ta' Novembru 2010, li ffukat fuq ir-reġistrazzjoni ta' sustanzi ta' volum għoli (1000 tunnellata metrika kull sena) u fuq ċerti tipi ta' sustanzi ta' tħassib. Għad-dossiers ta' reġistrazzjoni ppreżentati fl-aħħar xahrejn qabel l-iskadenza, l-ECHA kellha sat-28 ta' Frar 2011 biex tikkontrolla li kienu teknikament kompleti. Dan sar b'suċċess għad-dossiers kollha permezz ta' ppjanar b'attenzjoni u t-titjib li kien introdott għas-sistema ta' REACH-IT lejn l-aħħar tal-2010, li ppermetta lill-Aġenzija tistrieħ fuq kontroll ta' kompletezza awtomatizzat u żżomm l-intervent tal-bniedem għal minimu. Fuq il-bażi ta' dan, ħafna mid-dossiers ta' reġistrazzjoni ngħataw numru tar-reġistrazzjoni. Madwar 1% (xi 220) biss tad-dossiers kienu rifjutati; b'75% ta' dawk ir-rifjuti dovuti għan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa ta' reġistrazzjoni. Informazzjoni dettaljata dwar l-eżitu tal-ewwel reġistrazzjoni hija inkluża fl-ewwel rapport tal-ECHA lill-Kummissjoni dwar l-operazzjoni tar-Regolament REACH, li kien finalizzat f'Ġunju 2011.¹

Wara din l-ewwel mewġa ta' dossiers ta' reġistrazzjoni riċevuti fl-2010 iżda li xorta kienu jeħtieġu pproċessar kmieni fl-2011, l-attività ta' reġistrazzjoni stabbiliet ruħha fuq livell relattivament stabbli ta' 6 079 dossier ta' reġistrazzjoni ġdid jew aġġornat li kienu pproċessati b'suċċess, mill-ECHA, fl-2011. Din kienet tagħbija tax-xogħol akbar minn dak li kien stmat fil-Programm tal-Ħidma, madankollu l-ECHA irnexxielha tivverifika l-kompletezza tagħhom fi ħdan l-iskadenzi regolatorji.

Minħabba li l-iskadenza ta' reġistrazzjoni li jmiss għal sustanzi prodotti jew importati fi kwantitajiet ta' aktar minn 100 tunnellata metrika kull sena hija Mejju 2013, l-ECHA bdiet l-attivitajiet ta' preparazzjoni tagħha fit-tieni nofs tal-2011, b'kont meħud tal-lezzjonijiet mitgħallma fl-2010. L-attivitajiet prinċipali fl-2011 kienu l-iżvilupp u l-preparazzjoni ta' pariri mmirati għar-reġistranti tal-2013 permezz ta' websajt speċifiku (Ara l-Attività 10)², l-iżvilupp tal-kontenut tekniku għall-programm webinar għas-sostenn tar-reġistranti tul l-2012 u l-introduzzjoni ta' studji dwar is-suq biex ikun hemm għarfien aħjar dwar sustanzi maħsuba biex ikunu rreġistrati sal-31 ta' Mejju 2013.

Fl-2011, l-ECHA kompliet ukoll il-verifika tal-istatus ta' dossiers għal sustanzi

¹ Ara r-Rapport dwar l-Operazzjoni tar-Regolament REACH dipsonibbli fuq il-websajt tal-ECHA f'echa.europa.eu/documents/10162/17226/operation_reach_clp_2011_en.pdf.

² echa.europa.eu/reach2013.

rreġistrati b'użijiet intermedji, biex tikkonferma li dawn l-użijiet huma skont id-definizzjoni ta' użu intermedju u li huma applikati kondizzjonijiet ikkontrollati b'mod strett. Wara l-iskrining ta' bejn wiehded u ieħor 400 dossiers, l-ECHA bagħtet iktar minn 40 ittra bbażati fuq l-Artikolu 36 tar-Regolament REACH lir-reġistranti fejn talbithom jikkjarifikaw l-istatus intermedju tas-sustanza. L-ECHA ser teżamina t-tweġibiet għal dawn l-ittri kmieni fl-2012.

Għalkemm l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2010 kienet ta' suċċess f'termini tal-preżentazzjoni f'waqtha ta' dossiers mill-industrija u l-ipproċessar mill-ECHA, tħassib fir-rigward tal-kwalità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni kien enfasizzat malajr mill-ECHA u minn partijiet interessati oħrajn. Għaldaqstant, minbarra li ssodisfat għadd ta' obbligi formali ta' rappurtaġġ taħt REACH, l-ECHA bdiet tiżviluppa firxa ta' għodod komputazzjonali u metodi oħra biex tiffaċilita tfittxijiet aktar speċjalizzati u mmirati fi ħdan id-dejtabejż ta' reġistrazzjoni. Meta dawn jiġu żviluppati b'mod sħiħ, ser jippermettu lill-ECHA twettaq skrining għal dawk id-dossiers fejn l-użu sigur ma jintweriex biżżejjed u din tkun teħtieġ tweġibiet xierqa fil-każ ta' prestazzjoni insuffiċjenti, kif ukoll jippermettulha tidentifika nuqqasijiet komuni fid-dossiers ta' reġistrazzjoni li jistgħu ikunu jirrikjedu segwitu barra l-valutazzjoni tad-dossier. Dan, flimkien ma' ċerta kwistjonijiet dwar il-kwalità ta' dossiers li wiehded jiltaqa' magħhom matul il-proċess ta' kontroll ta' konformità (ara l-Attività 2), irriżulta fil-ħtieġa li jkunu identifikati algoritmi biex ikunu identifikati b'mod effiċjenti u effettivi dossiers ta' kwalità ħażina mid-dejtabejż ta' reġistrazzjoni għal skopijiet ta' valutazzjoni u oħrajn.

Fir-rigward ta' eżenzjonijiet temporanji mill-obbligi ta' reġistrazzjoni dovuti għar-riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi (PPORD), li jimmiraw biex jistimolaw l-innovazzjoni Ewropea, kienu pproċessati b'suċċess total ta' 232 notifika fl-2011. L-għadd ta' dossiers PPORD jidher li hu relattivament stabbli matul is-snin u huwa skont l-assunzjonijiet. L-ECHA għandha wkoll il-possibbiltà li timponi kondizzjonijiet fuq eżenzjonijiet PPORD, per eżempju biex tiżgura li s-sustanza hija trattata f'kondizzjonijiet ikkontrollati b'mod raġjonevoli. Għal dan l-iskop, l-ECHA bdiet l-iżvilupp tal-proċess ta' valutazzjoni tan-notifiki PPORD tard fl-2011. Fl-2012 kien introdott proġett pilota bi preparazzjoni għall-iżvolġiment komplet tal-proċess ipplanat.

Kienu introdotti tipi ġodda ta' preżentazzjoni ta' dossier mill-1 ta' April 'il quddiem, li ppermettew lill-ECHA tibda tirċievi rapporti minn Utenti Downstream (għal użijiet mhux sostnuti mill-fornituri tagħhom kif ikkomunikat lilhom fix-xenarji tal-espożizzjoni annessi mal-iskedi ta' dejta ta' sigurtà³), notifiki ta' sustanzi f'oġġetti, applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni u applikazzjonijiet għal isem alternattiv taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament CLP.

Matul is-sena, l-ECHA irċeviet total ta' 64 rapport ta' Utent Downstream. Dan huwa ħafna inqas milli inizjalment mistenni fil-Programm tal-Ħidma, iżda nstabu diversi raġunijiet. Bl-aktar mod notevoli, l-industrija infurmat lill-ECHA li lejn tmiem is-sena frazzjoni biss tal-iskedi ta' dejta ta' sigurtà kienet ġiet aġġornata minħabba r-reġistrazzjoni REACH, u għaldaqstant l-obbligi ta' rappurtaġġ għal utenti downstream ma kinux għadhom bdew japplikaw jew l-iskadenza tagħhom ta' sitt xhur għal rappurtaġġ kienet għadha topera fi tmiem l-2011. Mill-1 ta' Ġunju 2011, il-preżentazzjoni ta' notifiki ta' sustanzi f'oġġetti saret possibbli permezz ta' REACH-IT. Kienu riċevuti total ta' 203 notifiki sa tmiem is-sena (għal dettalji ara l-Attività 3).

³ L-Artikolu 38 tar-Regolament REACH.

Il-Kondiviżjoni tad-dejta u l-identifikazzjoni tas-sustanzi

Kumpaniji li jirreġistraw l-istess sustanza huma meħtieġa jikkondividu d-dejta tagħhom biex jimminimizzaw spejjeż ta' reġistrazzjoni u jevitaw ittestjar mhux neċessarju fuq l-annali. L-ECHA ma tiżvolġi ebda rwol fin-negozjati bejn il-kumpaniji. Madankollu, jekk ma jkunux jistgħu jaslu għal ftehim, jistgħu jippreżentaw il-każ tagħhom lill-ECHA. Il-klejms ippreżentati lill-ECHA biex ikun solvut disgwid dwar il-kondiviżjoni tad-dejta baqgħu baxxi ħafna fl-2011 wara l-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni. Ħames klejms, riċevuti fl-2010, kienu finalizzati kmieni fl-2011. Fi tliet każijiet, l-ECHA ikkonkludiet li l-parti li ppreżentat il-klejms ma kinitx għamlet kull sforz biex jintlaħaq ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-dejta. Iż-żewġ każijiet l-oħra ngħalqu hekk kif il-partijiet waslu għal ftehim. Kienu riċevuti żewġ klejms ġodda fl-2011. Wieħed minnhom ingħalaq ukoll filwaqt li dak li fadal qiegħed jiġi pproċessat.

B'kuntrast, l-attivitajiet madwar il-proċess ta' domanda – l-istadju qabel ir-reġistrazzjoni li jippermetti lil reġistranti potenzjali ta' sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali jew ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li ma kinux pre-reġistrati jitqiegħdu f'kuntatt ma' reġistranti preċedenti sabiex jikkondividu d-dejta – kienu intensivi. Filwaqt li l-għadd ta' domandi entranti kien biss ftit oġġla milli previst (1 900), l-għadd totali ta' domandi pproċessati fl-2011 qabeż l- 2 100 minħabba għadd ta' domandi ttrasferiti mill-2010. Fl-2011, 40% tad-domandi kienu għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali, u għaldaqstant ma jirrappreżentawx sustanzi ġodda fis-suq Ewropew iżda aħjar kumpaniji addizzjonali li jimmanifatturaw jew jimportaw dawn is-sustanzi fl-UE.

Minħabba li l-għadd kbir ta' domandi pproċessati kkoinċida ma' problemi fil-kwalità tal-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi pprovduta minn min jagħmel id-domanda, il-kwadru taż-żmien intern immirat biex domandi jiġu trattati fi żmien 20 jum tax-xogħol ma setax jintlaħaq fl-ewwel parti tas-sena. Bi tweġiba għat-tfassil tal-industrija dwar iż-żmien ta' tweġiba pprolongat għad-domandi tagħhom, l-ECHA irrediet il-proċess ta' domanda matul l-2011 biex ittejjeb l-effiċjenza tiegħu, billi ssimplifikat il-proċedura interna u billi sostniet lil kumpaniji b'għodda tal-IT u dokument Q&A aġġornat sabiex setgħu itejjbu l-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi qabel il-preżentazzjoni tad-dossier tagħhom. Bħala riżultat, minn Settembru 2011, 80% tad-domandi kienu pproċessati fiż-żmien immirat ta' 20 jum tax-xogħol.

Id-Disseminazzjoni

Waħda mill-miri tal-ECHA taħt ir-Regolament REACH hi li tippubblika, mingħajr ħlas fuq l-internet, l-informazzjoni li jkollha dwar sustanzi rreġistrati. Din l-attività hi mistennija jkollha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tas-saħħa u ambjentali kemm fl-Ewropa kif ukoll fid-dinja kollha, minħabba li kulħadd ikollu ċans ikollu aċċess għal informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi li juża. Sal-2011, il-proċess kien jeħtieġ għadd ta' stadji proċedurali minħabba li l-ECHA ikkomunikat individwalment mar-reġistranti biex tikkonferma l-partijiet tad-dossiers tagħhom għal pubblikazzjoni. Fl-2011, l-ECHA setgħet timxi għal proċess ta' disseminazzjoni semi-awtomatizzata, grazzi għal għodda tal-IT dedikata ("għodda ta' ffiltrar tad-disseminazzjoni"), b'manwal, li tippermetti lil reġistranti jikkontrollaw huma stess qabel il-preżentazzjoni liema partijiet tad-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom ser ikunu ppubblikati fuq il-websajt tal-ECHA.

Matul l-2011, l-għadd ta' dossiers ta' reġistrazzjoni li minnhom saret disponibbli informazzjoni fil-portal ta' disseminazzjoni fuq il-websajt tal-ECHA, żdied b'mod drammatiku minn ftit mijiet ta' dossiers għal aktar minn 23 000 dossier, li jikkorrispondu għal 88% tar-reġistrazzjonijiet kollha u 78% tas-sustanzi rreġistrati. Id-disseminazzjoni saret f'lottijiet, l-ewwel bid-dossiers rikki b'dejta minn Reġistranti Prinċipali f'Marzu, u biż-żieda tal-informazzjoni mid-dossiers tal-membri

f'Novembru.

Sar ukoll xogħol sostanzjali biex tjiieb l-użu u l-faċilità għall-utent tal-portal ta' disseminazzjoni. Bħala l-ewwel stadju, il-portal ta' disseminazzjoni kien illinkjat mal-eChemPortal⁴ OECD f'April, biex l-utenti ngħataw il-possibbiltà jfittxu dwar karatteristiċi u effetti ta' sustanzi rreġistrati. It-tieni, kienet introdotta preżentazzjoni aħjar ibbażata fuq feedback mill-partijiet interessati u din kienet applikata għad-dossiers diffużi f'Mejju. Fl-aħħar f'Diċembru – fil-kuntest tar-rinnovament tal-websajt tal-ECHA – żdiedet "tfittxija għal sustanzi" ġdida. Din il-karatteristika tippermetti lil utenti jfittxu għal sustanza u jirkurpaw f'daqqa l-listi kollha li jinkludu din is-sustanza (bħal-lista ta' sustanzi rreġistrati, sustanzi pre rreġistrati, il-lista tal-kandidati, reġistru tal-intenzjonijiet, eċċ.) u link dirett mal-informazzjoni.

Attività oħra relatata mad-disseminazzjoni hija li jkun ivvalutat jekk talbiet għal kunfidenzjalità introdotti mir-reġistranti fid-dossiers tagħhom humiex ġustifikati u validi. Il-proċess huwa f'żewġ stadji: i) il-valutazzjoni inizjali li tista' twassal jew għall-aċċettazzjoni tal-klejm, jew ir-rifjut dirett tagħha fil-każ li l-informazzjoni ma tistax issir kunfidenzjali skont REACH jew ir-rekwiżit li r-reġistranti jipprovdu aktar informazzjoni; u ii) il-valutazzjoni finali li tikkonsisti fir-reviżjoni tal-argumentazzjoni ġdida prevista għall-klejm fid-dossier aġġornat. Fil-każ ta' rifjut, ir-reġistrant jista' jitlob reviżjoni tad-deċiżjoni ta' rifjut.

Madwar 3,5% tad-dossiers riċevuti qabel l-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni tal-2010 kienu jinkludu talba waħda jew aktar għal kunfidenzjalità, li wassal għal għadd ġenerali ta' 1 066 klejm li kellhom jiġu vverifikati. Il-mira tal-ECHA għall-2011 kienet li tiffoka fuq il-klejms riċevuti fl-2010 u tivvaluta 90% ta' dawk il-klejms. Madankollu, tul l-iżvilupp tal-proċess fl-2011, sar evidenti li l-mod l-aktar effiċjenti biex wieħed jipproċedi kien li l-klejms jibgħabru skont il-kategorija minflok f'ordni kronoloġika. Barra minn hekk, il-klejms dwar l-isem IUPAC, li jirrappreżentaw madwar 60% tal-klejms, kellhom jiġu prijoritizzati, anke jekk kienu riċevuti fl-2011, sabiex ikun żgurat li d-dossiers jinkludu proposta ta' ttestjar jew dossiers diffużi jiġu assoċjati ma' identità ċara tas-sustanzi. Għal din ir-raġuni, 64% biss tal-klejms tal-2010 għaddew mill-valutazzjoni inizjali. Madankollu proporzjon ġust ta' klejms 'ġodda' riċevuti tul l-2011, kien verifikat ukoll, u dan wassal għal kważi l-istess volum ta' valutazzjonijiet bħal dak inizjalment ippjanat. Bl-introduzzjoni ta' din il-bidla, ir-rata ta' valutazzjoni saret sodisfaċenti u tiżgura li l-ECHA tipproċedi malajr bil-mira tagħha għall-2012.

B'kollox, kien hemm 1 693 talba għal kunfidenzjalità fid-dossiers ta' reġistrazzjoni riċevuti sal-aħħar tal-2011. Bħala riżultat tar-raggruppament tal-klejms, l-ECHA kienet ikkompletat il-valutazzjoni inizjali għal 927 (55%) minn dawn u kkonkludiet dwar 630 (38%) klejm, bil-maġġoranza ta' dawk li fadal li qegħdin jistennew aġġornament tad-dossier tar-reġistrazzjoni mill-kumpanija wara talba formali għal aktar informazzjoni.

Bi kważi d-dossiers ta' reġistrazzjoni kollha ppubblikati, l-attivitajiet ta' disseminazzjoni tal-ECHA tard fl-2011 kienu jikkonsistu fl-istabbiliment ta' sistemi għad-disseminazzjoni ta' partijiet oħra tad-dossiers ta' reġistrazzjoni. Fuq il-bażi ta' opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea, l-ECHA ikkonkludiet li d-dispożizzjonijiet ta' disseminazzjoni ta' REACH jeħtieġ li jkunu interpretati f'dimensjoni akbar biex jinkludu wkoll ċerta informazzjoni kontenuta fl-iskedi ta' dejta ta' sigurtà, bħall-isem tal-kumpanija, in-numru tar-reġistrazzjoni u r-riżultat tal-valutazzjoni PBT u vPvB. Dawn l-elementi addizzjonali jistgħu jiġu diffużi biss fl-2012 madankollu, minħabba li huma meħtieġa bidliet għas-sistemi differenti ta' IT tal-ECHA u l-industrija jeħtieġ li jkollha l-opportunità li titlob kunfidenzjalità parzjali jew kompleta għal dawn l-

⁴ Portal globali għal informazzjoni dwar sustanzi kimiċi, www.echemportal.org/

oqsma.

Miri u Indikaturi

Miri

1. Id-dossiers u d-disgwid kollu dwar il-kondiviżjoni tad-dejta jiġu pproċessati, u n-notifiki PPORD u l-klejms ta' kunfidenzjalità jiġu vvalutati, skont il-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament REACH.
2. Id-domandi huma pproċessati skont il-proċeduri standard addottati mill-ECHA, fi ħdan il-kwadru ta' żmien immirat tal-20 jum tax-xogħol.
3. Deċiżjonijiet dwar reġistrazzjonijiet u notifiki PPORD huma ta' kwalità teknika u xjentifika għolja.
4. L-informazzjoni pubblika mid-dossiers kollha ta' sustanzi rreġistrati qabel l-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni hija ppubblikata fuq il-websajt tal-ECHA.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza ta' verifika	Riżultat 2011
Perċentaġġ ta' reġistrazzjonijiet, notifiki PPORD, u disgwid dwar il-kondiviżjoni tad-dejta pproċessati fi ħdan kwadru taż-żmien legali.	100%	Żmien irreġistrat fir-rappurtaġġ fix-xahar f'REACH-IT	100%
Perċentaġġ ta' domandi pproċessati fil-kwadru taż-żmien stabbilit (20 jum tax-xogħol).	Mhux anqas minn 90%	Żmien irreġistrat fir-rappurtaġġ fix-xahar f'REACH-IT	48%
Perċentaġġ ta' valutazzjonijiet inizjali ta' talbiet għal kunfidenzjalità fid-dossiers ta' reġistrazzjoni ppreżentat għall-iskadenza ta' reġistrazzjoni tal-2010	Mhux anqas minn 90%	Irreġistrat f'REACH-IT, rappurtaġġ kull kwart	64%
Perċentaġġ ta' talbiet ta' kunfidenzjalità vvalutati fid-dossiers ta' reġistrazzjoni ppreżentat għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni 2010.	Mhux anqas minn 90%	Irreġistrat f'REACH-IT, rappurtaġġ kull kwart	44%
Perċentaġġ ta' dossiers ta' reġistrazzjoni (informazzjoni mhux kunfidenzjali) ippubblikat fuq il-websajt tal-ECHA.	Mhux anqas minn 80%	Rapport intern kull sena	88%
Għadd ta' appelli magħmula minn reġistranti u notifikaturi kontra deċiżjonijiet.	Mhux aktar minn 10% tad-deċiżjonijiet	Monitoraġġ ta' tweġibiet għal deċiżjonijiet fix-xahar	1%

Riżultati prinċipali

- Kienu pproċessati d-dossiers kollha għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali derivati mill-iskadenza tal-2010 (reġistrazzjonijiet aċċettati jew rifjutati u fatturi mibgħuta); disġwid dwar kondiviżjoni tad-dejta ipproċessat skont l-iskadenzi xierqa.
- Kważi 5 000 dossier ta' reġistrazzjoni (li minnhom 2 500 kienu aġġornamenti), 2 100 domanda u 230 notifika ta' Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD), riċevuti u pproċessati.
- Aktar minn 900 valutazzjoni inizjali ta' klejms ta' kunfidenzjalità magħmula u kważi 600 deċiżjoni finalizzata.
- Informazzjoni minn aktar minn 23 000 dossier ta' reġistrazzjoni ppubblikata fuq il-websajt tal-ECHA, li tkopri aktar minn 4 100 sustanza, u din l-informazzjoni llinkjata mal-eChemPortal tal-OECD.

Tabella 1: L-għadd ta' dossiers ġodda riċevuti fl-2011

Tip ta' dossier	Attwali	Estimi WP 2011
Reġistrazzjonijiet	4 376	-
Sustanzi Intermedji Iżolati Ttrasportati	917	-
Sustanzi Intermedji Iżolati fuq il-post	178	-
Total tad-dossiers ta' reġistrazzjoni	5 471	4 500
Notifiki PPORD	243	200
Domandi	1 970	1 800
Notifiki taħt l-Artikolu 7(2)	218	40
Rapporti taħt l-Artikolu 38	64	45 000

Tabella 2: Preżentazzjonijiet tad-dossiers ikkompletati mill-ECHA fl-2011

Tip ta' dossier	Kontroll ta' kompletzza b'suċċess			Rifjutati
	Total	Preżentazzjoni oriġinali	Aġġornamenti	
Reġistrazzjonijiet	4 935	2 394	2 541	199
Sustanzi Intermedji Iżolati Ttrasportati	938	546	392	26
Sustanzi Intermedji Iżolati Fuq il-post	206	144	62	3
Total	6 079	3 084	2 995	228⁵
Notifiki PPORD	232	187	45	3


⁵ Minn dawn, 172 kienu għan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa meħtieġa.

Tabella 3: Klejms ta' Kunfidenzjalità fl-2011

Klejms ta' kunfidenzjalità	Attwali	Estimi WP 2011
L-għadd ta' klejms ta' kunfidenzjalità ġodda	627	250
L-għadd ta' valutazzjonijiet inizjali	927	-
L-għadd ta' deċiżjonijiet finali	630	960 (90% tal-klejms tal-2010)
Deċiżjonijiet pożittivi	229	-
Deċiżjonijiet negattivi	N/A	20
Deċiżjonijiet: klejm barra mill-ambitu	357	-
Klejms imneħħija mir-reġistrant	44	-

Tabella 4: Statistiċi ta' disseminazzjoni sa tmiem l-2011

L-għadd ta' sustanzi diffużi	4 133
L-għadd ta' dossiers diffużi	23 856

Grafika 1: Total ta' dossiers ta' reġistrazzjoni ppreżentati fl-2011 skont il-pajjiż

2.2. Attività 2: Il-Valutazzjoni

Suċċessi Prinċipali fl-2011

Il-Valutazzjoni tad-Dossiers

Wara li l-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni kienet għaddiet, il-valutazzjoni tad-dossiers tar-reġistrazzjoni saret il-punt fokali ta' attenzjoni għall-ECHA. Permezz ta' din l-attività, l-ECHA tivverifika jekk ir-reġistranti humiex qegħdin jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' informazzjoni standard stabbiliti f'REACH. Ir-riżultati prinċipali tad-dossier ta' valutazzjoni huma d-deċiżjonijiet legalment vinkolanti li jeħtieġu lil reġistranti jwettqu aktar testijiet jew jipprovdu tip ieħor ta' informazzjoni u li jaġġornaw id-dossier kif meħtieġ.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ippreżentati fl-2010 u l-proposti ta' ttestjar inklużi fid-dossiers, kien ippreparat u ppreżentat pjan multi-annali għal Valutazzjoni lill-Bord ta' Tmexxija f'Marzu 2011. Il-pjan kellu l-iskop li jiżgura li l-miri pprovduti fit-test REACH setgħu jintlaħqu, jiġifieri li jeżamina l-proposti ta' ttestjar kollha ppreżentati fil-kwadru taż-żmien legali u li jwettaq kontrolli ta' konformità għal għall-inqas 5% tad-dossiers ippreżentati. Dan il-pjan kien jistma' l-għadd ta' eżaminazzjonijiet ta' proposti ta' ttestjar konkluż għall-2011 ta' 250 u l-għadd ta' kontrolli ta' konformità konklużi ta' 100. Għandu jkun innutat li "konklużjoni" f'dan il-kuntest tfisser li tinħareġ deċiżjoni ta' abbozz (mhux deċiżjoni finali) jew konklużjoni oħra mill-ECHA.

Fl-2011, il-punt fokali prinċipali tal-valutazzjoni tad-dossier kien fuq l-eżaminazzjonijiet tal-proposti ta' ttestjar: kien importanti li jingħata bidu għall-maġġoranza u tkun konkluzja parti sinifikanti tal-eżaminazzjonijiet ta' proposti ta' ttestjar għal dossiers ippreżentati għall-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni fl-2010, sabiex tintlaħaq l-iskadenza legali tal-1 ta' Diċembru 2012 biex jiġi konkluż dwar il-proposti. Għaldaqstant, kienet żviluppata strateġija li kellha fil-mira l-gwadanni tal-effiċjenza permezz tar-raggruppament ta' tipi simili ta' proposti jew proposti minn strutturi kimiċi simili u bil-ġbir f'lottijiet tal-konsultazzjoni ta' parti terza għal proposti li jinvolvu annimali vertebrati. Ir-riżultati tax-xogħol huma ppreżentati fit-tabella 5. Filwaqt li kien hemm progress tajjeb fl-ipproċessar tal-proposti ta' ttestjar, il-mira għall-eżaminazzjonijiet tal-proposti ta' ttestjar ma setgħetx tintlaħaq kompletament. Ir-raġuni prinċipali kienet li meta kienu qegħdin jiġu eżaminati l-każijiet, instabu diversi dossiers b'identità tas-sustanza inċerta, u dan ipprejvena li ssir eżaminazzjoni bis-sens tal-proposti ta' ttestjar tagħhom. F'dawn il-każijiet, kellu l-ewwel isir kontroll ta' konformità mmirat biex tkun ikkjarifikata l-identità tas-sustanza. Il-ħtieġa li jibdew isiru dawn il-kontrolli ta' konformità mmirati kważi rdoppjat l-għadd ta' kontrolli ta' konformità oriġinarjament ipplanati, li jagħti idea ta' kemm kienet kbira l-impriża. B'mod parallel, l-ECHA kompliet ukoll kontrolli ta' konformità fuq dossiers oħra li ħafna minnhom inbdew fl-2010 (ara t-tabella 6).

Il-parir speċifiku mogħti lil reġistranti b'riżultat tal-valutazzjoni tjeib fl-2011. Fir-rapport tal-progress kull sena dwar il-valutazzjoni REACH għall-2010, ippubblikat fuq il-websajt tal-ECHA fi Frar 2011⁶, kienu pprovduti rakkomandazzjonijiet dettaljati lil reġistranti. Waħda mill-konklużjonijiet prinċipali tar-rapport kienet li parti sinifikanti tad-dossiers ivvalutati kellha għall-inqas xi problemi ta' kwalità – kemm jekk intaġġzlu b'mod każwali u kemm jekk ibbażati fuq xi tħassib speċifiku.

Skont l-Artikolu 117(3) ta' REACH u skont il-mira tal-promozzjoni ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali, l-ECHA ippreżentat għall-ewwel darba rapport dwar l-

⁶http://echa.europa.eu/documents/10162/17221/evaluation_under_reach_progress_report_2010_en.pdf

istatus ta' implimentazzjoni u l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali lill-Kummissjoni Ewropea f'Ġunju 2011. F'dan ir-rapport, id-dossiers ta' reġistrazzjoni riċevuti sal-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni kienu analizzati biex jiġi eżaminat kif kumpaniji qegħdin jużaw alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali. Ir-riżultat prinċipali tar-rapport hu li r-reġistranti in ġenerali użaw l-informazzjoni kollha disponibbli u l-metodi alternattivi kollha disponibbli qabel ma wettqu aktar studji fuq l-annimali jew ippreżentaw proposta ta' ttestjar. Ir-rapport kien ippubblikat f'Lulju fuq il-websajt tal-ECHA⁷.

Bħala prerekwiżit għat-trattament ta' dossiers kumplessi dwar sustanzi ta' tunnellaġġ għoli ppreżentati sal-1 ta' Diċembru 2010, l-ECHA kompliet tibni l-kapaċità permezz tar-reklutaġġ, it-taħriġ (inklużi żjarat tal-laboratorju u taħriġ attiv) u l-integrazzjoni ta' persunal ġdid, kif ukoll permezz tar-rinfurzar ta' kompetenzi xjentifiċi interni, l-introduzzjoni ta' riċerka mmirata dwar kwistjonijiet ta' rilevanza immedjata għall-valutazzjoni u netwerking ma' esperti esterni.

Barra minn hekk, l-ECHA kompliet ittejjeb l-effiċjenza tal-proċess sabiex tittratta simultanjament diversi mijiet ta' valutazzjonijiet ta' dossiers fis-sena. Is-sistema ta' sostenn ta' deċiżjonijiet ibbażata fuq esperti tqiegħdet fil-prattika fl-2011; din tiggwida lil valutaturi billi tuża mistoqsijiet u istruzzjonijiet standardizzati u tikkontribwixxi għal gwadanni fl-effiċjenza. Sar progress lejn l-ispeċifikazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sistema ġdida ta' ġestjoni ta' dokumenti li - ladarba implimentata fl-2012 - tissimplifika aktar il-fluss tax-xogħol u tinstandardizza l-approċċ tal-ECHA.

Il-valutazzjoni tas-sustanzi

Il-valutazzjoni tas-sustanzi għandha l-iskop li tivverifika jekk sustanza tikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Il-valutazzjonijiet tas-sustanzi jitwettqu mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u jinvolvu valutazzjoni tal-informazzjoni kollha disponibbli u talbiet għal aktar informazzjoni minn reġistranti, jekk xieraq. Il-punt ta' tluq għall-valutazzjoni tas-sustanzi huwa l-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) għal sustanzi soġġetti għall-valutazzjoni ta' sustanzi.

Fl-2011, kienu konklużi b'suċċess il-preparazzjonijiet biex jingħata bidu għall-proċess REACH. Għal dak l-iskop, l-ECHA kompliet id-djalogu mal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri, ma' membri tal-Kumitat tal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, u kienet żviluppata opinjoni ta' kunsens u miftiehem il-proċess għall-valutazzjoni tas-sustanzi. F'workshop organizzat mill-ECHA⁸, kienet dedikata taqsima biex ikunu vvalidati l-kriterji għall-għażla ta' sustanzi għall-valutazzjoni tas-sustanzi u biex l-Istati Membri ikunu infurmati bl-attivitajiet ippjanati fir-rigward tal-iżvilupp tal-abbozz tal-CoRAP.

L-Aġenzija ppreżentat l-ewwel proposta għall-CoRAP lill-Istati Membri u lill-Kumitat tal-Istati Membri tal-ECHA fl-20 ta' Ottubru 2011. L-abbozz tal-CoRAP kien jinkludi 91 sustanza maqsuma tentattivament għas-snin 2012, 2013 u 2014. Fuq il-bażi tal-opinjoni tal-Kumitat tal-Istati Membri, l-Aġenzija ser taddotta l-CoRAP finali sa l-aħħar ta' Frar 2012.

Miri u Indikaturi

Miri

1. Huma ppreparati deċiżjonijiet ta' abbozz xjentifikament tajbin konformi mar-

⁷ http://echa.europa.eu/documents/10162/17231/alternatives_test_animals_2011_en.pdf

⁸ Workshop fit-23 & 24 ta' Mejju 2011. Il-proċeduri huma disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

- rekwiżiti legali.
2. L-ECHA għandha pjan multiannali aġġornat għall-valutazzjoni.
 3. L-ECHA ħolqot fondazzjoni għal bidu effettiv għall-valutazzjoni tas-sustanzi.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Miri fl-2011	Mezz u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Perċentaġġ ta' kontrolli ta' konformità trattati fi ħdan il-kwadru ta' żmien legali.	100%	Rapport intern kull kwart	100%
Perċentaġġ ta' proposti ta' ttestjar eżaminati fil-kwadru ta' żmien legali.	100%	Rapport intern kull kwart	100%
Perċentaġġ tad-deċiżjonijiet ta' abbozz aċċettati unanimament mill-MSK.	90%	Rapport intern kull sena	97%
Numru ta' appelli mitlufa.	0	Rapport intern kull sena	N/A

Riżultati Prinċipali

- It-tielet rapport ta' progress kull -sena dwar il-valutazzjoni ta' REACH kien ippubblikat fi Frar 2011 skont l-iskadenza legali.
- L-ewwel rapport tri-annali dwar 'L-użu ta' Alternattivi għall-Ittestjar fuq l-Animali għar-Regolament REACH' ġie ppreżentat lill-Kummissjoni u kien ippubblikat f'Lulju 2011.
- Membri ġodda tal-persunal kienu rekrutati u integrati bl-użu ta' taħriġ legali xjentifiku u amministrattiv iddiżinjat b'mod speċifiku, ikkumplimentat minn taħriġ fuq ix-xogħol għal persunal żagħżuġ. Kienu organizzati seminars u workshops avvanzati bex tinżamm il-kompetenza xjentifika ta' persunal aktar superjuri.
- Ġie ppreżentat pjan multiannali aġġornat għall-valutazzjoni lill-Bord ta' Tmexxija u kien approvat f'Marzu.
- 393 valutazzjoni konklużi tad-dossiers (216-il proposta ta' ttestjar u 177 kontroll ta' konformità).
- Kienu stabbiliti l-kriterji għall-prijoritizzazzjoni ta' sustanzi għall-valutazzjoni ta' sustanzi.
- L-ewwel proposta għall-Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju (CoRAP) kienet ippreżentata lill-Istati Membri u lill-Kumitat tal-Istati Membri tal-ECHA f'Ottubru 2011.

Tabella 5: Għadd ta' eżaminazzjonijiet ta' proposti ta' ttestjar u l-istatus tal-proċessi fl-2011.

Tip	Għadd ta' dossiers bi proposti ta' ttestjar	Deċiżjoni ta' abbozz	Deċiżjoni finali	Terminati	Eżaminazzjoni li tkompli fl-2012
ta' introduzzjoni gradwali	542	129	9	48	356
mhux ta' introduzzjoni gradwali	45	15	13	10	7
TOTAL	587	144	22	58	363

Tabella 6: Kontrolli ta' konformità kkompletati jew konklużi fl-2011

Riżultat	Għadd.
Deċiżjonijiet finali	105
Irtirati fil-fażi tad-deċiżjoni ta' abbozz minħabba informazzjoni ulterjuri mir-reġistrant	10
Ittri dwar l-osservazzjoni tal-kwalità	19
Konklużi mingħajr azzjoni	12
Deċiżjonijiet ta' abbozz mibgħuta lir-reġistranti (proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għadu għaddej fl-aħħar tal-2011)	146

2.3. Attività 3: Awtorizzazzjonijiet u Restrizzjonijiet

Suċċessi Prinċipali fl-2011

L-Awtorizzazzjoni

Il-kompiti tal-ECHA li jirrelataw għall-awtorizzazzjoni jinkludu l-preparazzjoni u l-aġġornament tal-Lista tal-Kandidati, il-preparazzjoni regolari ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar sustanzi mill-Lista tal-Kandidati li għandhom jiġu nkluża f'dik magħrufa bħala l-Lista ta' Awtorizzazzjoni – il-Lista ta' Sustanzi Soġġetti għall-Awtorizzazzjoni (l-Anness XIV tar-Regolament REACH) – u, fil-ġejjieni qarib, it-trattament ta' applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ppreżentati mill-industrija jekk jixtiequ jkomplu jqiegħdu fis-suq u jużaw dawn is-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs).

Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna u l-Anness XIV

Darbtejn fis-sena, l-ECHA tirċievi dossiers ġodda bi proposti għall-identifikazzjoni ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) mill-Istati Membri. Fl-2011, l-ECHA irċeviet 28 dossiers. Wara l-konsultazzjonijiet pubbliċi li tulhom kienu riċevuti kważi 600 kumment, il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC) laħaq ftehim unanimu dwar l-istatus SVHC ta' 19-il sustanza. Fost dawn is-sustanzi kien hemm 4-tert-Oktilfenol, li hi l-ewwel sustanza li ġiet identifikata bħala SVHC skont l-Artikolu 57 (f) REACH minħabba l-effetti serji possibbli tagħha fuq l-ambjent li jirriżultaw f'livell ekwivalenti ta' tħassib. Għal disa' sustanzi ulterjuri ebda kummenti li jisfidaw il-karatteristiċi SVHC ma kienu riċevuti sabiex dawn is-sustanzi kienu inklużi fil-Lista tal-Kandidati mingħajr l-involviment tal-MSC. In ġenerali, tmien sustanzi kienu miżjuda mal-Lista tal-Kandidati f'Ġunju u 20 f'Diċembru 2011, u dawn baqgħu taħt il-mira interna ta' 40 SVHCs li kienu jkunu meħtieġa biex tintlaħaq il-mira politika ta' 136 SVHCs sa tmiem l-2012. Sal-aħħar tal-2011, l-għadd totali ta' sustanzi SVHC inklużi fil-Lista tal-Kandidati kien 73.

Fit-22 ta' Diċembru 2011, l-ECHA bagħtet it-tielet rakkomandazzjoni tagħha għall-inklużjoni ta' sustanzi ta' prijorità fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni. L-inklużjoni ta' 13-il sustanza⁹ mill-Lista tal-Kandidati kienet irrakkomandata u saru suġġerimenti għall-applikazzjoni u għad-dati ta' terminazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni kienet sostnuta minn opinjoni ta' maġġoranza (kbira) tal-Kumitat tal-Istati Membri u ħadet kont, meta rilevanti, tal-kummenti (kważi 1 400) riċevuti mill-partijiet interessati matul il-konsultazzjoni pubblika, li seħħet aktar kmieni fis-sena. Hekk kif il-Kummissjoni tkun emendat il-Lista tal-Awtorizzazzjoni (l-Anness XIV), l-industrija fl-aħħar mill-aħħar tkun teħtieġ awtorizzazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni tal-ECHA, l-opinjoni tal-MSC u d-dokumentazzjoni kollha tal-isfond huma pubblikament disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

L-ECHA irreviediet dejta disponibbli b'mod pubbliku dwar l-użijiet ta' u espożizzjonijiet għal 35 sustanza bi profili CMR jew PBT biex twettaq skrining preliminari fuqhom għall-ħtieġa tal-identifikazzjoni ta' SVHC/ elenkar tal-Kandidati u miżuri tal-ġestjoni tar-riskji potenzjali ulterjuri. Fuq il-bażi ta' dan l-iskrining preliminari, il-Kummissjoni talbet lill-ECHA tipprepara dossiers għall-identifikazzjoni ta' ħdax-il sustanza bħala SVHCs, li kienu ppreżentati u għaddew iż-żewġ proċessi ta' identifikazzjoni SVHC imwettqa fl-2011.

Applikazzjonijiet tal-Awtorizzazzjoni

Fi Frar 2011, il-Kummissjoni addottat għall-ewwel darba Regolament li permezz tiegħu daħlu fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni (Anness XIV) l-ewwel sitt sustanzi. It-tieni regolament ta' dan it-tip kien qiegħed jiġi ppreparat sabiex jiżdiedu tmien sustanzi oħra mir-rakkomandazzjoni tal-ECHA tal-2010. L-ewwel skadenza għall-industrija biex tippreżenta applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' użijiet speċifikati għall-ewwel sustanza fuq il-lista

⁹ 7 komposti tal-kromju(VI), 5 minerali tal-kobalt(II) u trikloroetilene (ara l-istqarrija tal-istampa f' http://echa.europa.eu/web/guest/view-article/-/journal_content/84f13bf9-d6fd-41ee-aeeb-cdf2e7e9cdee).

kienet stabbilita għal Frar 2013. L-ebda applikazzjoni ma kienet ppreżentata lill-ECHA fl-2011, iżda domandi inizjali jindikaw li l-applikazzjonijiet ser isiru tard fl-2012.

Fl-2011, l-ECHA ffinalizzat u ppubblikat il-formati inizjali tagħha, id-dokumenti ta' gwida teknika u l-manwali għall-utent għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet tal-industrija. L-ECHA kienet teknikament lesta tirċievi applikazzjonijiet minn April 2011 'il quddiem. Lejn l-aħħar parti tas-sena, il-proċeduri tagħha biex titratta applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni kienu żviluppati aktar fi ħdan l-ECHA u l-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji u l-Analiżi Soċjo-Ekonomika. L-ECHA ippubblikat ukoll regolarment pariri tekniċi addizzjonali lil applikanti potenzjali, per eżempju dwar kif jiddeskrivu użijiet. Kien ippreparat ukoll pjan ta' implimentazzjoni għall-bini ulterjuri tal-kapaċità għall-2012.

L-isfida tal-ECHA se tkun li titratta l-applikazzjonijiet b'mod parallel f'żewġ kumitati, timmaniġġja l-konsultazzjoni pubblika u tiffirma sussegwentement l-opinjonijiet fiż-żmien limitat disponibbli, speċjalment minħabba li l-proċess tal-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni mhuwix biss ġdid għall-ECHA iżda għall-partijiet kollha interessati. Għaldaqstant, fi djalogu ma' NGOs, trejd unjoni u partijiet interessati tal-industrija, fl-2011 l-ECHA bdiet taħdem fuq id-dettalji dwar kif twettaq il-konsultazzjoni pubblika dwar informazzjoni wiesgħa dwar użijiet. L-isfida hi li l-konsultazzjoni titwettaq b'mod effiċjenti u trasparenti filwaqt li jkun żgurat li l-applikazzjonijiet jiġu ttrattati imparzjalment u li ebda informazzjoni kummerċjali riservata ma tiġi żvelata.

Restrizzjonijiet

Fl-2011, is-Segretarjat tal-ECHA kompla jipprovdi sostenn ta' kwalità għolja u f'waqtha lir-RAC u lis-SEAC hekk kif żviluppaw l-opinjonijiet tagħhom dwar proposti ta' restrizzjoni. Ir-RAC u s-SEAC addottaw l-opinjonijiet tagħhom dwar l-ewwel erba' restrizzjonijiet; (1) l-użu tad-Dimetilfumarat (DMFu) f'oġġetti trattati, (2) Iċ-ċomb u l-komposti tiegħu fil-ġojjelli, (3) il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' komposti tal-merkurju feniliku u (4) t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-Merkurju għal sfigomanometri u apparat ieħor ta' kejl fil-kura tas-saħħa u f'użijiet oħra professjonali u industrijali. Wara l-opinjonijiet tal-Kumitati, il-Kummissjoni addottat id-deċiżjoni tagħha biex tirrestrinġi l-użu ta' DMFu f'oġġetti fl-2011. Id-deċiżjonijiet dwar it-tliet proposti l-oħra huma mistennija li jittieħdu kmieni fl-2012.

Fl-2011, l-ECHA irċeviet ukoll proposta mid-Danimarka biex tirrestrinġi l-użu ta' erba' ftalati kklassifikati li l-Kumitati bdew ix-xogħol tagħhom dwarhom biex jagħtu opinjonijiet dwar il-proposta. Fuq il-bażi tat-talbiet tal-Kummissjoni, l-ECHA kompliet ir-reviżjoni tagħha tar-restrizzjoni eżistenti ta' żewġ ftalati mhux ikklassifikati, bdiet xogħol fuq reviżjoni fir-rigward tar-restrizzjoni eżistenti fuq il-kadmju u bdiet il-preparazzjoni ta' proposta ta' restrizzjoni fuq l-użu ta' 1,4-dichorobenzene f'deodoranti tal-arja u fi blokko tat-tojlits.

L-ECHA ġabret l-esperjenza miksuba fir-rigward tal-ewwel dossiers ta' restrizzjoni, mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri, minn membri tal-Kumitat u minn osservaturi kif ukoll mill-persunal tal-Kummissjoni, bl-iskop ta' titjib ulterjuri tal-effiċjenza u l-effettività ta' proċeduri għat-trattament ta' dossiers, tal-kwalità tad-dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV u, meta rilevanti, tat-titjib tal-gwida u tal-formati. Dawn is-suġġerimenti jkunu segwiti fl-2012.

Attivitajiet oħra li jirrelataw għall-ġestjoni regolatorja tar-riskji

L-ECHA ipprovdi sostenn ulterjuri lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet ta' skringing u l-identifikazzjoni ta' sustanzi li jistgħu jkunu jeħtieġu l-ġestjoni tar-riskji (lil hinn minn miżuri bħalissa fis-seħħ), u fid-determinazzjoni ta' strumenti xierqa tal-ġestjoni tar-riskji. Dejta ta' reġistrazzjoni, u b'mod partikolari CSRs u Xenarji tal-Espożizzjoni, huma sors importanti ġdid ta' informazzjoni għall-

identifikazzjoni ta' ħtiġiet tal-ġestjoni tar-riskji u għall-preparazzjoni ta' dossiers tal-Anness XV. Biex jitjieb l-għarfien komuni dwar kif din id-dejta għandha tintuża flimkien ma' sorsi oħra ta' informazzjoni, b'mod effettiv, l-ECHA organizzat workshop għall-ġbir tad-dejta mal-Istati Membri.

Il-workshop ippjanat dwar l-interfaċċja bejn il-leġiżlazzjoni ta' REACH u l-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kien pospost sal-2012 biex jippermetti żmien ta' preparazzjoni suffiċjenti u parteċipazzjoni adegwata tal-awtoritajiet inkarigati mil-leġiżlazzjoni għall-protezzjoni tal-ħaddiem.

Fil-ħin għall-ewwel skadenza ta' notifika, l-1 ta' Ġunju 2011, l-ECHA ipprovdiet l-għodda neċessarja biex tippermetti lil importaturi u lil produttori ta' oġġetti jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jinnotifikaw l-ECHA b'sustanzi tal-Lista tal-Kandidati fl-oġġetti tagħhom. Minbarra l-adattamenti tekniċi ta' REACH IT, kienu magħmula disponibbli fuq il-websajt dokumenti ta' sostenn bħall-manwal dwar il-preżentazzjoni tad-dejta u paġni web ġodda li jinkludu mistoqsijiet u tweġibiet dwar l-obbligu tan-notifika. Kien organizzat ukoll webinar li ġibed l-attenzjoni ta' 560 parteċipant.

Notifiki ta' sustanzi f'oġġetti huma meħtieġa mill-1 ta' Ġunju 2011 'il quddiem meta sustanza tidher fuq il-Lista tal-Kandidati għall-inqas sitt xhur qabel u tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni. Sal-ewwel skadenza, kienu riċevuti 175 notifika dwar sustanzi f'oġġetti. Sa l-aħħar tal-2011, dan in-numru kien żdied biss bi ftit għal 203 notifika. L-ECHA bdiet tipprepara prinċipji u proċeduri għall-valutazzjoni ta' dawn in-notifiki bl-iskop li tidentifikahom meta tkun mitluba reġistrazzjoni kompleta u ser tikkomunikahom matul l-2012.

L-ECHA tat bidu għal żewġ proġetti ta' studju metodoloġiku dwar l-analiżi Soċjo-ekonomika, wieħed dwar kemm hemm ħerqa li wieħed iħallas għat-tnaqqis ta' riskji ta' ċerti eżiti li jirrelataw għas-saħħa, ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib, u l-ieħor dwar il-kalkolu ta' tnaqqis fl-ispejjeż ta' ċerti sustanzi kimiċi ta' tħassib. Ir-riżultati ser isiru progressivament disponibbli matul l-2012 u l-2013.

Miri u Indikaturi

Miri

L-Awtorizzazzjoni

1. Lista tal-Kandidati aġġornata ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) hija ppreparata fi żmien ħames xhur minn meta l-ECHA tirċievi dossiers mill-Istati Membri, jew il-finalizzazzjoni ta' dossiers ippreparati mill-ECHA fuq it-talba tal-Kummissjoni.
2. L-ECHA tipprovdri sostenn ta' kwalità teknika u xjentifika għolja, u fi ħdan il-kwadru ta' żmien legali, lill-Kummissjoni, fl-għażla ta' sustanzi mil-Lista ta' Kandidati għal awtorizzazzjoni u fil-proċess tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.
3. L-ECHA timmaniġġja b'mod adegwat u effiċjenti il-proċess tal-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni fil-kwadru taż-żmien legali.

Restrizzjonijiet

1. L-ECHA tipprepara proposti ta' restrizzjoni fuq it-talba tal-Kummissjoni u titratta d-dossiers kollha fil-proċess ta' restrizzjoni sa grad għoli ta' kwalità xjentifika u teknika u fil-kwadru taż-żmien legali.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Perċentaġġ ta' dossiers SVHC trattati fil-kwadru taż-żmien legali.	100%	Rapport intern kull kwart	100%
Perċentaġġ ta' dossiers ta' restrizzjoni trattati fil-kwadru taż-żmien legali.	100%	Rapport intern kull kwart	100%
Perċentaġġ ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni trattati fil-kwadru ta' żmien legali.	100%	Rapport intern kull kwart	N/A
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, tal-MSACs u tal-Kumitati tal-ECHA bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut.	Għolja	Inkjesta kull sena	Għoli

Riżultati Prinċipali

- L-iżvilupp ta' ħax-il dossier tal-Anness XV SVHC fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea.
- Żewġ aġġornamenti tal-Lista tal-Kandidati b'SVHCs ġodda f'Ġunju u f'Diċembru 2011.
- L-iżvilupp ta' għodda għas-sostenn ta' Stati Membri fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom dwar l-identifikazzjoni ta' sustanzi li jistgħu jeħtieġu miżuri tal-ġestjoni tar-riskji lil hinn mill-miżuri fis-seħħ.
- It-tielet rakkomandazzjoni tal-ECHA għandha tinkludi 13-il SVHC mil-Lista tal-Kandidati fl-Anness XIV (Lista ta' Awtorizzazzjoni) ippreżentata lill-Kummissjoni.
- Sostenn lill-Kumitati fl-adozzjoni ta' tmien opinjonijiet (jiġifieri erba' opinjonijiet RAC u erba' opinjonijiet SEAC) dwar erba' proposti ta' restrizzjoni.
- Żewġ rapporti ta' konformità (wieħed negattiv u wieħed pożittiv) dwar dossier ta' restrizzjoni ġdid tal-Anness XV prodotti u ppreżentati lill-Kumitati.
- L-istabbiliment tal-kapaċità teknika tal-ECHA li tirċievi u tipproċessa applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni inkluża l-pubblikazzjoni tad-dokumenti ta' gwida fil-lingwi kollha tal-UE, il-formati u l-manwali tekniċi kollha għall-iżvilupp u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet. Il-proċeduri interni tal-ECHA (inklużi dawk tal-Kumitati) kienu stabbiliti wkoll.
- Flimkien mal-partijiet interessati prinċipali, l-istabbiliment tal-proċess biex l-applikazzjoni għall-proċess ta' awtorizzazzjoni tkun effiċjenti, trasparenti, imparzjali u affidabbli.
- L-istabbiliment ta' għodod ta' preżentazzjoni u ta' sostenn għan-notifika ta' sustanzi f'oġġetti.

2.4. Attività 4: Il-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (C&L)

Suċċessi prinċipali fl-2011

Il-klassifikazzjoni tirrifletti l-perikli ta' sustanzi kimiċi u l-ittikkettar jgħin biex ikun żgurat li sustanzi u taħlitiet huma manifatturati, użati u mormija b'sigurtà.

Il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati (CLH)

Il-kompiti prinċipali kienu jinkludu l-ġestjoni tal-proposti għall-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi (proposti CLH). L-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri ppreżentaw 55 proposta CLH fl-2011. Barra minn hekk, l-ECHA irċeviet l-ewwel proposta CLH mill-industrija. It-total ta' 56 proposta kien kemmxejn inqas minn dak mistenni. L-għadd totali ta' proposti CLH ippreżentati fil-perjodu 2008–2011 kien jammonta għal 179. Saret konsultazzjoni pubblika fl-2011 għal 36 sustanza.

Il-proċeduri biex tkun prodotta l-opinjoni RAC u l-annessi tagħha ġew riveduti f'workshop mal-Istati Membri, mal-membri RAC u mal-Kummissjoni fi Frar 2011. Bħala riżultat kienu introdotti kontroll ta' konformità u proċedura ta' abbozz ġodda u formati riveduti għall-opinjoni u l-annessi tagħha. L-approċċ ġdid mistenni li jkun kompletament implimentat fl-2012.

L-ECHA intensifikat il-kooperazzjoni tagħha mal-EFSA dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPP). Kien organizzat skambju ta' informazzjoni dwar xi wħud mid-dossiers CLH li jtrattaw sustanzi attivi f'PPP. Sar workshop fl-2011 biex jiddiskuti l-kooperazzjoni f'livell Ewropew fl-istima tal-perikli għas-saħħa tal-bniedem ikkawżati minn sustanzi attivi fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u l-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati ta' sustanzi attivi taħt ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

L-inventarju C&L

L-ECHA hi meħtieġa tistabbilixxi u timmaniġġja inventarju C&L ibbażat fuq notifikati C&L mill-industrija. Is-sustanzi perikolużi kollha mqiegħda fis-suq fl-1 ta' Diċembru 2010 u s-sustanzi kollha soġġetti għar-reġistrazzjoni REACH (indipendentement mill-karatteristiċi perikolużi jew mill-iskadenzi rispettivi tagħhom) kellhom jiġu notifikati sa mhux aktar tard mit-3 ta' Jannar 2011. Sa dik l-iskadenza, l-ECHA kienet irċeviet aktar minn tliet miljun notifika li jkopru aktar minn 100 000 sustanza distinta. Matul l-2011, kienu riċevuti nofs miljun notifika oħra biex l-għadd totali ta' sustanzi wasal għal aktar minn 110 000. L-ewwel verżjoni tal-inventarju b'informazzjoni għall-pubbliku kienet ippjanata biex tkun ippubblikata sa nofs Diċembru. Madankollu, id-data ppjanata ta' pubblikazzjoni kellha tiġi ttrasferita għal kmieni fl-2012. Fl-aħħar, l-inventarju kien introdott fit-13 ta' Frar 2012.

Notifikaturi differenti jistgħu jindikaw klassifikazzjonijiet differenti għall-istess sustanza. In-notifikaturi jkollhom imbagħad jagħmlu kull sforz biex jaslu għal ftehim dwar C&L tas-sustanza. L-ECHA investigat il-possibilitajiet prattiċi biex in-notifikaturi tal-istess sustanzi jingjebu flimkien. Bħala l-ewwel stadju fil-proċess ġenerali tal-istabbiliment ta' pjattaforma IT dedikata, li tippermetti u tiffaċilita d-diskussjonijiet bejn notifikaturi u reġistranti dwar il-klassifikazzjoni għal sustanza partikolari mingħajr ma tkun rivelata l-identità tagħhom, ġie deċiż li jitwettaq studju ta' prattika teknika li jqis l-aspetti ta' adattament, xogħol, u sigurtà/kunfidenzjalità.

Talbiet għall-użu ta' ismijiet alternattivi għal sustanzi f'taħlitiet

L-ECHA hija inkarigata wkoll bit-trattament ta' talbiet għall-użu ta' ismijiet alternattivi għal sustanzi u taħlitiet skont l-Artikolu 24 tar-Regolament CLP. Kumpaniji jistgħu jagħmlu dawn it-talbiet għal sustanzi b'ċerti karatteristiċi perikolużi sabiex jiproteġu informazzjoni kunfidenzjali riservata.

Kmieni fl-2011, l-ECHA organizzat workshop mar-rappreżentanti tal-Istati Membri biex jifhemu aħjar kif talbiet għal ismijiet alternattivi kienu trattati mill-awtoritajiet nazzjonali taħt il-leġiżlazzjoni preċedenti. Fuq il-bażi, fost l-oħrajn, tal-pariri pprovduti, l-ECHA żviluppat l-għodda ta' preżentazzjoni, il-manwal u l-proċess għat-talba ta' ismijiet alternattivi għal sustanzi f'taħlitiet, li kienet introdotta f'Settembru 2011.

Talba waħda ta' dan it-tip m'għaddietx mir-regoli kummerċjali u għaldaqstant ma setgħetx tkun riċevuta b'suċċess qabel l-aħħar tal-2011.

Miri u Indikaturi

Miri

1. Il-proposti kollha għal C&L armonizzati ppreżentati minn MSCAs u mill-industrija huma pproċessati fil-kwadru taż-żmien legali u sa grad għoli ta' kwalità xjentifika.
2. Kull talba għall-użu ta' isem kimiku alternattiv hija pproċessata fil-kwadru ta' żmien legali.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Perċentaġġ ta' proposti għal C&L Armonizzati ipproċessati fil-kwadru ta' żmien legali.	100%	Rapport intern kull kwart	100%
Perċentaġġ ta' talbiet għall-użu ta' isem kimiku alternattiv ipproċessati fil-kwadru ta' żmien legali.	100%	Rapport intern kull kwart	N/A
Livell ta' sodisfazzjon tal-MSAs u tar-RAC bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut.	Għolja	Inkjesta kull sena	Għoli

Riżultati prinċipali

- 78 kontroll ta' konformità ta' dossiers li jinkludu proposti għall-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar armonizzati.
- Provviżjoni ta' sostenn f'waqtu, ta' kwalità xjentifika għolja, kemm lil preżentaturi ta' proposti għal C&L armonizzati, kif ukoll lir-RAC u lir-rapportaturi tiegħu għall-iżvilupp tagħhom ta' 30 opinjoni, u ta' dokumenti ta' sfond xjentifiku għal dawn il-proposti.
- In-notifiki C&L kollha riċevuti sat-3 ta' Jannar 2011 u matul il-bqija tas-sena kienu pproċessati b'suċċess u tlestew għal pubblikazzjoni fl-Inventarju C&L introdott kmieni fl-2012.

2.5. Attività 5: Konsulenza u Assistenza permezz tal-Gwida u l-Helpdesk

Suċċessi Prinċipali fl-2011

Helpdesk

Fis-sena wara l-ewwel skadenzi ta' reġistrazzjoni u notifika C&L, l-għadd ta' mistoqsijiet indirizzati lill-Helpdesk tal-ECHA naqas ħafna iktar milli mistenni. Fl-2011, il-Helpdesk tal-ECHA wieġeb għal 5 362 mistoqsija. Iż-żmien medju ta' riżoluzzjoni kien ta' sebat ijiem xogħol, filwaqt li 90% tal-mistoqsijiet ngħataw tweġiba fiż-żmien stabbilit ta' 15-il jum xogħol.

Fl-2011, l-ambitu tal-mistoqsijiet indirizzati lill-Helpdesk tal-ECHA kiber hekk kif ingħata bidu għal proċessi oħra ta' xort'oħra mir-reġistrazzjoni, bħal sustanzi f'oġġetti u talbiet għal ismijiet alternattivi għal taħlitiet. Madankollu, mhux l-istennijiet kollha li jirrelataw għas-suġġetti tal-mistoqsijiet deħlin immaterjalizzaw minħabba li xi proġetti li kkawżaw mistoqsijiet lill-Helpdesk tal-ECHA ġew posposti sal-2012, bħar-rilaxx tan-notifika onlajn tal-utenti downstream u r-rilaxx tal-inventarju pubbliku C&L.

In-netwerk ta' helpdesks nazzjonali REACH u CLP, HelpNet, baqa' wieħed mill-attivitajiet prinċipali fl-2011. L-isforzi fil-kwadru ta' HelpNet għas-sostenn tal-helpdesks nazzjonali rriżultaw fil-bini ta' kapaċità suffiċjenti biex twieġeb għal mistoqsijiet dwar diversi suġġetti. Fi 30 każ biss, il-helpdesks nazzjonali jirreferu l-klijenti tagħhom lill-Helpdesk tal-ECHA. Helpdesks nazzjonali apprezzaw il-Programm ta' Żjarat HelpNet li kompli fl-2011. Fil-kuntest ta' dawn iż-żjarat, kien ipprovdut taħriġ speċifiku lill-persunal tal-helpdesks nazzjonali u avvenimenti nazzjonali REACH u CLP kienu sostnuti b'mod attiv minn kelliema mill-ECHA.

Gwida

Is-segretarjat tal-ECHA implimenta l-esperjenza miġbura tul l-aħħar sentejn biex ipprova konsulenza lill-partijiet interessati fl-aġġornamenti ta' gwida tiegħu u l-proċess relatat ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati. Saret analiżi tal-lezzjonijiet mitgħallma mill-ewwel skadenzi ta' reġistrazzjoni u notifika u kif għandhom ikunu applikati għall-iżvilupp ulterjuri tad-dokumenti ta' gwida. Barra minn hekk, kienu ppubblikati dokumenti ta' gwida fi tliet kwadri taż-żmien speċifiċi kull sena biex l-industrija tkun tista' tippjana aħjar għall-bidliet.

Minħabba li l-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati tal-ECHA biex tkun aġġornata jew ikkunsidrata gwida ġdida, kif ukoll id-diskussjonijiet twal dwar kwstjonijiet xjentifiċi, tekniċi jew ta' politika, fl-imgħoddi ttardja l-provviżjoni ta' konsulenza u assistenza lill-industrija, il-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA addotta proċess ta' konsultazzjoni ta' gwida rivedut f'Marzu 2011. Il-mekkaniżmi riveduti tiegħu jippermettu lill-ECHA twettaq l-aġġornamenti neċessarji ta' gwida marbuta mar-reġistrazzjoni sew qabel l-iskadenza ta' reġistrazzjoni li jmiss. Dawn il-mekkaniżmi jippermettu lill-Aġenzija tiffinalizza l-gwida billi tqis il-maġġoranza tal-opinjoni jiet jekk ma jkunx jista' jintlaħaq qbil komplet.

Matul l-2011, l-ECHA ikkonsenjat dokumenti ta' kwalità għolja filwaqt li żgurat l-akkwist minn partijiet interessati bl-iskop li jipprova konsulenza u assistenza lill-industrija dwar ir-Regolamenti REACH u CLP. Il-proċedura ġdida ġiet implimentata gradwalment għal dawk l-aġġornamenti li kienu diġà bdew.

Sabiex l-industrija titħalla tikkonċerna fuq il-preparazzjoni tad-dossiers tagħha fil-perjodu qabel l-iskadenza ta' reġistrazzjoni REACH li kien imiss, is-Segretarjat tal-

ECHA ta bidu għall-aġġornament tal-gwida dwar ir-reġistrazzjoni u l-kondiviżjoni tad-dejta fit-tieni nofs tal-2011. Il-Kummissjoni ppreżentat tul l-2011 ir-riżultati finali tat-tliet Proġetti ta' Implimentazzjoni REACH dwar nano-materjali, li ppermetta lill-ECHA tippjana aġġornament nano-speċifiku tal-gwida dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika għall-2012.

Biex titjeb l-aċċessibbiltà tal-gwida għall-partijiet interessati kollha, l-ECHA ipproduċiet dokumenti 'kważi gwida' inklużi ħames skedi informattivi u żewġ gwidi fil-qosor. Id-dokumenti kważi gwida għandhom l-iskop li jispjegaw il-messaġġi prinċipali tad-dokumenti gwida primarji korrispondenti f'termini sempliċi u huma partikolarment maħsuba għal impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Barra minn hekk, il-gwida saret iktar faċilment aċċessibbli, bid-disinn mill-ġdid tal-websajt ta' gwida, bis-simplifikazzjoni tal-gwida meta Prattiku u billi kienet magħmula disponibbli d-dejtabejż ta' terminoloġija REACH u CLP għall-faċilitazzjoni u l-armonizzazzjoni tat-traduzzjoni. Ħafna minn dawn id-dokumenti u paġni web huma pprovdu fit-22 lingwa uffiċjali tal-UE għat-titjib ulterjuri tal-aċċessibbiltà tagħhom.

Taħriġ REACH u CLP

Fl-2011, l-Aġenzija organizzat varjetà ta' avvenimenti ta' taħriġ immirati lejn partijiet interessati esterni, li koprew diversi suġġetti li huma trattati minn dipartimenti differenti tal-ECHA. Madwar 20 avveniment ta' dan it-tip iffoka fuq li jippreżenta aġġornamenti moderni dwar kwistjonijiet REACH u CLP kif ukoll fuq għodod tal-IT tal-ECHA. L-udjenzi mmirati kkonsistew l-aktar f'rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE eż. awtoritajiet kompetenti, helpdesks nazzjonali u awtoritajiet tal-infurzar. Iżda rappreżentanti tal-industrija segwew ukoll l-inviti tal-Aġenzija li jattendu l-avvenimenti ta' taħriġ esterni li saru tul l-2011.

Minbarra avvenimenti ta' taħriġ wiċċ imb'wiċċ li saru fil-bini tal-ECHA f'Ħelsinki fil-format ta' workshops topiċi, l-Aġenzija pproduċiet ukoll serje ta' webinars li partijiet interessati jista' jkollhom aċċess għalihom permezz tal-websajt tal-ECHA fi kwalunkwe ħin għall-konvenjenza tagħhom. Dawn il-webinars koprew suġġetti bħal taħriġ dwar rapporti ta' Utenti Downstream u Sustanzi f'Oġġetti, jew eżerċizzji ggwidati dwar użu bażiku u avanzat ta' IUCLID, biex insemmu biss xi wħud.

Avveniment ta' taħriġ dwar għodod tal-IT iffukaw fuq l-iżviuppi tal-għodda ta' preżentazzjoni REACH-IT b'mod partikolari. Persuni li jħarrġu ta' awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali kienu mistiedna għal taħriġ dwar l-għodda RIPE qabel ma kien introdott f'Ġunju.

Għalkemm workshops topiċi dwar varjetà ta' mistoqsijiet xjentifiċi regolatorji kienu fil-parti kbira organizzati bħala mezz għall-konsultazzjoni ta' esperti u partijiet interessati fil-proċess tal-iżvilupp ta' approċċi xierqa għall-isfidi speċifiċi regolatorji preżenti, billi xerrdu għarfien dwar l-istat preżenti ta' dibattiti, kienu jinkludu wkoll element utli ta' taħriġ. Il-kondiviżjoni tad-dejta, l-użu ta' QSAR, l-għodda Chesar għall-iżvilupp ta' CSRs u l-proċessi ġodda ta' awtorizzazzjoni, huma suġġetti eżemplari ta' dawn il-workshops.

Fl-aħħar, kif imsemmi wkoll fil-kapitolu ta' dan ir-rapport dwar konsulenza u assistenza, l-attivitajiet tan-netwerk ta' helpdesks nazzjonali (HelpNet) tal-ECHA kienu jinkludu wkoll għadd konsiderevoli ta' avvenimenti ta' taħriġ attiv, li ffukaw l-aktar fuq li jaġġornaw lil uffiċjali tal-helpdesk nazzjonali b'għodod tal-IT tal-ECHA li jirrelataw għar-reġistrazzjoni.

Miri u Indikaturi

Miri

1. L-industrija tirċievi sostenn f'waqtu u effiċjenti mill-Ħelpdesk, u permezz ta' dokumenti ta' gwida ta' kwalità għolja, biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt REACH u CLP.
2. Huwa pprovdut sostenn għall-implimentazzjoni ta' REACH u CLP fi Stati Membri tal-UE/ŻEE permezz tat-taħriġ ta' dawk li jħarrġu.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza tal-verifika	Riżultat fl-2011
Perċentaġġ ta' mistoqsijiet tal-Ħelpdesk li jingħataw tweġiba fiż-żmien stabbilit (fuq medja 15-il jum xogħol).	Mhux anqas minn 75%	Rapport dwar l-Oġġett Kummerċjali / fix-xahar	90%
L-għadd ta' aġġornamenti FAQ maqbula mal-ĦelpNet u ppubblikati fuq il-web. ¹⁰	Għall-inqas 3	Rapport kull sena	3
Perċentaġġ ta' tweġibiet ta' feedback ipprovduti mill-ECHA għal mistoqsijiet ippreżentati lill-ĦelpEx minn Ħelpdesks nazzjonali, fiż-żmien stabbilit mill-orijġinatur in kwistjoni.	Mhux anqas minn 75%	Rapport dwar l-Oġġett Kummerċjali / fix-xahar	98%
Perċentaġġ ta' dokumenti ta' gwida ppubblikati fuq il-web skont il-pjan.	Mhux anqas minn 75%	Rapport kull sena	86%
Livell ta' sodisfazzjon espress f'feedback minn utenti ta' gwida.	Għolja	Domanda kull sena	Għoli
Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità ta' avvenimenti ta' taħriġ REACH.	Għolja	Feedback tal-Parteċipanti / kull sena	Għoli

¹⁰ Kienu ppubblikati erba' aġġornamenti FAQ fuq il-websajt tal-ECHA wara qbil mal-korrispondenti tal-Ħelpdesk REACH u CLP, filwaqt li ħames aġġornamenti oħra FAQ kienu ppubblikati wara li l-kwistjonijiet kienu indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea, mingħajr il-konsultazzjoni ulterjuri tal-Grupp ta' Tmexxija ĦelpNet.

Riżultati Prinċipali

Helpdesk

- Ipprovduti tweġibiet għal 5 362 mistoqsija li jirrigwardaw l-għodod tal-IT tal-ECHA (IUCLID, Chesar, REACH-IT u preżentazzjoni tad-dejta) u r-rekwiżiti REACH u CLP.
- Kummenti dwar 135 mistoqsija ta' skambju HelpNet dwar kwistjonijiet REACH u CLP ipprovduti lil helpdesks nazzjonali.
- Żewġ FAQs REACH aġġornati permezz ta' proċedura bil-miktub u tliet FAQs REACH li rriżultaw minn deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, FAQ CLP waħda aġġornata permezz ta' proċedura bil-miktub.
- Żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija HelpNet organizzati: tal-aħħar b'taħriġ kontinwu dwar diversi tipi ta' preżentazzjoni ta' dossier lill-ECHA. Ngħataw ukoll żewġ webinars dwar rapporti ta' utenti downstream u notifika ta' sustanzi f'oġġetti f'żewġ eżerċizzji ggwidati IUCLID 5.
- 11 il-helpdesk nazzjonali li saritilhom żjara fil-kuntest tal-Programm ta' Żjarat HelpNet 2011-2013.
- Kontribut lil sessjonijiet Q&A wiċċ imb'wiċċ fil-Jum tal-Partijiet Interessati tal-ECHA fl-2011.

Gwida

- Tliet dokumenti gwida ġodda u erbatax-il aġġornament għad-dokument ta' gwida ppubblikati:
 - Dokumenti ta' gwida ġodda:
 - Gwida dwar il-preparazzjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni
 - Gwida dwar Analiċi Soċjo-Ekonomika – Awtorizzazzjoni
 - Gwida dwar il-kompilazzjoni ta' Skedi ta' Dejta ta' Sigurtà
 - Aġġornamenti jew korrigenda :
 - Gwida dwar rekwiżiti għal sustanzi f'oġġetti
 - Gwida dwar CLP – kriterji ta' ttikkettar
 - Gwida dwar l-ambitu tal-valutazzjoni tal-espożizzjoni
 - Gwida dwar ir-reġistrazzjoni
 - Gwida dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi u l-għoti ta' ismijiet lil sustanzi taħt REACH u CLP
 - Il-Partijiet A, B u C u l-kapitoli R2, R3, R4 u R5 tal-Gwida dwar IR/CSA
 - Gwida dwar il-kompilazzjoni ta' Skedi ta' Dejta ta' Sigurtà
 - Gwida dwar l-applikazzjoni tal-kriterji CLP
- Ħames Skedi Informattivi ppubblikati:
 - Skeda Informattiva ta' Gwida dwar rekwiżiti għal sustanzi f'oġġetti
 - Skeda Informattiva ta' Gwida dwar l-identifikazzjoni ta' sustanzi u l-għoti ta' ismijiet lil sustanzi taħt REACH u CLP.
 - Skeda Informattiva REACH dwar il-Valutazzjoni ta' Sustanzi
 - Skeda Informattiva REACH dwar Skedi ta' Dejta ta' Sigurtà u Xenarji tal-Espożizzjoni
 - Skeda Informattiva REACH dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni
- Żewġ gwidi fil-qosor ippubblikati:
 - Gwida dwar ir-rekwiżiti għal sustanzi f'oġġetti

- o Gwida fil-qosor dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi u l-għoti ta' ismijiet lil sustanzi taħt REACH u CLP

Taħriġ REACH u CLP


- Organizzati diversi avvenimenti ta' taħriġ u workshops għal udjenzi mmirati.
- Sitt webinars għal udjenza mmirata organizzati u ppubblikati fuq il-websajt tal-ECHA.
- Taħriġ approvdut fuq talba matul żjarat Helpdesk.

Tabella 7: L-għadd, il-perċentaġġ u ż-żmien medju ta' riżoluzzjoni ta' mistoqsijiet riżolti tul l-2011

Suġġett	L-għadd ta' mistoqsijiet riżolti	%	Żmien medju ta' riżoluzzjoni (jiem tax-xogħol)	
REACH	1 227	22,9%	9.6	
CLP	192	3,6%	5.7	
IUCLID 5	590	11%	8	
CHESAR	207	3,9%	10.9	
REACH-IT	452	8,4%	6.4	
REACH-IT	Ġestjoni tal-utent	1 414	26,4%	2.6
Preżentazzjonijiet	1 280	23,9%	7.8	
Total	5 362	100%	7.3	

Tabella 8: Kummenti pprovduti f'HelpEx
Kummenti pprovduti mill-ECHA għal mistoqsijiet miftuħa f'HelpEx minn helpdesks nazzjonali tul l-2011 u l-għadd ta' kummenti pprovduti fl-iskadenza speċifikata mis-sid tal-mistoqsijiet rispettivi

Suġġett	L-għadd ta' mistoqsijiet ikkummentati	L-għadd fil-ħin	% fil-ħin	Dewmien medju (jiem tax-xogħol)	Dewmien massimu (jiem tax-xogħol)
REACH	100	97	97%	162.25	310.5
CLP	35	35	100%	0	0
Total	135	132	98%	-	-

Grafiki 2 u 3: Pajjiżi prinċipali li minnhom kienu riċevuti mistoqsjiet

2.6. Attività 6: Għodod xjentifiċi tal-IT

Suċċessi Prinċipali fl-2011

L-implimentazzjoni tal-proċessi REACH teħtieġ firxa wiesgħa ta' sistemi tal-IT; l-iżvilup ulterjuri u l-manutenzjoni komplew ikunu kruċjali għall-operazzjonijiet tal-ECHA fl-2011.

Aktar minn tliet miljun notifika C&L kienu pproċessati b'suċċess f'REACH-IT sal-iskadenza ta' Jannar 2011. Verżjoni ġdida 2.2 ta' REACH-IT kienet rilaxxata kmieni f'April u kienet tinkludi l-adattament ta' IUCLID 5.3, għodda ta' migrazzjoni u l-integrazzjoni ta' sostenn għall-fluss tax-xogħol għall-valutazzjoni tal-klejms ta' kunfidenzjalità fid-dossiers ta' reġistrazzjoni.

Żviluppi addizzjonali ta' REACH-IT kienu ppjanati biex ikunu rilaxxati qabel tmiem l-2011 u dawn, li kienu jikkonċernaw l-immaniġġjar ta' notifiki ta' utenti downstream, iż-żieda fil-livell ta' awtomatizzazzjoni u l-bini ta' interfaċċji ma' sistemi oħra, kienu ttardjati minħabba diffikultajiet li rriżultaw mill-bdil tal-kuntrattur. Ittiegħu azzjonijiet ta' korrezzjoni biex tkun żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha fl-2012 ta' dawn il-funzjonalitajiet kollha u oħrajn meħtieġa għall-iskadenza tal-2013 u għal titjib fil-flussi tax-xogħol.

Biex tkun aktar sostnuta l-industrija bil-preparazzjoni ta' reġistrazzjonijiet, l-ECHA kompliet tiżviluppa żewġ sistemi prinċipali: IUCLID 5, l-għodda prinċipali għall-industrija biex ikunu ppreparati d-dossiers REACH u CLP u Chesar, għodda maħsuba biex tgħin lil kumpaniji jippreparaw valutazzjonijiet dwar is-sigurtà kimika u jipproduċu r-rapporti tagħhom dwar is-sigurtà kimika u xenarji tal-espożizzjoni biex jiżiedu mal-iskedi ta' dejta ta' sigurtà.

IUCLID 5.3 kien rilaxxat fi Frar, inklużi aġġornamenti għal matriċi armonizzati OECD, sostenn għal tipi ta' preżentazzjoni ġodda (rapport tal-utenti downstream, notifika ta' sustanzi f'oġġetti, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni). Il-verżjoni 5.4 b'titjib għall-pubblikazzjoni ta' ismijiet tal-kumpanija u informazzjoni oħra tal-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà fil-websajt ta' disseminazzjonim kienet fil-parti l-kbira żviluppata u ttestjata sabiex ġiet rilaxxata fl-2012.

Il-konsultazzjoni tal-utent għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' IUCLID (6) inbdiet u mxiet bi progress għall-fażi ta' preparazzjoni tar-rekwiżiti tal-utent, li ser tkun segwita bl-implimentazzjoni li ser tibda fl-2012.

Kienet żviluppata l-għodda Chesar u żewġ rilaxxi kienu ppubblikati matul is-sena. Il-verżjoni 1.2 introduċiet xenarji tal-espożizzjoni għall-komunikazzjoni tal-utent downstream bħala parti mill-iskeda ta' dejta ta' sigurtà u sostenn għall-ħolqien ta' Rapport ta' Sħiħ dwar is-Sigurtà Kimika (CSR). L-iżvilupp kompli u intensifika lejn l-aħħar tas-sena bl-iskop li tkun introdotta reviżjoni maġġuri ġdida tal-għodda sas-sajf tal-2012.

Bħala segwitu għall-istudju tal-Arkitettura tal-Impriża (EA) imwettaq fl-2010, l-ECHA identifikat l-integrazzjoni tas-sistemi tal-IT tagħha u l-aċċessibbiltà tad-dejtabejżis tagħha bħala komponenti fundamentali għas-sostenn ulterjuri tal-iżviluppi prevedibbli fil-ġejjieni fil-proċessi kummerċjali tagħha. Inbeda proġett (il-Proġett tal-Integrazzjoni tad-Dejta) biex titjeb l-aċċessibbiltà għad-dejta rilevanti tad-dossier u tar-reġistrazzjoni. Il-proġett għandu l-iskop b'mod partikolari li jtejjeb l-użu tas-sistemi tal-ECHA użati fix-xogħol imwettaq minn MSCAs. Fl-ewwel fażi, beda pilota dwar aċċess ipprovdut lill-MSAs għal dejtabejż ċentralizzata IUCLID li tikkontjeni d-dossiers ta' reġistrazzjoni riċevuti mill-ECHA.

Biex tipprovdi għodod u informazzjoni għax-xogħol ta' infurzar imwettaq mill-Istati Membri, l-ECHA irrilaxxat il-portal RIPE fejn awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jikkontrollaw informazzjoni dwar sustanzi rreġistrati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Is-sigurtà tal-informazzjoni żvolġiet rwol importanti fl-arkitettura u fl-implimentazzjoni tas-sistema minħabba li l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali lil hinn minn udjenzi intiżi jeħtieġ li jkun ipprevenut b'mod strett.

Kumplimentari għal REACH-IT, diġà fl-2010 ingħata bidu għall-programm tal-Immaniġġjar tal-Kontenut tal-Impriża (ECM) sabiex kien ipprovdut sostenn fundamentali għall-proċessi operazzjonali tal-ECHA. Il-programm ECM kien estiż fl-2011 biex isostni l-proċess tal-valutazzjoni tad-dossier (magħruf ukoll bħala ECM-DEP); id-dħul ġenerali fil-produzzjoni huwa previst f'Mejju 2012. L-ECM-DEP ser ikun integrat ma' REACH-IT biex jippermetti l-kondiviżjoni ta' dejta tar-reġistrazzjoni u l-kanalizzazzjoni tal-komunikazzjoni kollha lill-industrija permezz ta' "qalba" ċentrali.

Il-proċess tal-pubblikazzjoni tad-disseminazzjoni huwa sosnut minn sistema tal-IT għal publikazzjoni awtomatizzata. Il-livell ta' awtomatizzazzjoni tjiieb aktar fl-2011 u l-portal kien rivedut biex jitjieb l-użu tiegħu.

L-iżvilupp għall-pubblikazzjoni tal-inventarju ta' notifiċi C&L kompla tul is-sena. L-implimentazzjoni teknika damet aktar milli antiċipat; l-ewwel verżjoni tas-softwer kienet lesta għal ittestjar intern fi tmiem is-sena u kienet fl-aħħar ippubblikata b'xi dewmien fi Frar 2012.

L-ECHA żviluppat aktar għodod għal użu intern: Casper (l-istabbiliment tal-prijoritajiet u l-għodda ta' rappurtaġġ) u Odyssey (sistema ta' sostenn tad-deċiżjonijiet għal attivitajiet ta' valutazzjoni).

Il-verżjoni tal-produzzjoni finali ta' Casper kienet disponibbli kmieni fl-2011. L-għodda intużat biex tagħżel dossiers biex ikunu vvalutati, biex tipprovdi statistiċi għal diversi proposti, inklużi rapporti tal-Art. 117 u għas-sostenn tal-preparazzjoni tal-lista CoRAP. Matul is-sena kien introdott titjib.

L-ewwel verżjoni tas-sistema tas-sostenn tad-deċiżjonijiet tal-valutazzjoni tad-dossiers xjentifiċi, Odyssey, tqiegħdet fi produzzjoni fi Frar 2011. Tliet verżjonijiet sussegwenti minuri kienu rilaxxati matul is-sena. L-inkjesta tal-utenti mwettqa fi tmiem is-sena uriet li s-sistema intużat kompletament u b'suċċess, speċjalment biex issostni kontrolli tal-konformità. L-ewwel sinjali tat-tnaqqis taż-żmien tal-valutazzjoni kienu diġà nnutati. Is-sistema uriet li tassisti speċjalment fir-rintraċċar tal-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet u fil-gwida tal-preparazzjoni ta' dokumenti għas-sostenn ta' deċiżjonijiet.

Bdew attivitajiet preparatorji taħt kuntratt ta' servizz mal-Kummissjoni Ewropea għall-analiżi tal-proċessi operazzjonali li jirriżultaw mir-Regolament il-ġdid dwar il-Bijoċidi. Din l-analiżi ffukat b'mod partikolari fuq is-sostenn tal-IT meħtieġ biex jippermetti l-addattament u l-implimentazzjoni tar-Reġistru għal Prodotti Bijoċidali (R4BP), li ser jibda għall-ECHA mad-dħul f'applikazzjoni skedat għal Settembru 2013.

L-ECHA ipprovdiet xi assistenza lill-Kummissjoni fl-istudju tagħha biex tanalizza l-ħtiġiet għas-sostenn ta' sistemi informatiċi għall-kompiti ġodda previsti għall-ECHA skont ir-riformulazzjoni tar-Regolament PIC.

Miri u Indikaturi

Miri

1. L-ECHA tirċievi u tipproċessa b'suċċess id-dossiers ta' reġistrazzjoni u n-notifiki C&L kollha bl-assistenza ta' REACH-IT aġġornat u li jiffunzjona tajjeb.
2. Għodod speċjalizzati tal-IT (IUCLID5, għodod ta' preżentazzjoni C&L u Chesar) u manwali mmirati għall-utent u workshops sostnew lil reġistranti b'effiċjenza fil-preparazzjoni tad-dossiers tagħhom u biex jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom.
3. Għodda avvanzata ta' skrining (Casper) u sistema effiċjenti ta' sostenn tad-deċiżjonijiet (Odyssey) qegħdin isostnu b'effiċjenza l-ECHA fil-mira tagħha li twettaq kontrolli ta' konformità fuq 5% tad-dossiers għal kull limitu ta' tunnellaġġ.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezzi u frekwenza tal-verifika	Riżultat fl-2011
Rata ta' suċċess tal-proġett f'termini ta' żmien, baġit u ambitu.	80%	Kull proġett huwa vvalutat bħala parti mill-attivitajiet ta' egħluq tiegħu. Sommarji tar-rapporti huma ppreparati kull kwart bħala segwitu.	77%
Livell ta' sodisfazzjon ta' utenti esterni tal-għodod IT (IUCLID, REACH-IT, Chesar u RIPE).	Għolja	Inkjesta kull sena	Għoli

Riżultati Prinċipali

REACH-IT

- REACH-IT kien qiegħed isostni b'suċċess lil reġistranti u lill-ECHA fl-iproċessar ta' dossiers ġodda matul is-sena.
- Is-sistema kienet aġġornata biex taddatta għall-bidliet IUCLID u biex tappoġġa l-valutazzjoni ta' klejms ta' kunfidenzjalità fid-dossiers ta' reġistrazzjoni.

Websajt ta' disseminazzjoni

- Informazzjoni kemm mid-dossiers ta' reġistrazzjoni prinċipali kif ukoll minn dawk tal-membri kienet ippubblikata sa tmiem is-sena.
- It-taqsim tal-web ta' disseminazzjoni ġiet integrata mal- eChemPortal sabiex l-istess informazzjoni tista' titfittex miż-żewġ sistemi.
- It-tiftix għal informazzjoni minn dossiers ta' prereġistrazzjoni u minn dossiers ta' reġistrazzjoni kif ukoll minn proposti ta' ttestjar huwa possibbli permezz tal-websajt rivedut tal-ECHA.

IUCLID 5

- Saru aġġornamenti mmexxija minn partijiet interessati, inklużi diversi

aġġornamenti għal matriċi armonizzati tal-OECD.

- Introdotta funzjonalità ġdida għall-preparazzjoni ta' tipi ġodda ta' dossier taħt REACH bħar-rapport tal-utent downstream, in-notifika tas-sustanzi f'oġġetti u l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

RIPE

- Kienet ippubblikata l-ewwel verżjoni tal-portal għall-awtoritajiet ta' infurzar tal-Istati Membri.

Sistema ta' Ġestjoni tad-dokumenti

- Sostenn għall-proċess SVHC kien disponibbli matul is-sena.
- Is-sostenn tal-proċess tal-valutazzjoni tad-dossier ipprograssa għall-fażi ta' ttestjar.

Chesar

- Kienet introdotta funzjonalità ġdida għall-preparazzjoni ta' xenarji tal-espożizzjoni għall-komunikazzjoni mal-utenti u l-kapaċità li jkun ippreparat CSR sħiħ.

Casper

- Ikkonsenjata l-verżjoni tal-produzzjoni finali tal-għodda tal-ħżin u r-rappurtaġġ tad-dejta u din intużat bħala sostenn fl-għażla ta' dossiers għal valutazzjoni, fil-provvizzjoni ta' informazzjoni lil sistemi oħra, fil-preparazzjoni tal-lista CoRAP u fir-rappurtaġġ ta' ħtiġiet bħall-Art. 117 ta' REACH.

Odyssey

- Kienet żviluppata sistema għas-sostenn ta' deċiżjonijiet tal-valutazzjoni ta' dossiers xjentifiċi u l-utenti bdew jużawha. Kienu diġà nnutati l-ewwel sinjali li ż-żmien ta' valutazzjoni naqas.

Ġenerali

- Fuq il-bażi tal-Istudju tal-Arkitettura tal-Impriża, ġie stabbilit Proġett ta' Integrazzjoni tad-Dejta għat-titjib tal-integrazzjoni tad-dejta u tal-applikazzjoni, u biex jitjieb l-użu u l-aċċess għad-dejta għall-Aġenzija u għal MSCAs.

2.7. Attività 7: Konsulenza xjentifika u teknika lil istituzzjonijiet u korpi tal-UE

Suċċessi Prinċipali fl-2011

Skont ir-rekwiżiti legali ta' REACH, l-ECHA ikkonsenjat l-ewwel rapport tagħha ta' ħames snin skont l-Artikolu 117(2) ta' REACH dwar l-operazzjoni tar-Regolamenti REACH u CLP. Kien prodott ukoll l-ewwel rapport ta' tliet snin tal-Artikolu 117(3) dwar l-istatus ta' implimentazzjoni u l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali u strateġiji ta' ttestjar. Iż-żewġ rapporti kienu ppreżentati lill-Kummissjoni u kienu magħmula pubbliċi fl-interess ta' trasparenza.

Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri komplet tuża l-laqgħat tal-Awtoritajiet Kompetenti għal REACH u CLP (CARACAL) bħala l-pjattaforma primarja għall-infurmar u l-konsultazzjoni tal-MSAs.

L-ECHA ipparteċipat fil-Valutazzjoni Preliminari ta' Rilevanza Regulatorja ta' metodi ta' ttestjar *in vitro* (PARERE), li kienet stabbilita miċ-Ċentru Ewropew għall-Validazzjoni ta' Metodi Alternattivi (ECVAM). Dan ix-xogħol jgħin biex ix-xogħol ikun iffukat fuq l-iżvilupp ta' metodi alternattivi fl-oqsma tal-ogħla rilevanza regulatorja.

Fl-2011, l-ECHA segwiet mill-qrib l-iżviluppi tal-Proġetti ta' Implimentazzjoni REACH dwar Nanomaterjali (RIP-oN), u b'mod partikolari RIP-oN 2 dwar rekwiżiti tal-informazzjoni, u RIP-oN 3 dwar karatterizzazzjoni tal-espożizzjoni u tar-riskji. Il-kummenti u input dwar RIP-oN 1 jirrappurtaw dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi u l-istudji tal-każijiet relatati tagħha diġà kienu pprovduti fis-sena preċedenti. Ir-rapporti tal-proġett RIP-oN imbagħad tgħaddew lill-ECHA kmieni f'Novembru għall-konsiderazzjoni f'aġġornamenti ta' gwida fil-ġejjieni. F'Novembru, sar progress importanti meta l-Kummissjoni Ewropea addottat rakkomandazzjoni dwar id-definizzjoni ta' nanomaterjali li jistgħu issa jintużaw għal skopijiet regulatorji. Barra minn dan, l-ECHA assistiet lill-Kummissjoni fil-kompilazzjoni ta' informazzjoni dwar tipi u użijiet ta' nanomaterjali. L-informazzjoni inkludiet aspetti ta' sigurtà rrappurtati mill-kumpaniji tas-sustanzi kimiċi jew fid-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom ippreżentati taħt ir-Regolament REACH jew f'notifiki lill-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u Ttikketta ippreżentat taħt ir-Regolament CLP. Fl-aħħar, l-ECHA bdiet f'kooperazzjoni mad-DG taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) tivvaluta t-tip ta' informazzjoni dwar nanomaterjali disponibbli bħalissa fid-dossiers riċevuti ta' reġistrazzjoni u notifika – għal dawk li jinkludu informazzjoni dwar nanomaterjali – u mmirat minn dan li tikkonkludi dwar l-adekwatezza ta' rekwiżiti REACH għal nanomaterjali kmieni fl-2012.

L-ECHA ikkontribwiet għall-iżvilupp ulterjuri tal-linji gwida għall-ittestjar OECD bl-iskop li tiżgura li l-metodi ta' ttestjar huma żviluppatti u aġġornati skont it-tagħrif xjentifiku l-iktar reċenti filwaqt li jkun evitat ittestjar mhux neċessarju fuq l-annimali. L-oqsma ta' prijorità fl-2011 kienu l-ġenotossicità, testijiet *in vitro* (eż. għal irritazzjoni/korrożjoni tal-ġilda u tal-għajnejn, tossiċità riproduttiva, speċjalment l-istudju ta' Tossiċità Riproduttiva Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda, disturbi għall-endokrina, ekotossiċità (akkwatika, tas-sediment, tal-ħamrija), u l-bijoakkumulazzjoni.

Bl-iskop li jkunu sostnuti reġistranti u utenti downstream f' (i) it-twertieq b'effiċjenza tal-Valutazzjonijiet tagħhom dwar is-Sigurtà Kimika (CSAs) u fil-ġenerazzjoni ta' Rapporti dwar is-Sigurtà Kimika ta' kwalità tajba (CSRs), u (ii) l-istabbiliment ta' mekkaniżmi effiċjenti għall-komunikazzjoni dwar l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi fil-katina tal-provvista, l-ECHA stabbiliet Programm ta' Żvilupp CSA intern. L-informazzjoni ta' kwalità tajba fis-CSRs u l-Iskedi ta' Dejta ta' Sigurtà estiżi mhumiex biss ta' benefiċċju għall-industrija iżda wkoll għall-ECHA u għall-

Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-proċessi REACH wara r-reġistrazzjoni, bħall-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni. Wieħed mis-suċċessi prinċipali fl-2011 kien l-istabbiliment tan-Netzwerk għall-Iskambju ta' Xenarji tal-Espożizzjoni (ENES) bejn l-ECHA u partijiet interessati biex ikunu allinejati stennijiet fost dawk kollha involuti fil-qasam. L-ECHA identifikat ukoll, f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati, liema informazzjoni hija nieqsa għal utenti downstream biex jifhmu ix-xenarji tal-espożizzjoni li huma jirċievu mill-fornituri tagħhom u pproduċiet l-ewwel pubblikazzjonijiet biex issostnihom. Suċċess prinċipali ieħor kien l-ispeċifikazzjoni ta' rekwiżiti għall-aġġornament ta' IUCLID (il-verżjoni 5.4) għas-sostenn ta' reġistranti fir-rappurtaġġ dwar konklużjonijiet mill-istima tal-periklu, dwar użijiet identifikati, dwar kondizzjonijiet siguri tal-użu u dwar l-estimi ta' espożizzjoni relatati.

Fl-aħħar l-ECHA ipprovdiet konsulenza teknika lill-Kummissjoni tul it-tieni qari tal-proposta għar-Regolament ġdid dwar Prodotti Bijoċidali. Kienu introdotti l-ippjanar u l-preparazzjoni inizjali, bis-sostenn tal-fondi speċifiċi mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-kompiti antiċipati tal-ECHA fil-ġejjieni taħt ir-regolament propost, sabiex l-ECHA tkun tista' tidħol għal dawn il-kompiti mid-data ta' applikazzjoni prevista (l-1 ta' Settembru 2013). Beda ppjanar dettaljat fuq proċeduri u flussi tax-xogħol, l-istabbiliment tal-Kumitat tal-Prodotti Bijoċidali u tal-Grupp ta' Koordinazzjoni previsti, għodod IT, gwida u persunal.

Miri u Indikaturi

Miri

1. L-ECHA tejjbet il-kapaċità tagħha li tipprovidi konsulenza xjentifika u teknika dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi, in-nanomaterjali u l-metodi ta' ttestjar.
2. L-ECHA tikkonsenja rapporti f'waqthom u ta' kwalità għolja li jgħinu lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni u t-titjib tal-operazzjoni tar-Regolament REACH u fil-promozzjoni tad-disponibbiltà ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali (Art. 117).

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikatur	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza ta' verifika	Riżultati fl-2011
Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni.	Għolja	Inkjesta kull sena	Għoli
Konsenja f'waqtha tar-rapporti REACH Art. 117.	1 ta' Ġunju 2011	Rapport intern	Saret

Riżultati Prinċipali

- Rapport tal-Artikolu 117 dwar l-operazzjoni tar-Regolamenti REACH u CLP, u dwar l-istatus ta' implimentazzjoni u l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali u strateġiji ta' ttestjar kienu kkonsenjati fil-ħin.

- Inġhata input xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni għas-sostenn tal-proċedura leġislattiva dwar ir-Regolament tal-prodotti Bijoċidali, inkluż il-Fiche Finanzjarju rivedut u l-preparazzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.
- Introdott xogħol preparatorju fuq il-kompiti kollha previsti li jitwettqu taħt l-ECHA skont ir-Regolament ġdid dwar Prodotti Bijoċidali, inkluż l-iżvilupp ta' flussi tax-xogħol, għodod IT u l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Prodotti Bioċidali.
- Stabbiliti relazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, rappurtaġġ regolari permezz ta' fora eżistenti bħall-laqgħat tal-Awtorità Kompetenti dwar il-Bijoċidi u laqgħat internazzjonali.
- Organizzata l-ewwel laqgħa tal-ENES.
- Il-pubblikazzjoni ta' eżempji tax-xenarji tal-espożizzjoni għall-użu professjonali u għall-użu mill-konsumatur ta' sustanza kimika.
- Kontribut għall-ispeċifikazzjonijiet ta' IUCLID 5.4.

3. KORPI U ATTIVITAJIET TA' SOSTENN TAL-ECHA

3.1. Attività 8: Kumitati u Forum

Suċċessi Prinċipali fl-2011

L-2011 kienet sena oħra ta' attività intensa għall-Kumitat tal-ECHA u l-Forum li fih it-tagħbija tax-xogħol żdiedet mis-sena preċedenti minħabba li ħafna mill-proċessi REACH u CLP saru realtà operazzjonali. Fil-bidu tas-sena, wasal fi tmiemu il-mandat għal ħafna mill-membri li kienu maħtura fl-istabbiliment tal-Kumitati u għaldaqstant kien hemm programm maġġuri ta' titjib u sostituzzjoni. Dan seħħ mingħajr intoppi u għadd suffiċjenti ta' sħubiji kienu mġedda biex tkun garantita l-kontinwità tax-xogħol f'dan iż-żmien importanti. Rakkont iktar dettaljat tal-attivitajiet ta' kull wieħed mill-Kumitati jingħata hawn taħt.

Il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC)

L-MSK organizza sitt laqgħat plenarji fl-2011, diversi laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma bejn il-laqgħat plenarji, kif ukoll għadd ta' laqgħat permezz ta' vidjo konferenzi.

Kif mistenni, it-tagħbija tax-xogħol tal-Kumitat żdiedet fl-2011, iżda madankollu d-dossiers kollha taħt il-proċessi ta' valutazzjoni u awtorizzazzjoni ġew miftiehma fil-kwadru taż-żmien legali, kienu ta' kwalità għolja u ħafna ġew miftiehma unanimament.

L-MSK qabel unanimament dwar l-identifikazzjoni ta' 19-il sustanza bħala Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) li iktar tard kienu inklużi fil-Lista tal-Kandidati. Għall-ewwel darba sustanza b'karatteristiċi li jħarbtu l-endokrina (4-tert-oktilfenol) kienet identifikata mill-Kumitat bħala SVHC minħabba livell ekwivalenti ta' tħassib (Artikolu 57(f) ta' REACH).

L-MSK addotta wkoll l-opinjoni tiegħu dwar it-tielet rakkomandazzjoni ta' abbozz tal-ECHA għall-prijoritizzazzjoni ta' sustanzi għal inklużjoni fl-Anness XIV b'vot ta' maġġoranza f'Diċembru 2011, li ppermetta lill-ECHA tippreżenta r-rakkomandazzjoni tagħha għal 13-il sustanza lill-Kummissjoni Ewropea.

L-MSK qabel unanimament dwar 32 deċiżjoni ta' abbozz tal-kontroll ta' konformità tal-ECHA u dwar 19-il deċiżjoni ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar. F'żewġ każijiet oħra ta' proposti ta' ttestjar (fejn kien propost testjar ta' tossiċità tar-riproduzzjoni fuq żewġ ġenerazzjonijiet), l-MSK ma rnexxielux jasal għal ftehim unanimu, l-aktar minħabba inċertezzi legali. Skont ir-rekwiżit legali, id-dokumentazzjoni sħiħa kienet ippreżentata lill-Kummissjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet ulterjuri tagħhom.

Mill-aġġornament tal-proċeduri tax-xogħol tal-MSK dwar il-valutazzjoni tad-dossiers kmieni fl-2011, l-osservaturi regolari tal-partijiet interessati u s-sidien tal-każijiet (ir-reġistranti) setgħu isegwu l-ewwel diskussjonijiet tal-MSK dwar il-valutazzjoni tad-dossiers. Matul l-2011, 15-il sid tal-każ għamlu użu minn din l-opportunità u pparteċipaw fid-diskussjonijiet tal-Kumitati.

Fir-rigward tal-introduzzjoni tal-proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi fl-2011, il-Kumitat beda wkoll attivitajiet preparatorji għall-iżvilupp ta' opinjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju (CoRAP). L-opinjoni tal-MSK dwar l-abbozz tal-CoRAP tal-ECHA hija skedata biex tkun addottata fi Frar 2012.

Il-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC)

Ir-RAC iltaqa' ħames darbiet matul l-2011 filwaqt li s-SEAC iltaqa' erba' darbiet. Tnejn minn dawn il-laqgħat twettqu b'mod parallel bl-iskop li jintlaħaq proċess koerenti ta' ffurmar tal-opinjoni bejn iż-żewġ kumitati. Huwa mistenni li ż-żewġ kumitati jkollhom ħafna iktar interazzjoni fil-ġejjieni.

Ir-RAC għamel titjib sostanzjali fl-effiċjenza matul l-2011 fl-ipproċessar ta' proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati, minkejja l-kumplessità ta' livell għoli ta' diversi dossiers relatati għal karċinoġeniċità/mutaġeniċità u reprotossicità partikolari. Dan il-gwadann fl-effiċjenza kien rifless fir-RAC li addotta d-doppju tal-opinjoni dwar klassifikazzjonijiet u ttikkettar armonizzati meta mqabbla mal-2010. Id-diskussjonijiet fir-RAC iffukaw fuq 39 proposta CLP, li minnhom kienet addottata oinjoni għal 30 proposta. Minkejja dawn is-suċċessi, il-proċedura tax-xogħol tar-RAC għall-ipproċessar ta' klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati qiegħda fil-preżent tiġi riveduta biex jinstabu mezzi ulterjuri għat-titjib tal-proċess.

Barra minn hekk, ġew trattati żewġ talbiet mill-Kummissjoni¹¹ relattivament kumplessi – waħda għal opinjoni dwar il-klassifikazzjoni armonizzata proposta tal-epossikonażol u l-oħra għal opinjoni dwar il-klassifikazzjoni armonizzata proposta tal-arsenide tal-gallju fir-rigward tal-karċinoġeniċità.

Attività addizzjonali għar-RAC kienet tinkludi r-rekwiżit ta' kooperazzjoni ma' kumitati u korpi oħra tal-UE li jitrattaw il-valutazzjoni tar-riskji. Id-dossiers CLH għal sustanzi attivi fi Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (PPP) huma bbażati fuq dossiers trattati minn korpi tal-valutazzjoni tar-riskji barra l-ECHA. Kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għall-koordinazzjoni tal-identifikazzjoni ta' karatteristiċi CMR ta' sustanzi attivi PPP bdiet fl-2011 u jeħtieġ li titkompla fl-2012.

Fl-2011, il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ Kumitati tqiegħdet fil-prattika għall-ewwel darba meta kienu adottati l-ewwel opinjonijiet tar-RAC u s-SEAC dwar il-proposti ta' restrizzjoni li ġejjin: id-dimetilfumarat, iċ-ċomb u l-komposti tiegħu fil-ġojjellerija, il-merkurju f'apparat ta' kejl u komposti tal-merkurju feniliku. L-ipproċessar tal-proposta tal-Anness XV mid-Danimarka dwar erba' ftalati kklassifikati (DIBP, DBP, BBP u DEHP) beda matul is-sena u l-opinjoni minn RAC u SEAC huma mistennija jiġu addottati fl-2012. Fuq il-bażi tal-esperjenza ottenuta mill-ipproċessar tal-ewwel dossier ta' restrizzjoni, ir-RAC u s-SEAC, konguntemment mas-Segretarjat tal-ECHA bdew revizzjoni ta' kif proposti ta' restrizzjoni huma pproċessati mill-Kumitati, u jkunu finalizzati fl-2012.

Fir-rigward tal-proċess ta' awtorizzazzjoni, kemm RAC kif ukoll SEAC komplew l-attivitajiet preparatorji tagħhom għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni. Dawn kienu jinkludu attivitajiet tal-bini tal-kapaċità (bħal sessjonijiet tal-informazzjoni u taħriġ) għal membri RAC u SEAC. Attivitajiet preparatorji ser ikompli fl-2012 hekk kif l-ewwel applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni huma mistennija jkunu ppreżentati fit-tieni nofs tal-2012. L-iskop hu li wieħed ikun lest jikkonsenja għadd kbir ta' opinjonijiet lill-Kummissjoni fi żmien limitat, filwaqt li tibqa' ppreservata l-kwalità xjentifika tajba.

Forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar

Il-Forum iltaqa' darbtejn fi plenarja u kellu għaxar laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma fl-2011. Barra minn hekk, organizza Workshop tal-Partijiet Interessati biex tissaħħaħ

¹¹ L-Artikolu 77(3)(c) tar-Regolament REACH.

il-koordinazzjoni magħhom. Il-Forum finalizza u ppubblika wkoll ir-rapport tal-fażi ta' pprolongar tal-ewwel proġett ta' infurzar koordinat tiegħu dwar il-pre-reġistrazzjoni, ir-reġistrazzjoni u skedi ta' dejta ta' sigurtà (b'enfasi fuq l-infurzar tar-regola "ebda dejta, ebda suq"). Il-Forum beda l-implimentazzjoni tat-tieni proġett koordinat għall-2011/2012, dwar formulaturi ta' taħlitiet li huma l-ewwel livell ta' utenti downstream fil-katina tal-provvista. Barra minn hekk, kien hemm qbil dwar it-tielet proġett ta' infurzar koordinat li ser jiffoka fuq ir-reġistrazzjoni, ir-rappreżentanti uniċi u l-kooperazzjoni mad-dwana.

Infurzar effettiv, armonizzat, u ugwali tul l-UE huwa ta' importanza kruċjali għall-kredibbiltà u s-suċċess ta' REACH u CLP. Għaldaqstant, il-Forum beda jidentifika u jiddeskrivi l-interkonnessjonijiet bejn l-ECHA, l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Infurzar (NEAs) bl-iskop li tkun stabbilita l-pożizzjoni tal-Forum dwar il-kanali ta' komunikazzjoni, il-qsim tal-kompiti u l-proċeduri tax-xogħol bejn l-ECHA, l-MSCAs u l-NEAs li huma rilevanti għall-infurzar tar-Regolamenti REACH u CLP. Kien stabbilit proġett pilota sabiex ikun hemm esperjenza fil-kanali tal-komunikazzjoni li jirrelataw għal rappreżentanti uniċi u PPODs.

Minħabba li r-reġistrazzjoni mhux korretta ta' sustanza bħala intermedja iżolata jista' jkollha impatt sinifikanti ħafna fuq li jintlaħħqu l-miri segwiti mir-Regolament REACH, bħal informazzjoni rilevanti ta' sigurtà u miżuri xierqa tal-ġestjoni tar-riskji, diversi awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar ingħaqdu biex jistabbilixxu proġett pilota dwar sustanzi intermedji, b'kont meħud tal-esperjenza li l-ECHA otteniet dwar il-verifika tal-istatus intermedju ta' reġistrazzjonijiet.

Kmieni fl-2011, il-Forum tal-Grupp ta' Ħidma ipparteċipa fl-ittestjar tal-utenti tal-għodda REACH tal-Portal ta' Informazzjoni għall-Infurzar (RIPE) – għodda tal-IT li tippermetti lil ispetturi tal-Istati Membri jkollhom aċċess għal dejta minn preżentazzjonijiet lill-ECHA. L-għodda nfisha kienet rilaxxata mill-ECHA f'Ġunju 2011 u erba' aġġornamenti ulterjuri b'karatteristiċi u rapporti ġodda kienu rilaxxati sa l-aħħar ta' Diċembru 2011.

Barra minn hekk, il-Forum ippubblika dokument li jispjega l-kriterji minimi għal ispezzjonijiet REACH u CLP u qabel dwar il-proċeduri bażiċi għal kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali. Il-Forum addotta l-Programm tal-Ħidma tiegħu 2011-2013 u matriċi ġenerali għar-rappurtaġġ mill-Istati Membri tar-riżultati tal-kontrolli uffiċjali u miżuri oħra tal-infurzar skont l-Artikolu 46 (2) tar-Regolament CLP. Fl-aħħar, il-Forum ta pariri lir-RAC u lis-SEAC, lis-Segretarjat tal-ECHA u lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-infurzar ta' ħames proposti għar-restrizzjoni ta' sustanzi.

Miri u Indikaturi

Miri

1. Is-Segretarjat ser isostni x-xogħol tal-Kumitati b'mod effiċjenti u effettiv sabiex il-Kumitati jkunu jistgħu
 - jirrispettaw iż-żmien mogħti fil-leġiżlazzjoni, u
 - jikkonsenjaw opinjonijiet u ftehim xjentifiċi u tekniċi ta' kwalità għolja li jsostnu t-teħid tad-deċiżjonijiet finali b'mod trasparenti filwaqt li tkun żgurata l-kunfidenzjalità neċessarja.
2. Is-Segretarjat ser isostni u jiffaċilita x-xogħol tal-Forum b'effiċjenza u effettivament u b'mod trasparenti sabiex ikun jista' jsaħħaħ u jarmonizza aktar l-infurzar tar-Regolamenti REACH u CLP fl-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE, filwaqt li jiżgura l-kunfidenzjalità neċessarja.
3. Kunflitti ta' opinjonijiet mal-Kumitati Xjentifiċi ta' Korpi Komunitarji oħra huma pprevenuti permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u permezz tal-

koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' interess reċiproku.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza tal-verifika	Riżultat fl-2011
Perċentaġġ ta' opinjonijiet / ftehim li jingħata fil-ħin.	100%	Rapport intern kull sena	100%
Perċentaġġ ta' ftehim unanimu tal-MSK	Mhux anqas minn 80%	Rapport intern kull sena	97%
Perċentaġġ ta' opinjonijiet tal-Kumitat adottati b'konsens.	Mhux anqas minn 70%	Rapport intern kull sena	100%
Grad ta' opinjonijiet tal-Kumitat meqjusa fid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni Ewropea.	Għolja	Rapport intern kull sena	Għoli
Feedback mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri u mill-partijiet interessati tal-ECHA dwar il-valur miżjud ta' attivitajiet tal-Forum.	Pożittiva	Inkjesta kull sena	Għoli
Livell ta' sodisfazzjon tal-Membri u parteċipanti oħra bis-sostenn (inkluż it-taħriġ u l-presidenza) ipprovdut mill-ECHA lill-Kumitati u lill-Forum.	Għolja	Inkjesta kull sena	Għoli
Livell ta' sodisfazzjon ta' Awtoritajiet Kompetenti tal-partijiet interessati, tal-Awtoritajiet kompetenti u tal-Membri tal-Kumitati bit-trasparenza ġenerali u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-proċessi tal-Kumitat u tal-attivitajiet tal-Forum.	Għolja	Inkjesta kull sena	Għoli
Meta jseħħu kunflitti ta' opinjonijiet ma' Kumitati Xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE.	F'każijiet ġustifikati tajjeb biss	Rapport intern ta' valutazzjoni	Xejn

Riżultati Prinċipali

Kumitat tal-Istati Membri

- 19-il proposta ta' SVHC kienu riferiti lill-MSK, fejn kollha qablu dwar l-inklużjoni tagħhom fil-Lista tal-Kandidati.
- Opinjoni dwar l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tal-ECHA għal inklużjoni ta' sustanzi ta' prijorità mil-Lista tal-Kandidati għall-Anness XIV ("lista tal-awtorizzazzjoni"), addottata fid-19 ta' Diċembru 2011.
- Ftehim unanimu dwar deċiżjonijiet ta' abbozz dwar 23 kontroll ta' konformità u 10 deċiżjonijiet ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar.
- Deċiżjonijiet ta' abbozz dwar żewġ proposti ta' ttestjar għal ittestjar ta' tossiċità riproduttiva fuq żewġ ġenerazzjonijiet intbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, hekk kif intlaħaq ftehim unanimu dwarhom.

- Workshop wieħed dwar każijiet tal-Artikolu 57(f) kien ospitat mis-Segretarjat tal-MSK.

Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji

- Erba' opinjonijiet RAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- Ir-RAC addotta 30 opinjoni (fi 32 dossier) dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati tas-sustanzi.
- Kienu diskussi 39 proposta dwar klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati.
- Twettqu 87 kontroll ta' konformità ta' dossiers għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati.
- Ftehim mir-RAC dwar il-kwadru ġdid għal kontroll ta' konformità ta' dossiers CLH li jissostitwixxu l-proċedura tax-xogħol RAC dwar il-kontroll ta' konformità.
- RAC addotta żewġ opinjonijiet dwar mandati tal-Artikolu 77(3)(c).
- Workshop konġunt mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri dwar l-aspetti proċedurali tal-iżvilupp tal-opinjoni dwar dossiers armonizzati ta' klassifikazzjoni u ttikkettar- 'Lejn dossiers CLH'.
- Workshop konġunt mal-Kummissjoni Ewropea, mal-EFSA u mal-Istati Membri dwar 'Klassifikazzjoni u Ttikkettar Armonizzati fi Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti'.

Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika

- Erba' opinjonijiet SEAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- Workshop konġunt għal SEAC u RAC dwar il-valutazzjoni tal-impatt (l-irfinar tal-valutazzjoni tar-riskji għall-użu f'valutazzjoni tal-impatt soċjo-ekonomiku).

Forum

- Workshop wieħed tal-partijiet interessati, avveniment wieħed ta' taħriġ għal persuni li jħarrġu b'infurzar dwar CLP, avveniment wieħed ta' taħriġ għal koordinaturi nazzjonali tal-proġett REF-2 u avveniment wieħed ta' taħriġ dwar RIPE għal Amministratturi RIPE tal-Istati Membri u Punti Singoli ta' Kuntatt.
- Rapport finali mill-proġett tal-forum REACH-EN-FORCE-1 li jieħu kont tal-konformità mal-ewwel skadenza REACH.
- Dokument tal-forum dwar "Strateġiji għall-Infurzar ta' REACH u CLP" (aġġornament).
- Dokument tal-Forum dwar "Kriterji Minimi għal Ispezzjonijiet REACH u CLP" (aġġornament).
- Gwida tal-forum dwar l-infurzabbiltà ta' restrizzjonijiet.
- Flames rapporti dwar il-parir tal-infurzabbiltà fuq restrizzjonijiet proposti.
- Rilaxx ta' RIPE u xi verżjonijiet addizzjonali ppreparati mill-ECHA bl-assistenza tal-Forum.

Tabella 7: Għadd ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat, opinjonijiet, ftehim addottat ¹²

	Ftehim SVHC	Opinjonijiet ta' restrizzjoni	Opinjoni dwar l-abbozz tar-Rakkomandazzjoni għall-Anness XIV	Opinjonijiet CLH	Ftehim dwar proposti ta' ttestjar	Ftehim dwar kontrolli ta' konformità	Opinjonijiet dwar l-Artikolu 77(3)(c) ¹³
MSC	19	Mhux applikabbli	1	Mhux applikabbli	19	32	Mhux applikabbli
RAC	Mhux applikabbli	4 (5)	Mhux applikabbli	30 (32)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	2
SEAC	Mhux applikabbli	4 (5)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	0

¹² Il-figuri bejn il-parenteżi jirreferu għall-għadd ta' dossiers riċevuti.

¹³ L-Artikolu 77(3)(c) tar-Regolament REACH: "Il-Kumitati għandhom jidħlu għall-karigi li ġejjin: (...) fuq it-talba tad-Direttur Eżekuttiv, ifasslu opinjoni dwar kwalunkwe aspetti oħra li jikkonċernaw is-sigurtà ta' sustanzi wehdom, fi preparati jew f'oġġetti."

3.2. Attività 9: Il-Bord tal-Appell

Suċċessi Prinċipali fl-2011

Fl-2011, il-Bord tal-Appell kellu l-ewwel opportunità jikkunsidra għadd ta' appelli li għaddew mill-proċess komplet tal-appell u jieħu aktar deċiżjonijiet (kemm finali kif ukoll proċedurali). Filwaqt li l-għadd ta' appelli kien iktar baxx milli stmat, sitt każijiet ingħalqu b'deċiżjoni finali u barra minn hekk 10 deċiżjonijiet proċedurali oħra ttieħdu mill-Bord. L-appelli ppreżentati fl-2011 ikkontestaw varjetà ta' deċiżjonijiet tal-ECHA inkluż ir-rifjut ta' reġistrazzjonijiet, ir-rekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-dejta, u l-valutazzjoni ta' dossiers tar-reġistrazzjoni. Il-każijiet ta' appell ikkunsidrati ġeneralment kienu differenti ħafna u, mingħajr eċċezzjoni, wrew li kienu aktar ikkumplikati milli mistenni, kemm f'termini tal-kwistjonijiet legali u xjentifiċi mqajjma kif ukoll fir-rigward tal-miżuri proċedurali li kellhom jittieħdu.

Il-Bord tal-Appell ippubblika l-ewwel żewġ deċiżjonijiet finali tiegħu dwar każijiet ta' appell li għaddew mill-proċess sħiħ tal-appell fl-2011. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet finali dwar rifjut ta' reġistrazzjoni, li waħda minnhom kienet tiffavorixxi lill-appellant u waħda kienet tiffavorixxi lill-Aġenzija, qajjmu kwistjonijiet importanti ta' prinċipju għal partijiet interessati; per eżempju, l-importanza ta' aministrazzjoni tajba u b'mod partikolari l-ħtieġa għal komunikazzjonijiet ċari mill-ECHA lil reġistranti. Id-deċiżjonijiet finali kollha saru disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Żewġ każijiet oħra ta' appell kienu rtirati mill-appellant u tnejn kienu rtirati mill-appellant wara rettifika tad-deċiżjoni appellata mid-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA. Qabel l-irtirar ta' kull appell kien hemm xogħol konsiderevoli li sar biex ikunu vvalutati l-kwistjonijiet imqajjma u biex jitmexxa l-każ. Per eżempju, kienu addottati diversi deċiżjonijiet ta' kunfidenzjalità mill-President tal-Bord; ittieħdu miżuri proċedurali, u l-merti tal-każijiet kienu eżaminati f'dettall konsiderevoli. Il-fatt li dawn il-każijiet ma kellhomx għalfejn jgħaddu mill-proċess sħiħ ta' appell jista' jittieħed bħala indikazzjoni pożittiva li l-proċess tal-appelli jaħdem tajjeb fil-protezzjoni tal-interessi tal-partijiet, mhux biss meta l-każ jiġi deċiż mill-Bord tal-Appell, iżda wkoll billi l-Aġenzija titħalla tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjonijiet tagħha u tikkoreġi d-deċiżjonijiet jekk xieraq.

L-10 deċiżjonijiet proċedurali indirizzaw talbiet ta' kunfidenzjalità, talbiet għal intervent, talba biex tinbidel il-lingwa tal-każ, u talba għal rettifika. Il-firxa u l-komplessità tal-kwistjonijiet li rriżultaw minn dawn id-deċiżjonijiet kienet ta' valur kbir biex għinet lill-Bord tal-Appell u lir-Reġistru tiegħu jiżguraw li l-proċeduri li tqiegħdu fis-seħħ qegħdin jaħdmu b'effiċjenza.

It-trattament ta' diversi klejms ta' kunfidenzjalità għal permess għal intervent u l-azzjonijiet sussegwenti għal dawn it-talbiet kienu ta' sfida partikolarment kbira; mhux biss minħabba l-għadd ta' dawn il-klejms u talbiet iżda wkoll minħabba l-komplessità tal-kwistjonijiet imqajjma. Din l-esperjenza addizzjonali b'każijiet ġodda ta' appell u kwistjonijiet differenti tgħin biex jitjiebu aktar il-metodi ta' ħidma fil-ġejjieni.

B'mod aktar ġenerali, il-Bord tal-Appell u r-Reġistru tiegħu daħħlu fis-seħħ sistemi (eż. metodi ta' ħidma, proċessi, formati u sistemi tal-IT) biex jgħinu fl-immaniġġjar effettiv ta' każijiet ta' appell u ottenew ukoll ħafna fl-interazzjoni ma' partijiet interessati. Ddaħħlu fis-seħħ sistemi ta' komunikazzjoni biex titjeb il-komunikazzjoni miż-żewġ naħat mas-supplenti u mal-membri addizzjonali tal-Bord tal-Appell.

Żdiedu azzjonijiet biex titqajjem il-kuxjenza ta' partijiet interessati għall-possibbiltà li jsiru appelli u l-proċedura tal-appelli. Il-Bord tal-Appell ħadem ukoll b'mod attiv

ma' oħrajn fl-ECHA biex jiżgura li, filwaqt li tkun żgurata l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Bord tal-Appell u tal-membri tiegħu, il-Bord tal-Appell jifhem il-proċessi tal-ECHA sabiex jista' jaħdem bl-aktar mod effiċjenti u effettiv possibbli fl-interessi tal-partijiet interessati kollha.

Miri u Indikaturi

Miri

1. Deċiżjonijiet ta' kwalità għolja addottati mill-Bord mingħajr dewmien mhux neċessarju.
2. Li tinżamm il-kunfidenza tal-partijiet interessati fid-dispożizzjonijiet REACH għal rimedju legali.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Perċentaġġ ta' każijiet konklużi fiż-żmien immirat ¹⁴ stabbilit għal kull tip ta' appell	90%	Rapport tal-Bord kull sena	100%
Perċentaġġ tad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Appell appellati quddiem il-Qorti Ġenerali	Inqas minn 20%	Rapport tal-Bord kull sena	0
Livell ta' kunfidenza tal-partijiet interessati fil-proċedura ta' appell	Għolja	Inkjesta fost il-partijiet interessati	Medju

Riżultati Prinċipali

- Sitt deċiżjonijiet finali u 10 deċiżjonijiet proċedurali ttieħdu mill-Bord tal-Appell fl-2011:
 - Kienu addottati u ppubblikati żewġ deċiżjonijiet finali dwar każijiet ta' appell;
 - Żewġ każijiet ta' appell kienu rtirati mill-appellant wara r-rettifika tad-deċiżjoni oriġinali mid-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA u kienu addottati u ppubblikati deċiżjonijiet finali;
 - Żewġ każijiet ta' appell kienu rtirati mill-appellant u kienu addottati u ppubblikati deċiżjonijiet finali;
 - Sitt deċiżjonijiet ta' kunfidenzjalità (proċedurali) kienu addottati u notifikati lill-partijiet ikkonċernati;
 - Żewġ deċiżjonijiet (proċedurali) dwar talbiet għal intervent kienu addottati u notifikati lill-partijiet ikkonċernati;
 - Deċiżjoni (proċedurali) waħda fuq talba għal rettifika ta' deċiżjoni kienet addottata u notifikata lill-partijiet ikkonċernati; u
 - Deċiżjoni (proċedurali) waħda dwar talba biex tinbidel il-lingwa tal-każ kienet addottata u notifikata lill-partijiet ikkonċernati.

¹⁴ Iż-żmien immirat huwa definit bħala ż-żmien li fih ingħalqu 75% ta' każijiet preċedenti tat-tip ta' appell (hemm bżonn li jingħalqu minimu ta' 10 każijiet biex ikun definit żmien immirat).

3.3. Attività 10: Komunikazzjonijiet

Suċċessi prinċipali fl-2011

L-ewwel sfida għas-sena kienet li jerġa' jinbena l-websajt tal-ECHA – l-għodda primarja ta' komunikazzjoni tal-Aġenzija. Il-websajt il-ġdid kien introdott f'Diċembru 2011. Dan kien iddiżinjat bil-konsiderazzjoni tal-ħtiġiet tal-partijiet interessati u tal-pubbliku u qiegħed issa joffri kontenut iktar ċar, navigazzjoni aħjar u funzjonalità ta' tfittxija aħjar. Barra minn hekk, jipprovdi aċċess aktar faċli għal informazzjoni dwar sustanzi kimiċi u taqsima ġdida *Sustanzi Kimiċi fil-ħajja tagħna* li tasal għall-pubbliku in ġenerali b'informazzjoni faċli biex tintfieh.

It-tieni sfida kienet li jibqa' jiġi pprovdut materjal li hu aċċessibbli għal kulħadd billi jkun prodott fi 22 lingwa tal-UE. Din il-prattika kompliet bit-traduzzjoni ta' madwar 100 dokument ġdid u l-maġġoranza vasta tal-websajt il-ġdida disponibbli fi 22 lingwa wkoll. Barra minn hekk, l-Aġenzija introduċiet dejtabejż multilingwa onlajn, ECHA-term, biex partijiet interessati jkunu pprovduti b'terminoloġija preċiża REACH u CLP. Fil-preżent, id-dejtabejż tikkontjeni madwar 900 terminu, frażijiet u definizzjonijiet fi 22 lingwa tal-UE. Fl-aħħar tas-sena, fuq il-bażi ta' feedback għall-inkjesta, l-Aġenzija kienet tal-opinjoni li l-validazzjoni ta' materjal tradott mill-Istati Membri ma kinitx għadha meħtieġa – bil-kwalità tat-traduzzjonijiet li kienet laħqet kwalità suffiċjenti. Fl-aħħar, l-Aġenzija kkompletat l-istudju tagħha biex tikkontrolla l-ħtieġa għall-komunikazzjoni multilingwa addizzjonali u l-prattikkabbiltà biex tiġi pprovduta – per eżempju, billi jkun possibbli l-użu multilingwu ta' għodod IT bħal REACH-IT. L-istudju, li jirreferi wkoll għal inkjesta ta' reġistranti ta' suċċess li saret is-sena l-oħra u ppubblikata separatament, ikkonkluda li seta' jkun esplorat multilingwalizmu ulterjuri limitat, iżda wara l-iskadenza tal-2013 biss. Il-Bord ta' Tmexxija qabel li r-riskju ta' modifika fuq skala kbira tal-għodod tal-IT qabel l-iskadenza kien jегħleb il-benefiċċji.

It-tielet sfida kienet il-kompletazzjoni ta' studju tul l-UE dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi u l-ħtieġa potenzjali għal informazzjoni addizzjonali fuq it-tikketti (l-Artikolu 34 tar-regolament CLP). L-istudju twettaq f'konsultazzjoni mal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri u mal-partijiet interessati u kien jikkonsisti f'inkjesta tal-Eurobarometru li vvalutat il-perċezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' sustanzi kimiċi fl-Istati Membri kollha tal-UE (27 000 membru tal-pubbliku tul l-Istati Membri kollha kienu intervistati) u riċerka ta' segwitu dwar l-imġieba tal-konsumaturi fir-rigward ta' sustanzi kimiċi domestiċi. In linja mar-Regolament CLP, ir-rapport finali kien ippreżentat lill-Kummissjoni fl-20 ta' Jannar 2012.

L-isfida finali kienet li tkun żgurata komunikazzjoni interna effettiva. Fl-2011, il-komunikazzjonijiet interni żvolġew rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-identità korporattiva ġdida tal-ECHA bl-iskop li jitjiebu servizzi għal partijiet interessati. Barra minn hekk, biex tkun żgurata komunikazzjoni interna effettiva tul l-Aġenzija kienu żviluppati aktar għodod għall-kondiviżjoni tal-għarfien u twettqet l-ewwel inkjesta dwar komunikazzjonijiet interni biex tgħin lill-Aġenzija tissodisfa l-ħtiġiet tal-informazzjoni tal-persunal.

Miri u Indikaturi

Miri

1. L-udjenzi esterni tal-ECHA huma kkomunikati effettivament, u l-ECHA tibbenefika minn preżenza tal-medja preċiża u bilanċjata.
2. Partijiet interessati huma involuti fix-xogħol tal-ECHA u huma sodisfatti li l-opinjoni tagħhom jinstemgħu u jitqiesu.
3. Il-materjal kollu (kemm onlajn kif ukoll offlajn) li huwa prodott għal impriżi żgħar u ta' daqs medju jew għall-pubbliku ġenerali jkun ippubblikat fi 22 lingwa uffiċjali tal-UE.

4. Il-persunal tal-ECHA huwa infurmat tajjeb, għandu sens ta' appartenenza, u jħossu parti minn sforz korporattiv komuni.

Indikaturi u Miri ta' prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Livell ta' sodisfazzjon tal-klijent bil-websajt.	Tajba ħafna	Inkjesti tal-utent kull sena, statistiċi tal-web kull kwart	Għoli
Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bil-komunikazzjonijiet interni.	Tajba	Inkjesta tal-persunal kull sena	Għoli
Livell ta' sodisfazzjon tal-qarrej bil-pubblikazzjonijiet.	Tajba	Inkjesti tal-klijenti kull sena	Għoli
Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati bl-involviment tagħhom.	Tajba ħafna	Inkjesta tal-partijiet interessati fil-Jiem tal-Partijiet Interessati	Għoli
Il-pubblikazzjoni ta' traduzzjonijiet ta' dokumenti ġodda rilevanti għal impriża żgħira u ta' daqs medju jew għall-pubbliku ġenerali (fi żmien perjodu medju ta' tliet xhur wara d-dokument oriġinali, mingħajr validazzjoni).	100%	Rapport intern kull kwart	95%

Riżultati prinċipali

- Kienu introdotti kampanji tal-komunikazzjonijiet *REACH 2013 – Hu azzjoni issa!* U l-kampanja tal-utent downstream *Tuża s-sustanzi kimiċi? – Użahom b'mod sigur!* b'sostenn għall-Programm ta' Valutazzjoni tas-Sigurtà tas-Sustanzi Kimiċi.
- Inbniet mill-ġdid il-websajt tal-ECHA u kienet introdotta f'Diċembru. Dan ħabat mal-introduzzjoni tal-identità korporattiva ġdida u l-identità viżwali tal-ECHA.
- Il-materjal kollu (kemm jekk onlajn u kemm jekk offlajn) li huwa prodott għal SMEs jew għall-pubbliku ġenerali huwa ppubblikat fi 22 lingwa uffiċjali tal-UE.
- Kien ikkompletat studju dwar il-ħtieġa għal komunikazzjoni addizzjonali multilingwa u l-prattiċità tiegħu.
- Kienu prodotti skedi informattivi-e interni fil-ġimgħa (skambju tal-ECHA), kienet stampata skeda informattiva interna kull kwart (ECHO), kienu pprovduti aġġornamenti kuljum ta' skrins interni tal-informazzjoni u intranet (ECHANet).
- Kien ikkompletat studju tal-perċezzjoni tal-pubbliku dwar l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi (Artikolu 34 tar-Regolament CLP), lest għal preżentazzjoni f'Jannar 2012.
- Kienu prodotti stqarrijiet għall-istampa *ad hoc* u bullettini tal-aħbarijiet elettroniċi fil-ġimgħa, organizzati żewġ laqgħat tal-istampa.
- Għal Jum wieħed tal-Partijiet Interessati f'Mejju attendew 430 parteċipant b' 500 addizzjonali li raw il-produzzjoni lajv permezz ta' webstreaming, filwaqt li t-tieni Jum tal-Partijiet Interessati kien sostitwit bil-konferenza *REACH X'ilħaqna fl-2010? Kif nistgħu niffaċilitaw it-triq għall-2013?*, li kien organizzat konguntemment mal-Kummissjoni Ewropea.

- L-ewwel workshop strateġiku tal-Aġenzija ma' Partijiet Interessati Akkreditati sar biex jiffaċilita l-input tagħhom għall-Programm tal-Ħidma tal-ECHA.
- Il-kriterji ta' eliġibbiltà għal Organizzazzjonijiet ta' Partijiet Interessati Akkreditati kienu riveduti biex jirriflettu aħjar l-organizzazzjonijiet li huma rilevanti għax-xogħol tal-Aġenzija.
- Diversi attivitajiet taħt l-awspiċi tas-*Sena Internazzjonali 2011 tal-Kimika* inkluża l-inawgurazzjoni ta' ċentru ġdid tal-konferenzi bħala l-kamra Marie Skłodowska Curie b'unur għall-mitt anniversarju mill-premju Nobel tas-Sinjorina Curie.
- Attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) kienu jinkludu stands tal-ECHA fil-konferenza annwali tan-Netwerk Ewropea tal-Intrapriża f'Varsavja u l-ġimgħa tal-SME fi Brussell. Barra minn hekk, fuljett għal kumpaniji żgħar fir-rigward tal-iskadenza tal-2013 kien prodott konguntemment mal-Kummissjoni u mal-UEAPME – waħda mill-Partijiet Interessati Akkreditati tal-ECHA.
- L-istrateġija tal-komunikazzjoni esterna kienet riveduta u kienet stabbilita strateġija għall-involviment tal-partijiet interessati.

Tabella 9: Statistiċi tal-komunikazzjoni

Attività	Riżultat
Avvenimenti tal-partijiet interessati	2
Webinars	6
Pubblikazzjonijiet	70
Traduzzjonijiet	260 dokument
Domandi tal-istampa	1 050
Stqarrijiet għall-istampa	27
Twissijiet tal-Aħbarijiet	55
Skedi Informattivi	6
Żjarat fil-websajt	2 877 824

3.4. Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali

Suċċessi Prinċipali fl-2011

L-attivitajiet internazzjonali tal-ECHA kienu bbażati l-aktar fuq it-talbiet tal-Kummissjoni Ewropea u kienu dettaljati fil-Pjan ta' F'idma tal-ECHA għal Attivitajiet Internazzjonali. Dan il-pjan kien ippreparat f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mbagħad kien approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA.

Fir-rigward ta' attivitajiet multilaterali, l-ECHA ikkontribwixxiet b'mod attiv għal attivitajiet OECD, partikolarment f'oqsma tax-xogħol li huma ta' rilevanza diretta għall-programm REACH. It-tliet oqsma prinċipali ta' kollaborazzjoni jirrelataw għall-iżvilupp tal-eChemPortal¹⁵ u tal-Kaxxa tal-Għodda¹⁶ OECD QSAR, kif ukoll il-ġbir tar-rekwiżiti tal-utent għall-iżvilupp ulterjuri ta' IUCLID, inkluża l-implimentazzjoni ta' Matriċi Armonizzati ġodda jew aġġornati OECD.

Fir-rigward tal-eChemPortal, l-ECHA kompliet tipprovdi fondi biex tospita u tmantni l-portal, li issa jipprovdi aċċess għal informazzjoni dwar aktar minn 670 000 sustanza kimika industrijali, pestiċidi u bijoċidi. Kontribut essenzjali wieħed tal-ECHA fl-2011, bħala dejtabejż parteċipanti, kien is-sinkronizzazzjoni tal-websajt ta' disseminazzjoni tagħha mal-eChemPortal sabiex ikun possibbli t-tiftix tad-dossiers REACH bil-karatteristika kimika direttament fil-portal. Dan wassal għal żieda sinifikanti fl-għadd ġenerali ta' żjarat lill-portal. L-ECHA ipparteċipat ukoll fil-ġbir tal-ħtiġiet tal-utent għall-preparazzjoni tal-iżvilupp ulterjuri tal-eChemPortal, bħal valutazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi ta' rintraċċar imwettqa minn awtoritajiet regolatorji fid-dinja, bl-iskop li jkun evitat xogħol doppju u b'hekk ikunu ssalvagwardati r-riżorsi.

L-ECHA tikkomanigġa wkoll l-iżvilupp tal-Kaxxa tal-għodda QSAR mal-OECD. Żewġ aġġornamenti ġodda tal-applikazzjoni bi profilizzazzjoni aħjar, moduli u dejta addizzjonali u interfaċċja aħjar kienu rilaxxati lill-pubbliku fl-2011. L-ECHA organizzat ukoll, f'kollaborazzjoni mal-OECD, workshop fejn l-użu tal-Kaxxa tal-għodda – b'xi enfasi fuq l-użu għal skopijiet REACH – u ħtiġiet u rekwiżiti fil-ġejjieni kienu diskussi ma' utenti tal-industrija. Il-feedback miġbur ser jgħin fil-preparazzjoni ta' rilaxx fil-ġejjieni skedat għall-2012 u lil hinn.

Sar ukoll progress sinifikanti fil-ġbir ta' rekwiżiti tal-utenti għall-iżvilupp ulterjuri ta' IUCLID fl-2012. Dan jinkludi possibiltajiet addizzjonali ta' rappurtaġġ per eżempju dwar informazzjoni relatata għall-espożizzjoni u għar-riskji. Formati standard ġodda (Matriċi Armonizzati OECD) kienu żviluppati u maqbuli għar-rappurtaġġ ta' riżultati ta' studji magħmula fuq il-pestiċidi jew għal preżervanti tal-injam.

Attivitajiet oħra relatati għal OECD li fihom kienet involuta l-ECHA, kif xieraq, kienu jinkludu l-kontribut għax-xogħol tal-Laqqgħa Kooperattiva ta' Valutazzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (CoCAM, qabel SIAM); it-Task Force dwar il-valutazzjoni tal-espożizzjoni; il-Partit ta' F'idma tal-OECD dwar Nanomaterjali Manifatturati (WPMN); il-Grupp Espert dwar l-Iskambju Elettroniku ta' Dejta dwar il-Pestiċidi u l-Programm tal-Linji Gwida ta' Ttestjar.

L-ECHA sostniet ukoll id-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fi-Kumitat ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Pollutanti Organiċi Persistenti. Fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-ECHA ħatret ukoll persuni ta' kuntatt għal għadd ta' gruppi ta' korrispondenza fi ħdan il-kwadru tan-UN SC GHS.

Fuq il-bażi tal-Memorandum ta' Ftehim ma' 'Environment Canada' u 'Health Canada', l-ECHA organizzat għadd ta' tele u vidjo konferenzi ma' dawn l-istituzzjonijiet. Bida jsib il-

¹⁵ Portal globali għal informazzjoni dwar sustanzi kimiċi li jippermetti t-tiftix simultanju ta' informazzjoni bl-isem kimiku jew bis-sustanza kimika tul aktar minn 24 dejtabejż parteċipanti (<http://www.echemportal.org/>)

¹⁶ Għodda li tiffaċilita l-istima tal-karatteristiċi ta' sustanza kimika mill-istruttura molekolari tagħha, li għandha l-potenzjal tipprovdi informazzjoni dwar il-perikli ta' sustanzi kimiċi, filwaqt li tnaqqas iż-żmien, l-ispiża monetarja u l-itestjar fuq l-animalli (www.qsartoolbox.org)

format tiegħu djalogu bejn xjentisti regolatorji kif ukoll ġestituri tar-riskji. Seħħet ukoll kooperazzjoni simili mal-kontropartijiet EPA tal-Istati Uniti fuq il-Bażi ta' Dikjarazzjoni tal-Intenzjoni komuni. Matul l-2011, l-ECHA ikkonkludiet ukoll Dikjarazzjoni tal-Intenzjoni mal-Ġappun u Memorandum tal-Ftehim mal-Iskema Nazzjonali Industrijali tan-Notifika tas-Sustanzi Kimiċi u tal-Valutazzjoni (NICNAS) tal-Awstralja.

Twettqu għadd ta' attivitajiet bis-sostenn tal-Istrument tal-Kummissjoni Ewropea għal Assistenza Qabel l-Adeżjoni għal pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali għall-adeżjoni mal-UE biex jippreparaw għall-implimentazzjoni REACH u l-parteċipazzjoni fl-ECHA, fil-Kroazja, fit-Turkija u f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, kif ukoll fil-pajjiżi kandidati potenzjali.

Fir-rigward ta' kooperazzjoni bilaterali oħra, is-Segretarjat tal-ECHA ipparteċipa f'attivitajiet biex iżid l-għarfien ta' REACH għal pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali kif ukoll għall-imsieħba ENP (Il-Politika tal-Viċinat Ewropew), li kienu rranġati fil-parti l-kbira mill-uffiċċju KE TAIEX.

Miri u Indikaturi

Miri

1. Il-Kummissjoni tirċievi sostenn xjentifiku u tekniku ta' kwalità għolja għall-attivitajiet internazzjonali tagħha, speċjalment f'korpi multilaterali.
2. L-ECHA, fi ħdan l-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħha, tibni u żżomm ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha għal kooperazzjoni xjentifika u teknika ma' dawg l-aġenziji regolatorji ta' pajjiżi terzi li huma utli għall-implimentazzjoni ta' REACH u CLP.
3. Tqajjmet kuxjenza dwar l-eChem Portal tal-OECD u l-Kaxxa tal-għodda QSAR.
4. L-iżvilupp tal-kaxxa tal-għodda QSAR jimxi skont il-pjan u l-baġit.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni bis-sostenn mogħti mill-ECHA fir-rigward ta' attivitajiet internazzjonali.	Għolja	Inkjesta kull sena	High
Żieda fiż-żjarat lill-eChemPortal OECD mis-sena preċedenti.	20%	Rapport intern kull sena	896%
Livell ta' implimentazzjoni tal-moduli ppjanati kull sena tal-Kaxxa tal-għodda OECD QSAR.	90%	Rapport intern kull sena	100%

Riżultati prinċipali

- Kooperazzjoni xjentifika u teknika mal-OECD:
 - eChemPortal: hosting mill-ECHA u aġġornat biex jitratta informazzjoni ppreparata bil-verżjoni IUCLID 5.3
 - Kaxxa tal-għodda QSAR: rilaxxi fi Frar (verżjoni 2.1) u Lulju (verżjoni 2.2)
 - IUCLID: IUCLID 5.3 rilaxxat fi Frar, żewġ rilaxxi ta' manutenzjoni, verżjonijiet 5.3.1 u 5.3.2, rispettivament f'Awwissu u f'Diċembru

- Task force dwar il-valutazzjoni tal-periklu
- Task force dwar l-istima tal-espożizzjoni
- Partit tal-Ħidma dwar nano-materjali manifatturati
- Grupp tal-Ħidma tal-Koordinaturi Nazzjonali għall-Programm tal-linji gwida tat-Test.
- Memorandum ta' Ftehim dwar il-kooperazzjoni ma' NICNAS Awstralja miftiehem u ffirmat.
- Dikjarazzjoni tal-Intenzjoni mal-Ġappun miftiehem u ffirmat.
- L-ewwel proġett IPA konkluż għall-pajjiżi Kandidati.
- Diversi delegazzjonijiet minn pajjiżi terzi riċevuti u parteċipazzjoni f'għadd ta' workshops u seminars dwar REACH u CLP dwar l-istidina ta' organizzaturi differenti f'pajjiżi terzi.

4. TMEXXIJA, ORGANIZZAZZJONI U RIŻORSI

4.1. Attività 12: Il-Ġestjoni

Suċċessi Prinċipali fl-2011

Il-Bord ta' Tmexxija, li hu l-ogħla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-ECHA, iltaqa' regolarment matul is-sena f'sessjonijiet plenarji jew f'kompożizzjoni iżgħar fi ħdan wieħed mill-gruppi ta' ħidma tiegħu. Minbarra l-kompiti previsti mir-Regolament REACH, intlaħaq il-ftehim dwar xi suġġetti importanti, inkluża politika riveduta għall-ġestjoni ta' kunflitti potenzjali ta' interess u kriterji għal parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.

Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli mill-amministrazzjoni minn jum għall-ieħor tal-Aġenzija. L-iżvilupp ulterjuri ta' proċessi ta' ġestjoni u amministrattivi kompli b'pass li jirrifletti Aġenzija dejjem tikber. Sabiex tkun ippreparata tajjeb għall-volum dejjem jikber ta' kompiti tekniċi u xjentifiċi mitluba mill-Aġenzija u biex tersaq lejn deċiżjoni u teħid tal-opinjoni multipli bbażati fuq ix-xjenza, l-istruttura organizzazzjonali tal-ECHA tiddedja fil-bidu tas-sena. Inħolqot organizzazzjoni aktar orizzontali bi tliet Direttorati ġodda wara l-preparazzjonijiet mibdija fl-2010. L-implimentazzjoni mill-ġdid tal-organizzazzjoni kienet teħtieġ l-adattament ta' proċessi ta' ġestjoni għall-organizzazzjoni akbar u li tkun żgurata koordinazzjoni effiċjenti ta' attivitajiet tul id-Direttorati. L-ippjanar ta' attivitajiet f'kull livell ta' organizzazzjoni issaħħaħ biex ikunu possibbli monitoraġġ tal-prestazzjoni u ġestjoni tar-riskju aħjar.

Minn Marzu 2011, l-ECHA ippresediet it-Troika tan-Netwerk Ewropew tal-Aġenzija, li kienet tinvolvi ħafna attivitajiet ta' koordinazzjoni.

L-ECHA kellha kuntatt regolari mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mad-Direttur Eżekuttiv, flimkien mal-persunal espert, żaret lil awtoritajiet imsieħba fil-Belġju, fil-Finlandja, fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fl-Italja, fil-Polonja, fis-Slovenja u fis-Slovenja u fl-Istat Membru fil-ġejjieni tal-Kroazja. Id-Direttur Eżekuttiv iltaqa' wkoll ma' awtoritajiet Pollakki u Daniżi biex jiddiskuti l-prijoritajiet rispettivi tal-presidenzi tagħhom tal-UE. Għat-titjib ulterjuri tal-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni mal-Istati Membri, kienet organizzata l-ewwel laqgħa ta' ppjanar tad-Diretturi tal-MSCA f'Diċembru. Barra minn hekk, delegazzjonijiet minn awtoritajiet Ġermaniżi u Franċiżi żaru lill-ECHA. Viżitaturi oħra ta' livell għoli kienu jinkludu l-Kummissjonarji Janez Potočnik u Antonio Tajani, kif ukoll Membri tal-Parlament Ewropew. Kienu ffirmati Ftehimiet Kwadru għat-trasferiment ta' tariffi lil Stati Membri, marbuta max-xogħol għall-valutazzjoni tas-sustanzi u għas-sostenn ta' rapportaturi fir-rigward ta' restrizzjonijiet u applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni, u dawn kienu ffirmati ma' 27 pajjiż.

L-ECHA kompliet l-implimentazzjoni ta' sistema ta' Ġestjoni tal-Kontenut ta' Impriżi (ECM) u żviluppat proċedura ġdida li tirrigwarda l-kontroll ta' dokumenti u rekords, biex b'hekk żgurat li l-proċessi kollha li wasslu għal deċiżjoni u/jew opinjoni kienu standardizzati, ddokumentati, verifikabbli u trasparenti u d-dokumentazzjoni li tirrelata għalihom kienet trattata b'sigurtà, b'effiċjenza u f'konformità mal-leġiżlazzjoni kollha applikabbli.

Fl-2011, l-ECHA kompliet timplimenta s-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni tagħha b'żieda tal-kollaborazzjoni fir-rigward tas-sigurtà mal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri u t-timijiet ta' sigurtà tagħhom. Barra minn hekk, tqiegħdet enfasi fuq il-ġestjoni tal-kontinwità kummerċjali, b'mod parallel għall-akkwist ta' ċentru ġdid għal dejta esterna. L-ECHA żviluppat ukoll kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri għall-użu tad-dejta fid-dejtabejż REACH-IT.

L-Aġenzija kompliet l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni ta' Kwalità Integrata (IQMS) tagħha b'enfasi speċifika fuq attivitajiet fl-iżvilupp, bħall-valutazzjoni tad-dossiers u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni. Bdew verifiki interni ta' kwalità b'valutazzjoni tal-implimentazzjoni IQMS f'konnessjoni ma' analiżi tal-vojt kontra rekwiżiti ISO 9001, li ser

jippermettu t-tifsil ta' mappa li twassal għaċ-ċertifikazzjoni tal-IQMS tal-Aġenzija li tkun prodotta fl-2012. Il-preparazzjoni għall-integrazzjoni tal-Iskema ta' Eko-Ġestjoni u Verifika (EMAS) bdiet b'sessjonijiet immirati biex titqajjem kuxjenza u tingħata informazzjoni.

L-ECHA kompliet twieġeb b'mod f'waqtu għal applikazzjonijiet ippreżentati fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar aċċess pubbliku għal dokumenti. Barra minn hekk, issodisfat l-obbligi tagħha fil-qasam tal-protezzjoni ta' dejta personali, fuq il-parir tas-Supervisor Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) u tal-Uffiċċjal tagħha għall-Protezzjoni tad-Dejta (DPO).

Skont ir-Regolament Finanzjarju tal-ECHA, l-Awditur Intern għall-ECHA huwa l-Awditur Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS). L-IAS wettaq valutazzjoni tar-riskji tal-IT u verifika dwar il-ġestjoni IT tal-proġett fl-2011. Ġie żviluppat pjan ta' azzjoni bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS dwar il-ġestjoni tal-proġett tal-IT. L-IAS ikkonferma wkoll il-pjan strateġiku tiegħu ta' tliet snin li beda s-sena l-oħra bħala l-bażi għall-għażla tas-suġġett tal-verifika tal-2012.

Il-“Kapaċità ta' Verifika Interna” (IAC) lokali daħal għal żewġ verifiki biex jiżgura l-kwalità (Dokumentazzjoni tal-proċess IQMS; u l-ippjanar, ir-rappurtaġġ u l-monitoraġġ tal-proċess tal-valutazzjoni tad-dossier) u erba' verifiki ta' segwitu. Kienu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tal-verifiki ta' assigurazzjoni.

L-ECHA wettqet monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' mitigazzjoni tar-riskji tal-2011 u tejjbet il-pjanijiet ta' kontinwità kummerċjali tagħha u l-kapaċità tagħha li tiffaċċja l-kriżijiet. Ittiegħdu l-miżuri kollha għall-mitigazzjoni tar-riskji, matul is-sena, ħlief l-iżvilupp ta' strateġija biex il-persunal jinżamm għal żmien twil.

Miri u Indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija hija rregolata permezz ta' ġestjoni effiċjenti u effettiva, li tiżgura l-ippjanar kif suppost tal-attivitajiet, l-allokkazzjoni tar-riżorsi, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, is-sigurtà tal-persunal u s-sigurtà ta' assi u informazzjoni u tipprovdi assigurazzjoni tal-kwalità għar-riżultati.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Perċentaġġ ta' dokumenti statutorji ppreżentati lill-Bord ta' Tmexxija fl-iskadenzi legali.	100%	Rapport intern kull kwart	100%
Livell ta' implimentazzjoni tal-pjan annwali għall-mitigazzjoni tar-riskji.	100%	Rapport intern kull sena	80%
Perċentaġġ ta' proċeduri ta' kwalità rilaxxati lill-pubbliku skont il-pjan.	Mhux anqas minn 90%	Rapport kull sena tal-Maniġer tal-Kwalità	100%
Għadd ta' riżultati "kritiċi" mill-awdituri li jirrelataw għas-sistema ta' kontroll intern fis-seħħ.	0	Rapport kull sena tal-awdituri interni	0
Perċentaġġ ta' rakkomandazzjonijiet ta' verifika implimentati fl-iskadenza.	100%	Rapport kull sena tal-awdituri interni	100%
Għadd ta' inċidenti ta' sigurtà li għalihom inkjesta mis-servizzi ta' sigurtà tal-ECHA identifikat ċarċir ta' informazzjoni kunfidenzjali.	0	Rapporti interni	0

Riżultati Prinċipali

- Kienu organizzati erba' laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u 13-il laqgħa li jinvolvu lil membri tal-Bord ta' Tmexxija.
- Kienu organizzati żewġ laqgħat tan-netwerk inter-aġenziji li wieħed minnhom seħħ fil-bini tal-ECHA.
- Is-sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità kienet żviluppata aktar u 150 dokument effettiv ġew stabbiliti sa tmiem is-sena.
- Kien ipprovdut sostenn legali biex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet tal-ECHA huma skont ir-rekwiżiti legali; provviżjoni ta' difiża legali jew azzjoni f'13-il proċedura tal-qorti u 7 proċeduri ta' appell.
- 93 talba inizjali u ħames talbiet ta' konferma ta' "aċċess għal dokumenti", li xi wħud minnhom indirizzaw tużżani ta' dokumenti, ngħataw tweġiba skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.
- 70% tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar elenkati fl-inventarju daħlu fir-reġistru għall-Protezzjoni tad-Dejta.
- Kienet organizzata l-ewwel laqgħa ta' ppjanar tad-Diretturi tal-MSCA.
- Kien stabbilit aċċess għad-dejta fid-dejtabejż REACH-IT għal 15-il MSCAs, biex it-total wasal għal 35.
- Kienet organizzata laqgħa waħda għan-Netwerk tal-Uffiċjali ta' Sigurtà.

4.2. Attività 13: Finanzi, Akkwisti u Kontabilità

Suċċessi Prinċipali fl-2011

Id-dħul totali tal-baġit għall-ECHA fl-2011 kien jammonta għal €37.6 miljuni, ammont li rriżulta minn reġistrazzjonijiet, dħul ta' imgħaxx mir-riżerva, il-kontribuzzjoni preparatorja speċjali tal-bijoċidi mill-Kummissjoni, kif ukoll mix-xogħol ta' verifika tal-SME li sar tul is-sena. Dan id-dħul, li kien konsiderevolment ogħla milli stmat, kien ikkumplimentat b'ammont ta' bilanċ mir-riżerva akkumulata tal-2010, sabiex kienu ffinanzjati l-attivitajiet tal-ECHA fl-2011. Ir-riżervi tal-flus tal-Aġenzija mill-2010 kienu ġestiti minn żewġ kostodji esterni, ta' kwalifika għolja, bl-iskop li jkun żgurat li l-fondi jinżammu b'mod sigur u tkun żgurata wkoll diversifikazzjoni suffiċjenti tar-riskji. Dawn ippermettew lill-ECHA tirrimborsa s-sussidju tal-2010 ta' €36 miljun biż-żieda ta' dħul mill-imgħaxx lill-Kummissjoni Ewropea. Ir-riżerva li tibqa', tippermetti lill-ECHA tiffinanzja l-attivitajiet tagħha sal-bidu tal-qafas finanzjarju tal-UE li jmiss, tal-2014-2020.

Il-baġit inizjali ta' €99.8 miljuni tnaqqas mill-Bord ta' Tmexxija b' €7.1 miljun biex kien żgurat allinjament bejn l-infiq tal-baġit u dak reali. Dan it-tnaqqis tmexxa mill-postponiment ta' xi proġetti tal-IT, politika rigoruża f'termini ta' infiq tal-baġit fis-sena, kif ukoll mill-fatt li ma seħħet ebda indikazzjoni tas-salarju fl-2011. L-eżekuzzjoni totali tal-baġit kienet tammonta għal 96% għall-krediti ta' impenn tal-baġit u 81% għall-krediti tal-ħlas. L-eżekuzzjoni tal-baġit ta' 96% hija 2% taħt il-mira tal-2011, iżda tipparaguna sew mal-miri ta' 95% kif stabbiliti għall-2010 u l-2012. L-eżekuzzjoni tal-ħlas ta' 81% hija aktar mill-mira ta' 75%. Ir-rata ta' riport kienet ta' 16%, li hija sew taħt il-mira ta' 25%.

L-Aġenzija bdiet verifika sistematika tal-istatus tal-kumpaniji li kienu rreġistraw bħala SMEs fl-2010 u kienet b'konsegwenza bbenefikat minn tnaqqis SME. Kienu kkuntattjati total ta' 326 kumpanija fl-2011 u kienu kkompletati 245 verifika. Minn dawn, 80% kienu ddikjaraw ħażin id-daqs tal-kumpanija tagħhom, li kien sew aktar mill-eżitu antiċipat. Bħala riżultat minn dan ix-xogħol, kienu ffatturati total ta' €6.6 miljun tariffa u ħlasijiet matul is-sena tal-2011.

L-Aġenzija bdiet ukoll preparazzjonijiet għar-responsabbiltajiet antiċipati relatati għall-implimentazzjoni finanzjarja tar-regolamenti ġodda fl-oqsma ta' bijoċidi u – aktar tard – PIC, li jeħtieġu rappurtaġġ separat tal-baġit u ta' kontabilità. Għaldaqstant, matul is-sena, l-Aġenzija bdiet proġett pilota dwar il-kontabilità tal-ispejjeż, bl-iskop li tistabbilixxi bażi teknika għal ġestjoni bbażata fuq l-attivitajiet kif ukoll biex tiżgura li attivitajiet differenti tal-Aġenzija jista' jingħata rendikont tagħhom fuq bażi trasparenti. Ix-xogħol preparatorju kien ikkumpletat matul is-sena u l-metodoloġija kif ukoll l-applikazzjoni tal-IT kienu ttestjati. Mill-bidu tal-2012 l-approċċ tal-kontabilità tal-ispejjeż ser ikun implimentat fuq bażi sistematika għall-attivitajiet kollha tal-Aġenzija.

B'referenza għal attivitajiet ta' akkwist, madwar 350 azzjoni ta' akkwist twettqu fl-2011, bl-enfasi prinċipali fuq kuntratti relatati għall-IT. Kienu stabbiliti diversi kuntratti qafas ġodda, notevolment fl-oqsma ta' sigurtà, catering, hosting tal-IT, servizzi xjentifiċi u oħrajn. Għadd kbir ta' kuntratti speċifiċi kien stabbilit matul is-sena għat-tipi differenti ta' servizzi tal-IT, studji ta' tagħmir u xjentifiċi kif ukoll il-kuntratti meħtieġa għall-ħtiġiet amministrattivi tal-Aġenzija.

Miri u Indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija għandha ġestjoni finanzjarja tajba u effiċjenti.
2. Fatturi tal-ħlasijiet huma ġġenerati u msarrfa b'effiċjenza, u riżervi tal-flus ġestiti b'sigurtà u b'mod effettiv.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza tal-verifika	Riżultati fl-2011
L-għadd ta' riżervi fir-rapport kull sena tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.	0	Rapporti ECA/ kull sena	0
Rata ta' impenn	Mhux anqas minn 98%	Rapport finanzjarju kull xahar/ kull sena	96%
Rata ta' ħlas.	Mhux anqas minn 75%	Rapport finanzjarju kull xahar/ kull sena	81%
Rata ta' riport (ta' fondi impenjati).	Mhux aktar minn 25%	Rapport intern kull sena	16%
L-għadd ta' sentenzi tal-Qorti kontra proċeduri ta' akkwist tal-ECHA.	0	Rapport intern kull sena	0
Konformità mal-gwida tal-MB dwar riżervi ta' flus (MB/62/2010 final)	100%	Rapport intern kull kwart	100%

Riżultati prinċipali

- Ġestjoni rigoruża tal-baġit u tal-likwidità li tinkludi ħlas lura lill-Kummissjoni tas-sussidju tal-UE riċevut fl-2010.
- Mekkaniżmu għall-ġestjoni u l-investiment tar-riżervi ta' flus tal-Aġenzija f'operazzjoni.
- Bdiet il-verifika tal-istatus SME ta' kumpaniji.
- Żviluppata sistema ta' kontabilità tal-ispiża.
- Rappurtaġġ regolari lill-ġestjoni u lill-Bord Governattiv.
- Egħluq korrett tal-kontijiet tal-2010.

4.3. Attività 14: Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi

Riżultati Prinċipali fl-2011

Riżorsi umani

L-ECHA kompliet tattratta persunal bi kwalifika għolja, bi 88 persunal ġdid rekrutat matul is-sena. Dan irriżulta fil-kompletazzjoni ta' 98% tat-Tabella ta' Stabbiliment tal-Aġenzija.

L-ECHA kompliet ukoll tagħti l-attenzjoni dovuta lill-introduzzjoni u lit-taħriġ ta' persunal ġdid mad-dħul tagħhom fis-servizz. Wara sena ta' inqas enfasi fuq it-tagħlim u l-iżvilupp fl-2010, il-mira ambizzjuża ta' 10 jiem ta' taħriġ għal kull membru tal-persunal intlaħħqet fl-2011. Is-servizzi amministrattivi tal-HR kienu organizzati mill-ġdid matul is-sena biex ilaħħqu maż-żieda fil-persunal u fil-pagi u fil-ġestjoni tal-prestazzjoni, u l-amministrazzjoni tal-leave u funzjonijiet primarji oħra tal-HR kienu aġġornati għall-kapaċitajiet meħtieġa.

B'mod konġunt mas-servizzi operazzjonali, sar xogħol preparatorju għall-kompiti regolatorji ġodda għall-ECHA fil-qasam tal-Bijoċidi u l-Unità għar-Riżorsi tal-Bniedem daħlet għall-PIC. Beda studju ta' prattikabbiltà fl-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni integrata ta' Riżorsi tal-Bniedem fl-2011.

Kien hemm diversi stadji li ttieħdu lejn it-titjib taż-żamma tal-persunal, li ser iwassal lejn l-iżvilupp ta' politika ġenerali. Fl-2011, kienu implimentati diversi miżuri biex tiżdied il-mobilità fl-impiegi, jitrawwem il-benessri fuq ix-xogħol, jitjieb il-bilanċ xogħol/ħajja u jkunu żviluppanti kompetenzi ta' tmexxija għal maniġment superjuri u intermedju, kif previst fil-Programm tal-Ħidma għall-2011. It-turnover tal-persunal TA kien ta' 3%, li kien fi ħdan il-mira ta' massimu ta' 5%.

Il-maniġment tal-ECHA u l-Unità tar-riżorsi tal-Bniedem żammew relazzjoni ta' djalogu u ta' xogħol kontinwu mar-rappreżentanti tal-persunal.

Infrastruttura

Il-ġestjoni tal-infrastruttura u s-servizzi ta' faċilità kienu msaħħa aktar biex ikampaw bl-għadd ta' persunal dejjem jiżdied u biż-żieda fl-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija. Wara l-adozzjoni ta' struttura organizzazzjonali ġdida kmieni fl-2011, kien hemm allokkazzjoni mill-ġdid ta' spazji tax-xogħol u l-eliminazzjonijiet meħtieġa seħħew bl-inqas disturb tul l-ewwel nofs tas-sena.

Kienu organizzati total ta' 179 laqgħa uffiċjali jew workshops b'total ta' 6 382 parteċipant estern (+23%) fil-bini tal-konferenzi tal-ECHA. Dawn l-attivitajiet irriżultaw ukoll f'numru akbar ta' servizzi relatati għall-ivvjaġġar, ipprovduti lil esperti esterni.

Organizzaturi tal-laqgħat fl-ECHA addottaw tajjeb u approfittaw mit-tekniki ġodda ta' konferenzi virtwali. L-għadd ta' vidjokonferenzi u konferenzi oħra bbażati fuq il-web, organizzati, żdiedu għal aktar minn 60% meta mqabbla mal-2010. Konferenzi virtwali wrew li kienu effettivi ħafna fir-rigward tal-ispiża u huwa wkoll mistenni li l-użu ta' din it-teknika ser iżid notevolment fl-2012.

Sabiex jitkompla s-sostenn mal-għadd dejjem jiżdied ta' avvenimenti, il-faċilitajiet tal-laqgħat tal-Aġenzija kienu estiżi b'kamra għal-laqgħat kompletament mgħammra b'kapaċità ta' 550 parteċipant – il-kamra Marie Skłodowska Curie – li ġiet inawgurata f'Novembru 2011.

Is-sigurtà fiżika, kompitu maġġuri taħt is-Servizzi Korporattivi u prijorità ewlenija tal-Aġenzija, kompliet tirċievi l-attenzjoni dovuta fl-2011. Funzjonijiet oħra ta' servizzi korporattivi bħat-trattament tal-posta, loġistika, librerija, l-arkivjar fiżiku u l-ġestjoni tal-

ivvjaġġar komplew jipprovdu sostenn affidabbli u ta' kwalità għolja. Id-diġitalizzazzjoni prevista tal-arkivji għet posposta u ser tkun ikkunsidrata fil-kuntest ta' approċċ ġenerali diġitali tal-ġestjoni tad-dokumenti.

Miri u Indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija għandha għadd suffiċjenti ta' persunal imħarreġ sabiex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma u toffrihom ambjent tax-xogħol li jiffunzjona tajjeb.
2. L-Aġenzija għandha bini suffiċjenti u sigur ta' uffiċċji li jipprovdi ambjent tax-xogħol effiċjenti u sigur għall-persunal, u faċilitajiet li jiffunzjonaw tajjeb għal laqgħat għall-korpi u l-viżitaturi esterni tal-Aġenzija.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Perċentaġġ ta' pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment mimlija fl-aħħar tas-sena.	Mhux anqas minn 95%	Rapport intern kull sena	98%
Perċentaġġ ta' proċeduri ta' selezzjoni ppjanati għas-sena kkompletata.	100%	Rapport intern kull sena	128%
Turnover tal-Aġenti Temporanji.	Mhux aktar minn 5%	Rapport intern kull sena	3%
Għadd medju ta' jiem ta' taħriġ għal kull membru tal-persunal.	10	Rapport intern kull sena	10
Livell ta' sodisfazzjon tal-Kumitat, tal-Forum u tal-membri MB bil-funzjonament taċ-ċentru tal-konferenzi.	Għolja	Inkjesta kull sena	N/A
Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bil-faċilitajiet tal-uffiċċju u bis-servizzi ta' loġistika.	Għolja	Inkjesta kull sena	N/A

Riżultati Prinċipali

RIŻORSI UMANI

- Pagi għal persunal statutorju u ħlasijiet oħra lil persunal, SNEs u apprendisti, bejn wieħed u ieħor madwar 550 persuna.
- 22 lista ta' riżerva kienu adottati fuq il-bażi tal-proċeduri ta' selezzjoni mwettqa.
- 88 reklutaġġ ikkompletat.
- Medja ta' 10 ijiem taħriġ mogħtija lil kull membru tal-persunal.
- Valutazzjoni tal-prestazzjoni u eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid għal aktar minn 400 persunal statutorju.
- Ipprovdu pariri u assistenza lil persunal u ġestjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' HR, b'mod partikolari drittijiet individwali u l-benessri.
- Imwettqa inkjesta tal-persunal.
- Żvilupp attiv tal-persuni u l-proċessi u l-metodi tal-ġestjoni tal-prestazzjoni.

SERVIZZI KORPORATTIVI

- Kompletazzjoni tat-tagħmir tas-600 postazzjoni tax-xogħol fil-bini tal-ECHA.
- Pjan ta' allokkazzjoni tal-ispazju għall-2011 u organizzazzjoni mill-ġdid kompleta tal-uffiċċji li saret fit-tieni kwart tas-sena.
- Xiri f'waqtu ta' tagħmir, materjali u servizzi permezz ta' proċeduri xierqa ta' akkwisti.
- Kalkoli u rimborsi f'waqthom għal missjonijiet u vvjaġġar.
- Faċilitajiet siguri tal-uffiċċju.
- Ipprovdut sostenn tajjeb għal laqgħat u konferenzi.
- Tagħmir awdjo-viżiv li jiffunzjona tajjeb b'sostenn tekniku tajjeb ipprovdut.
- Servizzi postali pprovduti b'effiċjenza.
- Servizzi tal-librerija u tal-arkivji ġestiti tajjeb u b'korrettezza.
- Inventarju tal-faċilitajiet tajjeb u aġġornat.

4.4. Attività 15: Teknoloġija tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni

Suċċessi Prinċipali fl-2011

L-enfasi prinċipali matul is-sena kien fuq li jkun żgurat li l-kapaċtà infrastrutturali tal-ICT – li kienet qiegħda tilħaq il-limiti tagħha matul l-2011 – setgħet titjeb biex issostni aħjar diversi rilaxxi ġodda ta' applikazzjonijiet ta' softwer (Odyssey, RIPE, Inventarju C&L), kif ukoll issostni d-domanda ta' riżorsi tas-siti ta' produzzjoni diġà eżistenti ta' REACH-IT, il-Portal ta' Disseminazzjoni u IUCLID. Barra minn hekk, rilaxxi ġodda tas-softwer – kif ukoll il-websajt il-ġdid tal-ECHA – kellhom is-sostenn ta' sistemi ta' konsenja u ambjenti ta' servers *multi-tier* li kienu jinkludu ħardwer, dejtabejżis, midilwer, u softwer ta' applikazzjoni għal skopijiet ta' żvilupp, ittestjar u produzzjoni.

Kienu segwiti żewġ linji prinċipali ta' azzjoni, marbuta mill-qrib: l-aġġornament tal-infrastruttura ICT primarja biex ikun hemm żieda fil-prestazzjoni, fl-operazzjoni, l-estensibbiltà u fl-effiċjenza, kif ukoll arkitettura aktar effettiva ta' Disponibbiltà Għolja għas-sostenn tal-Kontinwità Kummerċjali. Id-disinn ġenerali tal-aġġornament u l-akkwisti kienu kkompletati, u ingħata bidu għas-set up inizjali, filwaqt li l-migrazzjoni mill-istruttura antika hi ppjanata li tkun finalizzata sa nofs l-2012.

Id-deċiżjoni strateġika biex is-servizzi ta' hosting jiġu esternalizzati – li ttieħdet diġà fl-2010 iżda damet minħabba proċess ta' offerti li ma rnexxiex – twettqet fl-2011 hekk kif ġie ffirmat kuntratt qafas fi tmiem is-sena. Żewġ ċentri tad-dejta ta' standard għoli li jinsabu fiż-żona 'Greater' Helsinki ser ikunu żgurati permezz tal-kuntratt ta' esternalizzazzjoni. Arkitetturi tan-netwerk u tas-sistema, kif ukoll sistemi ta' back-up, ser jesplojtaw diversi ċentri tad-dejta għal kontinwità kummerċjali u rkupru ta' diżastri.

Konnettività krittata għal informazzjoni dwar sustanzi rreġistrati, li timpjega awtentikazzjoni sigura ta' żewġ fatturi, kienet ipprovduta lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri permezz tal-portal RIPE. Fl-aħħar kwart tal-2011, beda pilota biex jingħata aċċess tal-MSCAs lil dejtabejż ċentrali ta' dossiers IUCLID. Il-pilota – tkompla fl-ewwel kwart tal-2012 – u jkopri kemm l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni ta' aċċess remot sigur użat għal REACH biex wieħed ikollu aċċess għad-dejtabejż ċentrali IUCLID kif ukoll l-użu attwali tal-istanza IUCLID ċentrali biex jitwettqu kompiti xjentifiċi. Mal-konklużjoni b'suċċess tal-pilota, issir id-distribuzzjoni kompleta lill-MSCAs kollha.

Fl-2011, ingħatat attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni ta' servizzi ġodda u sigurtà mtejjba tal-IT fl-użu ta' faċilitajiet ta' ICT għal utenti finali: kienet introdotta l-awtentikazzjoni b'żewġ fatturi għal aċċess remot għal webmail, kif ukoll dejta kriptata maħżuna lokalment fuq laptops. F'dan il-qasam, l-ECHA bdiet tibni Katalgu ta' Servizzi ICT ispirati mill-ITIL standard tal-industrija. Il-Katalgu ser ikun il-bażi għall-inġinerija tal-provviżjoni ta' servizzi u ser iservi l-iskop ta' bidu ta' ċiklu ta' titjib tal-kwalità (definizzjoni, kejl, titjib).

Fil-kuntest ta' applikazzjonijiet amministrattivi, l-Uffiċċju tal-Portafoll tal-Proġetti pprepara għodda li ssegwi l-ħin koerenti mas-setup tal-Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività u l-metodoloġija tal-Kwadru Governattiv tal-IT. L-għodda – pilotata fi tmiem is-sena – ser tintuża mill-persunal tal-ECHA biex tirreġistra ż-żmien għas-separazzjoni ta' spejjeż tal-persunal skont l-Attività u l-Proċess fil-kuntest tas-sistema ta' kontabilità tal-ispejjeż tal-Aġenzija.

Kienu implimentati applikazzjonijiet ġodda għall-Bord tal-Appell u għall-proċessi HR, filwaqt li applikazzjonijiet eżistenti inżammu fil-ħin.

Fl-aħħar, il-ġestjoni ta' sistema ta' biljetti użata b'mod partikolari mill-Ħelpdesk tal-ECHA u minn ħelpdesks nazzjonali kienet riveduta u l-pjattaforma kienet kompletament rinnovata u aġġornata, biex b'hekk ingħata sostenn aħjar lill-Ħelpdesk tal-ECHA, lill-ħelpdesk tal-ICT u lil utenti ġodda bħall-ħelp desk għal Mistoqsijiet Ġenerali.

Il-funzjoni tal-Arkitettura tal-Impriża (EA) iffukat fuq il-proġett ta' integrazzjoni u konsolidazzjoni oriġinat mill-istudju tal-EA li sar fl-aħħar tal-2010 għat-titjib tal-aċċessibbiltà, għat-tiftix u għaż-żamma ġenerali tal-pajsaġġ tas-sistemi ta' informazzjoni kummerċjali tal-ECHA, filwaqt li ppreparat għall-integrazzjoni fil-ġejjieni ta' funzjonalitajiet ġodda b'mod partikolari biex ikun ipprovdut sostenn tal-IT lil Bijoċidi.

Miri u Indikaturi

Miri

1. L-operazzjoni tal-infrastruttura teknika ICT tal-Aġenzija f'livell ta' servizz għoli biex tkun massimizzata l-kontinwità, l-effiċjenza u s-sigurtà għall-operazzjonijiet kummerċjali kollha sostnuti.
2. L-assigurazzjoni ta' approċċ arkitettoniku korporattiv konsistenti u komuni kif ukoll iż-żamma tal-aħjar Prattika fil-governanza u l-ġestjoni ta' proġetti tal-IT, u biex ikunu żgurati tweġibiet professjonali, kompetenti u f'waqthom għal kwalunkwe mill-attivitajiet kummerċjali ppjanati jew rikorrenti.

Indikaturi u Miri ta' Prestazzjoni

Indikaturi	Mira fl-2011	Mezz u frekwenza ta' verifika	Riżultat fl-2011
Disponibbiltà ta' sistemi operazzjonali għal klijenti esterni (żmien attiv).	99%	Statistiċi taċ-ċentru tad-dejta	98%
Livell ta' sodisfazzjon tal-utent bis-servizzi interni tal-IT.	Għolja	Inkjesta tal-klijenti kull sena u feedback <i>ad hoc</i>	Għoli
Livell ta' implimentazzjoni u ta' pjan ta' kontinwità kummerċjali tal-ICT b'karatteristiċi kompleti.	100%	Rapport intern kull sena	50%

Riżultati prinċipali

- Aġġornament tal-infrastruttura tal-ICT maħsuba u bidu għas-set up.
- Iffirmat il-kuntratt kwadru għal servizzi ta' hosting esternalizzati.
- Distribuzzjoni ta' miżuri għas-sigurtà tal-IT għall-użu ta' faċilitajiet ICT mill-utent finali.
- Bidu għall-katalgu tas-servizzi ICT.
- Għodda għas-segiwtu tal-ħin lesta biex tiġi distribwita.
- Sostenn effettiv għall-ġestjoni u għall-governanza tal-proġett tal-IT.
- Sostenn u manutenzjoni ta' applikazzjonijiet amministrattivi tal-IT.
- Operazzjonijiet stabbli ta' infrastruttura ICT.
- Sostenn infrastrutturali ICT għal rilaxxi ġodda ta' applikazzjonijiet ta' softwer.
- Il-Monitoaġġ u l-manutenzjoni ta' applikazzjonijiet kummerċjali prinċipali.

Annessi

Anness 1: Karta organizzazzjonali tal-ECHA; MB, Kumitat, u membri tal-Forum


Anness 2: Riżorsi Finanzjarji u Umani 2011

Anness 3: Lista tal-Kandidati ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna

Anness 4: Sustanzi rrakkomandati għal-Lista tal-Awtorizzazzjoni

Anness 5: Analiżi u valutazzjoni tal-AAR tal-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni għall-2011

Anness 1: Karta organizzazzjonali tal-ECHA; MB, Kumitat, u membri tal-Forum



Membri tal-Bord ta' Tmexxija fil-31 ta' Diċembru 2011**President: Thomas JAKL****Membri**

Thomas JAKL	L-Awstrija
Helmut DE VOS	Il-Belġju
Boyko MALINOV	Il-Bulgarija
Leandros NICOLAIDES	Ċipru
Karel BLAHA	Ir-Repubblika Ċeka
Eskil THUESEN	Id-Danimarka
Aive TELLING	L-Estonja
Pirkko KIVELÄ	Il-Finlandja
Catherine MIR	Franza
Alexander NIES	Il-Ġermanja
Kassandra DIMITRIOU	Il-Greċja
Zoltan ADAMIS	L-Ungerija
Martin LYNCH	L-Irlanda
Antonello LAPALORCIA	L-Italja
Armands PLATE	Il-Latvja
Maria TERIOSINA	Il-Litwanja
Claude GEIMER	Il-Lussemburgu
Francis E. FARRUGIA	Malta
Jan-Karel KWISTHOUT	L-Olanda
Edyta MIEGOC	Il-Polonja
Mário GRÁCIO	Il-Portugall
Ionut GEORGESCU	Ir-Rumanija
Edita NOVAKOVA	Is-Slovakkja
Simona FAJFAR	Is-Slovenja
Ana FRESNO RUIZ	Spanja
Nina CROMNIER	L-Isvezja
Arwyn DAVIES	Ir-Renju Unit

Persuni Indipendenti maħtura mill-Parlament Ewropew

Hartmut NASSAUER
Guido SACCONI

Rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni Ewropea

Heinz ZOUREK	Direttorat Ġenerali għall-Impriża u l-Industrija
Gustaaf BORCHARDT	Direttorat Ġenerali għall-Ambjent
Elke ANKLAM (JRC)	Direttorat Ġenerali ta' Ċentru Konġunt għar-Riċerka
Hubert MANDERY	Kunsill Ewropew tal-Industrija Kimika (CEFIC)
Gertraud LAUBER	Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema fil-Minjieri, tal-Industrija Kimika u tal-Enerġija (EMCEF)
Martin FÜHR	Università ta' Darmstadt

Osservaturi minn pajjiżi taż-ŻEE/tal-EFTA

Kristin Rannveig SNORRADOTTIR	L-Islanda
Henrik ERIKSEN	In-Norveġja

Membri tal-MSK – Kumitat tal-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2011**President: Anna-Liisa SUNDQUIST**

Membri	Stat ta' Kandidatura
Helmut STESSEL	L-Awstrija
Kelly VANDERSTEEN	Il-Belġju
Parvoleta Angelova LULEVA	Il-Bulgarija
Tasoula KYPRIANIDOU-LEONTIDOU	Ċipru
Pavlina KULHANKOVA	Ir-Repubblika Ċeka
Henrik TYLE	Id-Danimarka
Enda VESKIMÄE	L-Estonja
Jaana HEISKANEN	Il-Finlandja
Sylvie DRUGEON	Franza
Helene FINDENEGG	Il-Ġermanja
Aglaiia KOUTSODIMOU	Il-Greċja
Szilvia DEIM	L-Ungerija
Majella COSGRAVE	L-Irlanda
Pietro PISTOLESE	L-Italja
Arnis LUDBORZS	Il-Latvja
Lina DUNAUSKINE	Il-Litwanja
Arno BIWER	Il-Lussemburgu
Tristan CAMILLERI	Malta
René KORENROMP	L-Olanda
Linda REIERSON	In-Norveġja
Michal ANDRIJEWSKI	Il-Polonja
Maria do Carmo Ramalho Figueira PALMA	Il-Portugall
Mariana MIHALCEA UDREA	Ir-Rumanija
Peter RUSNAK	Is-Slovakkja
Tatjana HUMAR-JURIČ	Is-Slovenja
Esther MARTÍN	Spanja
Sten FLODSTRÖM	L-Isvezja
Gary DOUGHERTY	Ir-Renju Unit

Membri tar-RAC – Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji fil-31 ta' Diċembru 2011**President: José Tarazona**

Membri	Stat ta' kandidatura
Annemarie LOSERT	L-Awstrija
Karen VAN MALDEREN	Il-Belġju
Zhivka HALKOVA	Il-Bulgarija
Gera TROISI	Ċipru
Marian RUCKI	Ir-Repubblika Ċeka
Frank JENSEN	Id-Danimarka
Peter Hammer SØRENSEN	Id-Danimarka
Urs SCHLÜTER	L-Estonja
Riitta LEIXEJNN	Il-Finlandja
Elodie PASQUIER	Franza
Annick PICHARD	Franza
Helmut A. GREIM	Il-Ġermanja
Norbert RUPPRICH	Il-Ġermanja
Nikolaos SPETSERIS	Il-Greċja
Christina TSITSIMPIKOU	Il-Greċja
Katalin GRUIZ	L-Ungerija
Thomasina BARRON	L-Irlanda
Yvonne MULLOOLY	L-Irlanda
Paola DI PROSPERO FANGHELLA	L-Italja
Pietro PARIS	L-Italja
Normunds KADIKIS	Il-Latvja
Jolanta STASKO	Il-Latvja
Lina DUNAUSKIENE	Il-Litwanja
Hans-Christian STOLZENBERG	Il-Lussemburgu
Betty HAKKERT	L-Olanda
Marja PRONK	L-Olanda
Christine BJØRGE	In-Norveġja
Marianne VAN DER HAGEN	In-Norveġja
Boguslaw BARANSKI	Il-Polonja
Maria Teresa BORGES	Il-Portugall
Maria do Céu NUNES	Il-Portugall
Maria OLTEANU	Ir-Rumanija
Radu BRANISTEANU	Ir-Rumanija
Helena POLAKOVICOVA	Is-Slovakkja
Agnes SCHULTE	Is-Slovenja

Benjamin PIÑA
José Luis TADEO
Alicja ANDERSSON
Bert-Ove LUND
Stephen DUNGEY
Andrew SMITH

Spanja
Spanja
L-Isvezja
L-Isvezja
Ir-Renju Unit
Ir-Renju Unit

Membri tas-SEAC – Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika fil-31 ta' Diċembru 2011

President Attiv: Pilar Rodríguez Iglesias

Membri	Stat ta' Kandidatura
Simone FANKHAUSER	L-Awstrija
Georg KNOFLACH	L-Awstrija
Catheline DANTINNE	Il-Belġju
Jean-Pierre FEYAERTS	Il-Belġju
Elina Velinova STOYANOVA-LAZAROVA	Il-Bulgarija
Georgios BOUSTRAS	Ċipru
Jiri BENDL	Ir-Repubblika Ċeka
Lars FOCK	Id-Danimarka
Johanna KIISKI	Il-Finlandja
Jean-Marc BRIGNON	Franza
Karine FIORE-TARDIEU	Franza
Franz-Georg SIMON	Il-Ġermanja
Karen THIELE	Il-Ġermanja
Angela LADOPOULO	Il-Greċja
Dimosthenis VOIVONTAS	Il-Greċja
Endre SCHUCHTAR	L-Ungerija
Marie DALTON	L-Irlanda
Frederica CECARELLI	L-Italja
Silvia GRANDI	L-Italja
Vitalius SKARZINSKAS	Il-Litwanja
Cees LUTTIKHUIZEN	L-Olanda
Magnus Utne GULBRANDSEN	In-Norveġja
Zbigniew SLEZAK	Il-Polonja
Joao ALEXANDRE	Il-Portugall
Liliana Luminita TIRCHILIA	Ir-Rumanija
Robert CSERGO	Ir-Rumanija
Janez FURLAN	Is-Slovenja
Maria Jesus RODRIGUEZ DE SANCHO	Spanja
Asa THORS	L-Isvezja
Stavros GEORGIU	Ir-Renju Unit

Membri tal-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar fil-31 ta' Diċembru 2011

President: Szilvia Deim

Membri

Eugen ANWANDER	L-Awstrija
Paul CUYPERS	Il-Belġju
Nikolay Stanimirov SAVOV	Il-Bulgarija
Tasoula KYPRIANIDOU-LEODIDOU	Ċipru
Oldrich JAROLIM	Ir-Repubblika Ċeka
Birte Nielsen BORGLUM	Id-Danimarka
Nathali PROMET	L-Estonja
Annette EKMAN	Il-Finlandja
Luc MAURER	Franza
Katja VOM HOFE	Il-Ġermanja
Elina FOUFA	Il-Greċja
Szilvia DEIM	L-Ungerija
Bergþóra Hlíðkvist SKÚLADÓTTIR	L-Islanda
Sinead MCMICKAN	L-Irlanda
Mariano ALESSI	L-Italja
Parsla PALLO	Il-Latvja
Manfred FRICK	Liechtenstein
Viktoras SESKAUSKAS	Il-Litwanja
Jil WEBER	Il-Lussemburgu
Shirley MIFSUD	Malta
Jos VAN DEN BERG	L-Olanda
Maren WIKHEIM	In-Norveġja
Rui CABRITA	Il-Portugall
Mihaiela ALBALESCU	Ir-Rumanija
Dušan KOLESAR	Is-Slovakkja
Vesna NOVAK	Is-Slovenja
Pablo SANCHEZ-PENA	Spain
Agneta WESTERBERG	L-Isvezja
Mike POTTS	Ir-Renju Unit

Anness 2: Riżorsi Finanzjarji u Umani 2011

Numru totali ta' karigi TA okkupati fil-31.12.2011: 441

Numru totali ta' karigi CA okkupati fil-31.12.2011: 62

Persunal ieħor (Esperti Nazzjonali sekondati, interims, apprendisti) fil-31.12.2011: 46

Riżorsi finanzjarji u tal-bniedem skont l-attività (bl-esklużjoni ta' pożizzjonijiet vakanti u dawk li qed jiġu mimlija):

Attivitajiet	Riżorsi tal-Bniedem			Eżekuzzjoni tal-baġit
	AD	AST	CA	
Attivitajiet operazzjonali (Titolu III tal-Baġit)				
Attivitajiet operazzjonali – L-implimentazzjoni tal-Proċessi REACH u CLP				
Attività 1: Reġistrazzjoni, pre reġistrazzjoni u kondivizzjoni tad-dejta	28	11	8	415 615
Attività 2: Valutazzjoni	78	13	3.5	324 092
Attività 3: Awtorizzazzjonijiet u restrizzjonijiet	31.5	5	3.5	481 496
Attività 4: Klassifikazzjoni u ttikkettar	12.5	3	1	19 870
Attività 5: Konsulenza u assistenza permezz tal-gwida u l-helpdesk	22	11	5.5	309 768
Attività 6: Sostenn tal-IT lil operazzjonijiet	33.5	9	0	10 396 487
Attività 7: Konsulenza xjentifika u prattika għall-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni	9.5	1	0	19 448
Il-korpi u l-attivitajiet ta' sostenn tal-ECHA				
Attività 8: Kumitati u Forum	20	7	3	1 134 156
Attività 9: Il-Bord tal-Appell	6	3	1	25 823
Attività 10: Komunikazzjonijiet	10	10	5	5 343 270
Attività 11: Relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-kooperazzjoni internazzjonali	4	0	0	117 131
Tmexxija, organizzazzjoni u riżorsi				
Attività 12: Tmexxija	22	16	3.5	1 351 926
Total	277	89	34	
Attivitajiet 13-15: Titolu II (Infrastruttura u infiq operazzjonali)	21	54	28	12 589 579
Titolu I (infiq tal-persunal)				56 340 503
Total	298	143	62	88 869 164
Fi pjan ta' stabbiliment:	456		70	

Anness 3: Lista tal-Kandidati ta' Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna

Nru.	Isem	Numru tal-KE	Data tal-inklużjoni	Raġuni tal-inklużjoni
1	Dikromat tas-sodju	234-190-3	2008/10/28	Karċinoġenu, Mutaġenu u tossiku għar-riproduzzjoni (artikoli 57a, 57b u 57c))
2	5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene (ksilen tal-misk)	201-329-4	2008/10/28	vPvB (artikolu 57e)
3	4,4'- -dijaminodifenilmetanu (MDA)	202-974-4	2008/10/28	Karċinoġenu (artikolu 57a)
4	bis(tributiltin)ossidu(TBTO)	200-268-0	2008/10/28	PBT (artikolu 57d)
5	Kloroalkani C10-13 (Paraffini Klorurati b'katina qasira)	287-476-5	2008/10/28	PBT u vPvB (artikoli 57 d u 57 e)
6	Arsenat tat-trietil	427-700-2	2008/10/28	Karċinoġenu (artikolu 57a)
7	Ftalat tad-dibutil (DBP)	201-557-4	2008/10/28	Tossiku għar-riproduzzjoni (artikolu 57c)
8	Pentaossidu dijarseniku	215-481-4	2008/10/28	Karċinoġenu (artikolu 57a)
9	Antraċene	204-371-1	2008/10/28	PBT (artikolu 57d)
10	Arsenat tal-idroġenu taċ-ċomb	232-064-2	2008/10/28	Karċinoġenu u tossiku għar-riproduzzjoni (artikoli 57 a u 57 c)
11	Ftalat benżil butil (BBP)	201-622-7	2008/10/28	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)
12	Eżabromoċiklododekan (HBCDD) u d-dijasterjoisomeri kollha maġġuri identifikati : Alfa-eżabromoċiklododekan Beta-eżabromoċiklododekan Gamma-eżabromoċiklododekan	247-148-4 and 221-695-9	2008/10/28	PBT (artikolu 57d)
13	Pentaossidu dijarseniku	215-116-9	2008/10/28	Karċinoġenu (artikolu 57a)
14	bis (2-etilesile)ftalat (DEHP)	204-211-0	2008/10/28	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)
15	sulfat molibdat tal-kromat tal-azzar aħmar(C.I. Pigment Aħmar 104)	235-759-9	2010/01/13	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni(artikoli 57 a u 57 c)
16	Żejt tal-antraċene, antraċene baxx	292-604-8	2010/01/13	Karċinoġenu ² , Mutaġenu ³ , PBT u vPvB (artikoli 57a,

Nru.	Isem	Numru tal-KE	Data tal-inklużjoni	Raġuni tal-inklużjoni
				57b, 57d u 57e)
17	2,4-Dinitrotoluwen	204-450-0	2010/01/13	Karċinoġenu (artikolu 57a)
18	Kromat taċ-ċomb	231-846-0	2010/01/13	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni (artikoli 57 a u 57 c)
19	Żejt tal-antraċene, pasta tal-antraċene, frazzjoni tal-antraċene	295-275-9	2010/01/13	Karċinoġenu ² , Mutaġenu ³ , PBT u vPvB (artikoli 57a, 57b, 57d u 57e)
20	Żejt tal-antraċene	292-602-7	2010/01/13	Karċinoġenu ¹ , PBT u vPvB (artikoli 57a, 57d u 57e)
21	Fosfat tat-tris (2-kloruetil)	204-118-5	2010/01/13	Tossiku għar-riproduzzjoni (artikolu 57c)
22	<p>fibri taċ-ċeramika refrattarji tal-aluminosilikat</p> <p><i>Huma fibri koperti min-numru tal-indiċi 650-017-00-8 fl-Anness VI, il-parti 3, it-tabella 3.2 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet, u jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin: a) Al₂O₃ u SiO₂ huma preżenti fil-firxiet ta' konċentrazzjoni li ġejjin: Al₂O₃: 43.5 – 47 % w/w, u SiO₂: 49.5 – 53.5 % w/w, jew Al₂O₃: 45.5 – 50.5 % w/w, u SiO₂: 48.5 – 54 % w/w, b) fibri għandhom djametru medju ġeometriku skont it-tul inqas żewġ żbalji ġeometriċi standard ta' 6 mikrometri jew inqas (µm).</i></p>	-	2010/01/13	Karċinoġenu (artikolu 57a)
23	Żejt tal-antraċene, pasta tal-antraċene, frazzjonijiet ħfief tad-distillazzjoni	295-278-5	2010/01/13	Karċinoġenu ² , Mutaġenu ³ , PBT u vPvB (artikoli 57a, 57b, 57d u 57e)
24	<p>Fibri taċ-Ċeramika Refrattarji tal-Aluminosilikat taż-żirkonju</p> <p><i>Huma fibri koperti min-numru tal-indiċi 650-017-00-8 fl-AnnessVI, il-parti 3, it-tabella 3.2 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar</i></p>	-	2010/01/13	Karċinoġenu (artikolu 57a)

Nru.	Isem	Numru tal-KE	Data tal-inklużjoni	Raġuni tal-inklużjoni
	<i>u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet, u jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin: a) Al₂O₃, SiO₂ u ZrO₂ huma preżenti fil-firxiet ta' konċentrazzjoni li ġejjin: Al₂O₃: 35 – 36 % w/w, u SiO₂: 47.5 – 50 % w/w, u ZrO₂: 15 - 17 % w/w, b) fibri għandhom djametru medju ġeometriku skont it-tul inqas żewġ żbalji ġeometriċi standard ta' 6 mikrometri jew inqas (µm).</i>			
25	Żift, qatran tal-faħam, temperatura għolja.	266-028-2	2010/01/13	Karċinoġenu, PBT u vPvB (artikoli 57a, 57d u 57e)
26	Sulfokromat taċ-ċomb isfar (C.I. Pigment Isfar 34)	215-693-7	2010/01/13	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni(artikoli 57 a u 57 c))
27	Ftalat tad-diisobutil	201-553-2	2010/01/13	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)
28	Żejt tal-antraċene, pasta tal-antraċene	292-603-2	2010/01/13	Karċinoġenu ² , Mutaġenu ³ , PBT u vPvB (artikoli 57a, 57b, 57d u 57e)
29	Akrilamid	201-173-7	2010/03/30	Karċinoġenu u Mutaġenu (artikoli 57 a u 57 b)
30	Tetraborat tad-dissodju, anidru	215-540-4	2010/06/18	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57 c)
31	Dikromat tal-ammonju	232-143-1	2010/06/18	Karċinoġenu, Mutaġenu u tossiku għar-riproduzzjoni (artikoli 57 a, 57 b u 57 c)
32	tetraboron eptaossidu tad-disodju, idrat	235-541-3	2010/06/18	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57 c)
33	Dikromat tal-potassju	231-906-6	2010/06/18	Karċinoġenu, Mutaġenu u tossiku għar-riproduzzjoni (artikoli 57 a, 57 b u 57 c)
34	Trikloroetilene	201-167-4	2010/06/18	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
35	Kromat tas-sodju	231-889-5	2010/06/18	Karċinoġenu, Mutaġenu u tossiku għar-riproduzzjoni (artikoli 57 a, 57 b u 57 c)
36	Kromat tal-potassju	232-140-5	2010/06/18	Karcinoġenu and mutagenic (artikoli 57 a and 57 b).
37	Aċidu boriku	233-139-2,	2010/06/18	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57 c)

Nru.	Isem	Numru tal-KE	Data tal-inklużjoni	Raġuni tal-inklużjoni
		234-343-4		
38	Aċidi ġenerati mit-trijossidu tal-kromju u l-oligomeri tagħhom. Grupp li jinkludi: l-aċidu kromiku, l-aċidu dikromiku, oligomeri tal-aċidu kromiku u l-aċidu dikromiku	231-801-5, 236-881-5	2010/12/15	Karċinoġenu (artikolu 57a)
39	Karbonat tal-Kobalt(II)	208-169-4	2010/12/15	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni(artikoli 57 a u 57 c)
40	Diaċetat tal-Kobalt(II)	200-755-8	2010/12/15	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni(artikoli 57 a u 57 c)
41	2-Metossietanol	203-713-7	2010/12/15	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)
42	Trijossidu tal-Kromju	215-607-8	2010/12/15	Karċinoġenu u Mutaġenu (artikoli 57 a u 57 b)
43	Dinitrat tal-Kobalt(II)	233-402-1	2010/12/15	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni (artikoli 57 a and 57 c)
44	Sulfat tal-Kobalt(II)	233-334-2	2010/12/15	Karċinoġenu and Tossiku għar-riproduzzjoni(artikoli 57 a and 57 c)
45	2-Etossietanol	203-804-1	2010/12/15	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)
46	1,2,3-Trikloropropan	202-486-1	2011/06/20	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni(artikoli 57 a and 57 c)
47	1,2-aċidu benzenedikarbossikilu, esteri tal-alkil di-C7-11-f'fergħat u lineari	271-084-6	2011/06/20	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)
48	1-Metil-2-pirrolidone	212-828-1	2011/06/20	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)
49	Idrażina	206-114-9	2011/06/20	Karċinoġenu (artikolu 57a)
50	Kromat tal-istronzju	232-142-6	2011/06/20	Karċinoġenu (artikolu 57a)
51	2-aċetat tal-etossietil	203-839-2	2011/06/20	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)
52	1,2-aċidu benzenedikarbossilikilu, esteri tal-alkil di-C6-8-f'fergħat, rikki f'C7	276-158-1	2011/06/20	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57c)

Nru.	Isem	Numru tal-KE	Data tal-inklużjoni	Raġuni tal-inklużjoni
53	Diklorur tal-kobalt	231-589-4	2011/06/20 - 2008/10/28	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni (artikoli 57 a u 57 c)
54	Fibri taċ-ċeramika Refrattarji tal-aluminosilikat taż-żirkonju huma fibri koperti min-numru tal-indiċi 650-017-00-8 fl-Anness VI, il-parti 3, it-tabella 3.1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet, u jissodisfaw it-tliet kondizzjonijiet li ġejjin: a) ossidi tal-aluminju, tas-silikon utaż-żirkonju huma l-komponenti prinċipali preżenti (fil-fibri) fi ħdan firxiet ta' konċentrazzjoni varjabbli b) fibri għandhom djametru medju ġeometriku skont it-tul inqas żewġ żbalji ġeometriċi standard ta' 6 mikrometri jew inqas (µm). c) kontenut tal-ossidu tal-alkalina u ossidu tal-alkali tal-ħamrija (Na ₂ O+K ₂ O+CaO+MgO+BaO) inqas jew ugwali għal 18% skont il-piż		2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
55	Arsenat tal-kalċju	231-904-5	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
56	Eter Bis(2-metossietil)	203-924-4	2011/12/19	Tossiku għar-riproduzzjoni (artikolu 57 c)
57	Odrossioktaosodiżinkatdikromat tal-potazzju	234-329-8	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
58	Fibri taċ-ċeramika Refrattarji tal-aluminosilikat taż-żirkonju huma fibri koperti min-numru tal-indiċi 650-017-00-8 fl-Anness VI, il-parti 3, it-tabella 3.1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet, u jissodisfaw it-tliet kondizzjonijiet li ġejjin: a) ossidi tal-aluminju u tas-silikon huma l-komponenti prinċipali preżenti (fil-fibri) f'firxiet ta' konċentrazzjoni		2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)

Nru.	Isem	Numru tal-KE	Data tal-inklużjoni	Raġuni tal-inklużjoni
	<i>varjabbli b) fibri għandhom djametru medju ġeometriku skont it-tul inqas żewġ żbalji ġeometriċi standard ta' 6 mikrometri jew inqas (μm)c) kontenut tal-ossidu tal-alkalina u ossidu tal-alkali tal-ħamrija ($\text{Na}_2\text{O}+\text{K}_2\text{O}+\text{CaO}+\text{MgO}+\text{BaO}$) inqas jew ugwali għal 18% skont il-piż</i>			
59	N,N-dimetilaċetammide	204-826-4	2011/12/19	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57 c)
60	Aċidu arseniku	231-901-9	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
61	Diprikat taċ-ċomb	229-335-2	2011/12/19	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57 c)
62	1,2-dikloroetan	203-458-1	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
63	2-Metossianilina; o-Anisidina	201-963-1	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
64	Dijarsenat tat-triċomb	222-979-5	2011/12/19	Karċinoġenu u Tossiku għar-riproduzzjoni(artikoli 57 a and 57 c)
65	Oktaidrossidu tal-kromat tal-pentażingu	256-418-0	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
66	Fenol 4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)	205-426-2	2011/12/19	Livell ekwivalenti ta' tħassib li għandu effetti serji probabbli fuq l-ambjent (artikolu 57 f)
67	Formaldeide, prodotti oligomeriċi ta' reazzjoni bl-anilina	500-036-1	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
68	Ftalat Bis(2-metossietil)	204-212-6	2011/12/19	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57 c)
69	Diazide taċ-ċomb, azide taċ-ċomb	236-542-1	2011/12/19	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57 c),
70	Stifnat taċ-ċomb	239-290-0	2011/12/19	Tossiku għar-riproduzzjoni(artikolu 57 c)
71	2,2'-dikloro-4,4'-metilenedinailina	202-918-9	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
72	Fenolftaleina	201-004-7	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)
73	Tris(kromat) tad-dikromju	246-	2011/12/19	Karċinoġenu (artikolu 57 a)

Nru.	Isem	Numru tal-KE	Data tal-inklużjoni	Raġuni tal-inklużjoni
		356-2		

1) Is-sustanza ma tissodisfax il-kriterji għal identifikazzjoni bħala karċinoġen u f'sitwazzjonijiet fejn tikkontjeni inqas minn 0.005 % (w/w) benzo[a]pirene (EINECS Nru 200-028-5)

2) Is-sustanza ma tissodisfax il-kriterji għal identifikazzjoni bħala karċinoġen u f'sitwazzjonijiet fejn tikkontjeni inqas minn 0.005 % (w/w) benzo[a]pirene (EINECS Nru 200-028-5) u inqas minn 0,1 % w/w benzene (EINECS Nru 200-753-7).

3) Is-sustanza ma tissodisfax il-kriterji għal identifikazzjoni bħala mutaġen u f'sitwazzjonijiet fejn tikkontjeni inqas minn 0,1 % w/w benzene (EINECS Nru 200-753-7).

Anness 4: Sustanzi rrakkomandati għal-Lista tal-Awtorizzazzjoni

Rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) tal-20 ta' Diċembru 2011 għall-inklużjoni ta' sustanzi fl-Anness XIV (il-lista ta' sustanzi soġġetti għal awtorizzazzjoni) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006

Nru	Sustanza	Numru EC	Numru CAS	SVHC-karatteristiċi intrinżiċi rilevanti #	Arranġamenti tranżitorji				
					L-aktar data ta' applikazzjoni reċenti skont l-Artikolu 58 (1) (c) (ii)	Data ta' terminazzjoni	Perjodu ta' reviżjoni	Użijiet eżentati (kategoriji ta')	Eżenzjonijiet għal PPORD
1	trikloroetilene	201-167-4	79-01-6	Art. 57 (a); Karċinoġenu 1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 18-il xahar ¹⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
2	Trijossidu tal-kromju	215-607-8	1333-82-0	Art. 57 (a) & (b); Karċinoġenu 1A, Mutagen 1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 21 xahar ²⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
3	Aċidi ġġenerati mit-trijossidu tal-kromju u l-oligomeri tagħhom Grupp li jinkludi: L-aċidu kromiku L-aċidu dikromiku Oligomeri tal-aċidu kromiku u l-aċidu dikromiku	231-801-5 236-881-5 għadu mhux attribwit	7738-94-5 13530-68-2 għadu mhux	Art. 57 (a); Karċinoġenu 1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 21 xahar ²⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn

Nru	Sustanza	Numru EC	Numru CAS	SVHC-karatteristiċi intrinseċi rilevanti #	Arranġamenti tranżitorji		Perjodu ta' reviżjoni	Użijiet eżentati (kategoriji ta')	Eżenzjonijiet għal PPORD
					L-aktar data ta' applikazzjoni reċenti skont l-Artikolu 58 (1) (c) (i)	Data ta' terminazzjoni			
			attribwit						
4	Dikromat tas-sodju	234-190-3	7789-12-0 10588-01-9	Art. 57 (a), (b) & (c); Karċinoġenu 1B; Mutagen 1B; Tossiku għar-riproduzzjoni1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 21 xahar ²⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
5	Dikromat tal-potassju	231-906-6	7778-50-9	Art. 57 (a), (b) & (c); Karċinoġenu 1B; Mutagen 1B; Tossiku għar-riproduzzjoni1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 21 xahar ²⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
6	Dikromat tal-ammonju	232-143-1	7789-09-5	Art. 57 (a), (b) & (c); Karċinoġenu 1B; Mutagen 1B; Tossiku għar-riproduzzjoni1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 21 xahar ²⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
7	Kromat tal-potassju	232-140-5	7789-00-6	Art. 57 (a) & (b); Karċinoġenu 1B, Mutagen 1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 21 xahar ²⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
8	Kromat tas-sodju	231-889-5	7775-	Art. 57 (a), (b) &	Data tal-inklużjoni fl-	L-iktar data	Xejn	Xejn	Xejn

Nru	Sustanza	Numru EC	Numru CAS	SVHC-karatteristiċi intrinseċi rilevanti #	Arranġamenti tranżitorji		Perjodu ta' reviżjoni	Użijiet eżentati (kategoriji ta')	Eżenzjonijiet għal PPORD
					L-aktar data ta' applikazzjoni reċenti skont l-Artikolu 58 (1) (c) (ii)	Data ta' terminazzjoni			
			11-3	(c); Karċinoġenu 1B, Mutagen 1B, Tossiku għar-riproduzzjoni1B	Anness XIV biż-żieda ta' 21 xahar ²⁾	tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar			
9	Sulfat tal-kobalt(II)	233-334-2	10124-43-3	Art. 57 (a) & (c); Karċinoġenu 1B; Tossiku għar-riproduzzjoni1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 24 xahar ³⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
10	Diklorur tal-kobalt	231-589-4	7646-79-9	Art. 57 (a) & (c); Karċinoġenu 1B; Tossiku għar-riproduzzjoni1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 24 xahar ³⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
11	Dinitrat tal-Kobalt(II)	233-402-1	10141-05-6	Art. 57 (a) & (c); Karċinoġenu 1B; Tossiku għar-riproduzzjoni1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 24 xahar ³⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn
12	Karbonat tal-Kobalt (II)	208-169-4	513-79-1	Art. 57 (a) & (c); Karċinoġenu 1B; Tossiku għar-riproduzzjoni1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 24 xahar ³⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta'	Xejn	Xejn	Xejn

Nru	Sustanza	Numru EC	Numru CAS	SVHC-karatteristiċi intrinziċi rilevanti #	Arranġamenti tranżitorji		Perjodu ta' reviżjoni	Użijiet eżentati (kategoriji ta')	Eżenzjonijiet għal PPORD
					L-aktar data ta' applikazzjoni reċenti skont l-Artikolu 58 (1) (c) (ii)	Data ta' terminazzjoni			
						18-il xahar			
13	Diaċetat tal-kobalt(II)	200-755-8	71-48-7	Art. 57 (a) & (c); Karċinoġeni 1B; Tossiku għar-riproduzzjoni 1B	Data tal-inklużjoni fl-Anness XIV biż-żieda ta' 24 xahar ³⁾	L-iktar data tal-applikazzjoni reċenti biż-żieda ta' 18-il xahar	Xejn	Xejn	Xejn

Issir referenza għall-karatteristiċi identifikati SVHC skont l-Artikolu 57 tar-Regolament REACH u għall-klassifikazzjoni korrispondenti skont l-Anness VI, it-Tabella 3.1 (*Lista ta' klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati ta' sustanzi perikolużi*) tar-REGOLAMENT (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

- 1) Meta wieħed jassumi li r-Regolament tal-Kummissjoni li jinkludi s-sustanzi ta' din it-tielet Rakkomandazzjoni fl-Anness XIV ser jidħol fis-seħħ fi Frar 2013, id-data tal-applikazzjoni l-iktar reċenti tkun Awwissu 2014.
- 2) Meta wieħed jassumi li r-Regolament tal-Kummissjoni li jinkludi s-sustanzi ta' din it-tielet Rakkomandazzjoni fl-Anness XIV ser jidħol fis-seħħ fi Frar 2013, id-data tal-applikazzjoni l-iktar reċenti tkun Novembru 2014
- 3) Meta wieħed jassumi li r-Regolament tal-Kummissjoni li jinkludi s-sustanzi ta' din it-tielet Rakkomandazzjoni fl-Anness XIV ser jidħol fis-seħħ fi Frar 2013, id-data tal-applikazzjoni l-iktar reċenti tkun Frar 2015

Anness 5: Analiżi u valutazzjoni tal-AAR tal-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni għall-2011

Helsinki, 22.03.2012
MB/07/2012 finali

Analiżi U VALUTAZZJONI TAR-RAPPORT TA' ATTIVITÀ KULL SENA TAL-UFFIĊJAL TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAS-SENA 2011

IL-BORD TA' TMEXXIJA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (MB/53/2008) u b'mod partikolari l-Artikolu 40 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Programm tal-Ħidma tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena 2011 addottat mill-Bord ta' Tmexxija u l-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Settembru 2010 u aġġornat fis-16 ta' Diċembru 2010,

Wara li kkunsidra r-Rapport ta' Attività kull sena tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena 2011 kif ippreżentat lill-Bord fit-12 ta' Marzu 2012,

1. Jilqa' r-riżultati ppreżentati fir-Rapport ta' Attività kull sena tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni kif ukoll il-livell għoli ta' prestazzjoni milfuq fir-rigward tar-rilaxx tal-kompiti taħt ir-Regolament REACH (KE) 1907/2006 u r-Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008. Dan huwa rifless fil-fatt li 52 mis-66 mira ambizzjuża ta' prestazzjoni stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma tal-2011 kienu milfuqa.
2. Jifraħ lill-ECHA għax-xogħol operazzjonali mwettaq fl-2011 u, b'mod partikolari, għas-suċċessi fi:
 - (a) L-ipproċessar ta' aktar minn 3 miljun notifika C&L li jkopru aktar minn 100 000 sustanza differenti sal-iskadenza tat-3 ta' Jannar 2011, li qabeż dak li kien mistenni b'50%. Il-Bord ta' Tmexxija jinnota li l-inventarju C&L ma kinex ippubblikat fl-2011, iżda ftit wara.
 - (b) L-iffinalizzar tal-ipproċessar tad-dossiers kollha ta' reġistrazzjoni ppreżentati sal-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni fl-2010 u f'li l-persunal, il-proċeduri, l-għodod tal-IT u s-sostenn għal reġistranti kienu stabbiliti biex jippermettu r-reġistrazzjoni ħarir bi ftit rifjuti a proporzjon u, b'konsegwenza, bi ftit appelli.
 - (c) Li kien hemm l-aħjar użu mill-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi rreġistrati jew notifikati pubblikament disponibbli. Sa tmiem is-sena volum massiv u uniku ta' informazzjoni minn aktar minn 23 000 dossier ta' reġistrazzjoni li jkopru aktar minn 4 100 sustanza (jew 78% tas-sustanzi rreġistrati) kienu disponibbli mingħajr ħlas permezz tal-portal ta' disseminazzjoni fuq il-websajt tal-ECHA.

- (d) Li għamlet progress kemm bil-valutazzjoni tal-proposti ta' ttestjar kif ukoll bil-kontrolli ta' konformità tad-dossiers, bis-sostenn ta' għadd kbir ta' ftehim unanimu mill-Kumitat tal-Istati Membri.
 - (e) Il-preżentazzjoni, kif ippjanat, tal-ewwel proposta għall-Pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) għall-valutazzjoni tas-sustanzi, inklużi 91 sustanza għall-2012-2014, lill-Istati Membri u lill-Kumitat tal-Istati Membri tal-ECHA.
 - (f) Iż-żieda ta' 28 sustanza ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) mal-Lista tal-Kandidati, inklużi 11-il sustanza li għalihom l-ECHA kienet ippreparat id-dossier tal-Anness XV.
 - (g) Bagħtet it-tielet rakkomandazzjoni tagħha għal inklużjoni ta' sustanzi ta' prijorità fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni. Kienet irrakkmandata l-inklużjoni ta' tlettax-il sustanza mil-Lista ta' Kandidati. Kienet ippreparata tirċievi applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
 - (h) Addottat opinjonijiet fir-RAC u fis-SEAC dwar erba' proposti ta' restrizzjoni.
 - (i) Ikkonsenjat, skont ir-rekwiżiti legali ta' REACH, l-ewwel rapport tagħha ta' ħames snin dwar l-operazzjoni tar-Regolament REACH; il-produzzjoni tal-ewwel rapport ta' tliet snin dwar l-istatus ta' implimentazzjoni u użu ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali u strateġiji ta' ttestjar; il-preżentazzjoni taż-żewġ rapporti lill-Kummissjoni u l-pubblikazzjoni tagħhom fl-interess tat-trasparenza.
 - (j) Is-sostenn tal-implimentazzjoni ta' REACH u CLP bil-preparazzjoni ta' għodda ġdida RIPE għal awtoritajiet ta' infurzar, kif ukoll ir-rilaxx ta' verżjonijiet ġodda ta' REACH-IT, IUCLID 5 u Chesar għall-industrija.
 - (k) Sostenn għall-industrija fil-bini tal-kapaċità permezz ta' diversi għodod ta' komunikazzjoni fil-forma ta' webinars u materjali mmirati, fi 22 lingwa tal-UE.
 - (l) Il-provvediment ta' sostenn dirett lil reġistranti permezz tal-Ħelpdesk tal-ECHA u fil-produzzjoni ta' dokumenti ta' gwida aġġornati u ġodda għall-industrija u f'li għadd sostanzjali tagħhom kienu magħmula disponibbli fit-22 lingwa tal-UE sew qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni.
3. Jinnota l-kwalità għolja tal-konsulenza xjentifika pprovduta mill-Aġenzija fuq talba mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ewwel qari ta' proposta leġiżlattiva għal regolament dwar il-prodotti bijoċidali, ix-xogħol tekniku dwar l-iżvilupp ta' kwadru regolatorju għal sustanzi kimiċi fuq skala nano u dwar metodi alternattivi ta' ttestjar li jistgħu inaqqsu l-użu ta' annimali tal-ittestjar.
 4. Jilqa' li l-Aġenzija tkompli taħdem b'mod trasparenti, li l-Kumitati jinvolvu lil partijiet interessati u lil sidien tal-każijiet kif xieraq, li l-kriterji ta' eliġibbiltà għal organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati akkreditati kienu mtejjba u li l-ewwel workshop ma' dawk l-organizzazzjonijiet sar fi Brussell għall-faċilitazzjoni tal-input tagħhom fil-programmi tax-xogħol tal-ECHA.
 5. Jinnota li l-progress fl-ipproċessar tad-domandi ma ssodisfax il-mira annwali tal-ECHA iżda li kienu mqiegħda fis-seħħ miżuri biex din il-mira tintlaħaq mir-raba' kwart tal-2011.
 6. Jinnota li l-progress fl-ipproċessar tal-klejms ta' kunfidenzjalità ma laħaqx il-mira iżda li tqiegħdu fis-seħħ miżuri biex tingħata prestazzjoni soddisfaċenti fil-ġejjieni. Jinkoraġġixxi

lill-Aġenzija tagħmel tajjeb għall-backlog f'termini ta' klejms ta' kunfidenzjalità u informazzjoni addizzjonali li għandha tkun ippubblikata, skont il-parir tal-Kummissjoni.

7. Jilqa' l-inizjattiva tal-laqqgħa mal-kapijiet tal-MSAs, li ser tirriżulta f'benefiċċji ta' ppjanar aktar effettiv u l-użu ta' riżorsi tal-awtoritajiet tul l-UE.
8. Jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni ta' standards ta' kontroll interni, sistema ta' ġestjoni ta' kwalità integrata kif ukoll l-analiżi kontinwa u l-ġestjoni tar-riskji.
9. Jilqa' r-riżultati tal-valutazzjoni tal-prattikabbiltà u tal-ħtiġiet fir-rigward tat-titjib tal-aċċessibbiltà ta' SME għal komunikazzjoni mal-Aġenzija, inkluż permezz ta' REACH-IT, f'lingwi differenti u jinkoraġġixxi lill-ECHA timplimenta r-rakkomandazzjonijiet.
10. Jirrikonoxxi x-xogħol tal-Bord tal-Appell u r-Reġistru tiegħu fl-ipproċessar ta' 6 appelli.
11. Japprezza l-isforzi sostanzjali ta' reklutaġġ tal-Aġenzija, ir-reklutaġġ ta' 88 membru tal-persunal u l-mili ta' 98% tal-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment.
12. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija ħallset lura is-sussidju temporanju tal-2010 lill-Kummissjoni u setgħet tiġbor ammont ogħla tad-dħul fl-2011 milli ppjanat. Japprezza l-isforzi tal-Aġenzija fil-verifika tal-istatus SME ta' reġistranti.
13. Jifraħ lill-Aġenzija għar-rata għolja ta' eżekuzzjoni tal-krediti ta' impenn ta' 96% u jinnota li l-eżekuzzjoni tal-ħlas tilħaq il-81%.
14. Jinnota li r-rata globali ta' riport tibqa' fi kważi l-istess livell bħal fl-2010, iżda jinkoraġġixxi lill-Aġenzija biex tiegħu miżuri biex tnaqqas ir-riport sa fejn possibbli.
15. Jinnota x-xogħol kontinwu tal-Aġenzija biex issostni l-aċċess tal-awtoritajiet tal-Istati Membri għas-sistema REACH-IT, kif ukoll l-użu sigur tal-informazzjoni f'dik is-sistema.
16. Jilqa' l-mudell ġdid tal-persunal u jinkoraġġixxi lill-Aġenzija tikkumplimentah bl-aspetti finanzjarji.
17. Jilqa' l-identità korporattiva ġdida u l-websajt għall-faċilità tal-utent.
18. Jinnota l-organizzazzjoni mill-ġdid biex l-istruttura tal-Aġenzija tkun allinejata mar-rwol ta' żvilupp tagħha, inkluż għal bijoċidi u PIC.
19. Japprezza ħafna l-isforzi tat-tmexxija u tal-persunal intier biex jintlaħħqu l-miri ambizzjużi stabbiliti mir-regolamenti; japprova l-miżuri meħuda biex jindirizzaw il-livelli għoljin ta' stress fuq il-persunal fl-2010, minħabba li dan huwa ċentrali biex il-moral tal-persunal jinżamm għoli u biex jinżamm persunal ikkwalifikat ħafna.

Ħelsinki, it-23 ta' Marzu 2012

iffirmat

Għall-Bord ta' Tmexxija
Thomas JAKL

